

Kompendju tal-Awditjar

Rispons għall-COVID-19

Rapporti tal-awditjar ippubblikati bejn
Ġunju u Diċembru 2020

Il-Kumitat ta' Kuntatt tal-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar tal-Unjoni Ewropea joffri forum biex jiġu diskussi u indirizzati kwistjonijiet relatati mal-awditjar tas-settur pubbliku tal-UE. Billi jżid id-djalogu u l-kooperazzjoni fost il-membri tiegħu, il-kumitat jgħin biex l-awditjar estern tal-politiki u l-programmi tal-UE jsir aktar effettiv. Dan jgħin ukoll biex jissaħħaħ l-obbligu ta' rendikont, tittejjeb il-ġestjoni finanzjarja tal-UE u tiġi kkonsolidata l-governanza tajba, għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha tal-UE.

Kuntatt: www.contactcommittee.eu

© L-Unjoni Ewropea, 2021.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata dment li ssir referenza għas-sors.

Sors: il-Kumitat ta' Kuntatt tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-Unjoni Ewropea.

	Paġna
Daħla	6
Sommarju eżekuttiv	8
Introduzzjoni	10
PARTI I – Impatt tal-COVID-19 fuq l-UE u l-Istati Membri	12
Tliet mewġiet jiddestabilizzaw prattikament l-aspetti kollha tal-ħajja ta' kuljum	12
Għal ġewwa l-ewwel mewġa ta' kriżi multidimensjonali	14
Mis-sajf ta' tama sat-tieni mewġa	18
Minn tamiet għal vaċċin sat-tielet mewġa	20
Impatt fuq l-oqsma ta' politika magħżula f'ħarsiet ġenerali	22
Ħarsa ġenerali 1: Impatt fuq is-saħħa pubblika	23
Ħarsa ġenerali 2: Impatt fuq l-ekonomija	24
Ħarsa ġenerali 3: Impatt fuq is-suq tax-xogħol	25
Ħarsa ġenerali 4: Impatt fuq l-unitajiet domestiċi u l-individwi	26
Ħarsa ġenerali 5: Impatt fuq il-finanzi pubbliċi	27
Insawru r-rispons għall-COVID-19	28
Saħħa pubblika	28
Ekonomija u finanzji pubbliċi	35
Oqsma oħra	41
PARTI II – Ħarsa ġenerali lejn il-ħidma tas-SAIs	43
Qasam prijoritarju: Saħħa pubblika	45
Sistema nazzjonali tal-kura tas-saħħa	46
Il-Portugall – <i>Tribunal de Contas</i>	46
Assigurazzjoni statutorja tas-saħħa	49
Il-Ġermanja – <i>Bundesrechnungshof</i>	49

Akkwist pubbliku	52
Il-Belġju – <i>Rekenhof</i>	52
Ċipru – <i>Ελεγκτική Υπηρεσία της Δημοκρατίας</i>	54
Inventarju tat-tagħmir mediku	57
Is-Slovakkja – <i>Najvyšší kontrolný úrad Slovenskej republiky</i>	57
Informazzjoni pubblika	60
Il-Latvja – <i>Valsts kontrole</i>	60
Qasam prijoritarju: Diġitalizzazzjoni	63
Sistema edukattiva	64
Il-Latvja – <i>Valsts kontrole</i>	64
Amministrazzjoni tal-gvern	67
In-Netherlands – <i>Algemene Rekenkamer</i>	67
Qasam prijoritarju: Rispons soċjoekonomiku	70
Negozji	71
In-Netherlands – <i>Algemene Rekenkamer</i>	71
Skemi ta' assenza bil-permess	73
Il-Latvja – <i>Valsts kontrole</i>	73
Immaniġġjar ta' kriżijiet u ta' emerġenzi	76
Il-Litwanja – <i>Valstybės kontrolė</i>	76
Ir-rispons ekonomiku tal-UE	79
L-Unjoni Ewropea – <i>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri</i>	79
Qasam prijoritarju: Finanzi pubbliċi u r-riskji assoċjati	83
Finanzi pubbliċi u riskji relatati	84
In-Netherlands – <i>Algemene Rekenkamer</i>	84
L-Iżvezja – <i>Riksrevisionen</i>	86
Riskji fl-implimentazzjoni tal-baġit	89
Il-Portugall – <i>Tribunal de Contas</i>	89
Qasam prijoritarju: Rispons ġenerali f'livelli differenti tal-Gvern	91
Il-livelli kollha tal-Gvern	92
Ir-Rumanija – <i>Curtea de Conturi a României</i>	92
Gvern lokali	95
Il-Portugall – <i>Tribunal de Contas</i>	95

Werrej

5

**Anness – Lista sfiha ta' publikazzjonijiet relatati mal-
COVID mis-SAIs tal-UE fl-2020**

98

Abbrevjazzjonijiet

106

Glossarju

108

Daħla

L-2020 kienet sena ferm mhux tas-soltu, xejn inqas. Il-pandemija globali tal-COVID-19 ġabet kriżi mingħajr preċedent, kemm tas-saħħa kif ukoll tal-ekonomija. Fost il-ħafna impatti tagħha, il-kriżi affettwat b'mod konsiderevoli l-ħidma tal-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar (SAIs) madwar id-dinja, u s-SAIs membri tal-Kumitat ta' Kuntatt ma kinux eċċezzjoni. Is-SAIs tal-UE rreaġew malajr għall-kriżi u ddeċidew li jallokaw riżorsi sostanzjali – kemm immedjatament kif ukoll fis-snin li ġejjin – għall-valutazzjoni u l-awditjar tar-rispons għall-COVID-19. Dan il-Kompendju tal-Awditjar jagħti ħarsa ġenerali lejn il-pubblikazzjonijiet rilevanti tas-SAIs maħruġa fl-2020 u b'hekk jirrifletti r-rispons immedjat tas-SAIs tal-UE għall-kriżi.

Il-Kompendju huwa wkoll ir-riżultat tal-ewwel *Awditu tan-Network tal-UE*, forma ġdida ta' kooperazzjoni tal-awditjar fost is-SAIs tal-UE li tiffoka fuq oqsma ta' politika magħżula b'mod strateġiku, jew fuq avvenimenti eċċezzjonali li qed ikollhom jew li x'aktarx ikollhom impatt sinifikanti fuq is-soċjetajiet tagħna.

It-tip tradizzjonali ta' kooperazzjoni tal-awditjar internazzjonali huwa awditjar parallel, li jirrikjedi approċċi tal-awditjar allinjati kompletament. Il-vantaġġ kbir tal-*Awditu tan-Network tal-UE* huwa li dan jippermetti koordinazzjoni aktar flessibbli fost il-parteċipanti, li jfisser li min-naħa tagħhom dawn jistgħu jiffukaw aħjar fuq sitwazzjonijiet u ħtiġijiet (nazzjonali) speċifiċi. Minħabba t-tfixkil li kkawżat u l-impatt prevedibbli tagħha għal żmien medju sa twil fuq l-UE u l-Istati Membri tagħha, il-pandemija hija tema ovvja għal dan it-tip ġdid ta' kooperazzjoni.

Fil-fehma tiegħi, dan il-proġett pilota bbenefika ferm mill-promozzjoni usa' ta' skambji professjonali dwar l-isfidi l-ġodda ppreżentati mill-pandemija. Pereżempju, fuq l-inizjattiva tas-SAIs tal-Finlandja u tar-Renju Unit, il-Grupp tal-Proġett fil-EUROSAI dwar il-COVID-19¹ żviluppa għadd kbir ta' attivitajiet biex jippromwovi l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-appoġġ reċiproku dwar ideat, approċċi u esperjenzi rilevanti tal-awditjar.

Il-Kompendju jibda b'introduzzjoni ġenerali għall-pandemija u b'sommarju tal-effetti tagħha fuq l-Istati Membri tal-UE, inklużi r-risponsi li din skattat. Din hija segwita minn ħarsa ġenerali lejn ix-xogħol tal-awditjar imwettaq u rappurtat fl-2020 minn 11-il SAI tal-UE f'5 oqsma prijoritarji: is-saħħa pubblika, id-diġitalizzazzjoni, ir-rispons soċjoekonomiku, il-finanzi pubbliċi u r-riskji assoċjati, u r-rispons ġenerali f'livelli differenti tal-gvern.

¹ Grupp tal-Proġett fil-EUROSAI dwar l-Awditjar tar-Rispons għall-Pandemija tal-COVID-19

Aħna nittamaw li l-ħidma u d-dedikazzjoni tagħna, għat-titjib tal-prestazzjoni pubblika u tal-obbligu ta' rendikont madwar l-UE, jistgħu jgħinu biex itejbu t-twassil tas-servizzi pubbliċi għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha tal-UE.



Klaus-Heiner Lehne

Il-President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri
Il-President tal-Kumitat ta' Kuntatt

Sommarju eżekuttiv

I Il-pandemija tal-COVID-19 hija waħda mill-aktar kriżijiet tas-saħħa fixkiela li qatt rat id-dinja, peress li kellha impatt kbir fuq is-soċjetà, l-ekonomiji u l-individwi kullimkien. Kwalunkwe valutazzjoni tal-impatt tagħha fuq l-UE u l-Istati Membri tista' tkun biss – fl-aħjar każ – pjuttost tentattiva f'dan l-istadju, iżda xi aspetti diġà jispikkaw b'mod ċar ħafna:

- o in-natura multidimensjonali tal-kriżi;
- o l-impatt sostanzjali u fixkiel tagħha fuq l-UE fl-intier tagħha;
- o l-impatt asimmetriku tagħha fuq Stati Membri differenti, iżda wkoll fil-livell reġjonali u f'dak saħansitra lokali, kemm jekk f'waqtu, kif ukoll jekk kwantitattivament jew kwalitattivament.

II Fil-biċċa l-kbira miż-żoni affettwati b'mod gravi mill-pandemija, l-UE għandha biss setgħa limitata biex tagħxi. Dan huwa parzjalment minħabba li l-kompetenza għas-saħħa pubblika mhijiex esklużiva għall-UE, u parzjalment minħabba li ftit kien hemm tnejn jew kunsens inizjali fost l-Istati Membri dwar rispons komuni. Minħabba l-asimmetrija inizjali tal-kriżi u n-nuqqas ta' approċċ ikkoordinat tal-UE, il-gvernijiet nazzjonali u reġjonali aġixxew b'mod indipendenti meta stabbilew miżuri ta' prevenzjoni u ta' konteniment, meta akkwistaw tagħmir protettiv personali jew meta stabbilew pakketti ta' rkupru u skemi ta' żamma tal-impjeggi biex jimmitigaw il-konsegwenzi soċjoekonomiċi.

III Madankollu, wara bidu diffiċli, jidher li l-UE u l-Istati Membri tejbu l-koordinazzjoni tagħhom billi aġixxew b'mod aktar komplementari biex jimmitigaw l-effetti tal-kriżi. L-aħjar prova ta' dan kienet il-ftehim dwar l-istrument għall-irkupru *NextGenerationEU*, l-akbar u l-aktar wieħed prominenti li qatt sar, li permezz tiegħu l-UE daħlet f'territorju mhux familjari biex tindirizza l-isfidi u l-konsegwenzi fit-tul tal-pandemija.

IV Dan il-Kompendju juri li s-SAls tal-Istati Membri u tal-QEA rreaġew malajr għall-kriżi attwali u issa wettqu ħafna attivitajiet tal-awditjar u tal-monitoraġġ. Minbarra dawk it-48 li ġew ikkompletati fl-2020, aktar minn 200 attività tal-awditjar oħra għadhom għaddejjin jew huma ppjanati, u se jiġu ffinalizzati fl-2021 jew fl-2022.

V Il-Kompendju fih sommarji ta' 17-il rapport ippubblikati fl-2020 minn 11-il SAI tal-UE², miġbura flimkien skont 5 oqsma prijoritarji: is-saħħa pubblika, id-diġitalizzazzjoni, ir-rispons soċjoekonomiku, il-finanzi pubbliċi u r-riskji assoċjati, u r-rispons ġenerali f'livelli differenti tal-gvern.

² Is-SAIs tal-Belġju, ta' Ċipru, tal-Ġermanja, tal-Latvja, tal-Litwanja, tan-Netherlands, tal-Portugall, tar-Rumanija, tas-Slovakkja, tal-Iżvezja, u tal-QEA.

Introduzzjoni

1 Il-pandemija tal-COVID-19 hija waħda mill-aktar kriżijiet tas-saħħa fixkiela li qatt rat id-dinja, peress li kellha impatt kbir fuq is-soċjetà, l-ekonomiji u l-individwi kullimkien. Din hija theddida għall-ħajja taċ-ċittadini tal-UE, u żiedet ukoll il-piż fuq is-sistemi tas-saħħa pubblika tagħna u wasslet għal treġġigħ lura f'daqqa fit-*tkabbir*. L-attività ekonomika rat deċellerazzjoni drastika sa nofs l-2020, u dan wassal għal żieda f'daqqa fil-qgħad. F'konformità mal-prijoritajiet inizjali stabbiliti mill-Kunsill Ewropew, il-miżuri meħuda mill-UE biex jitnaqqas l-impatt tal-COVID-19 iffukaw fuq il-limitazzjoni tat-tixrid tal-virus, l-iżgurar ta' provvisti ta' tagħmir mediku, l-għajjnuna lir-riċerkaturi biex isibu vaċċin malajr, u l-għajjnuna lill-Istati Membri biex ilaħħqu mad-diffikultajiet soċjali u ekonomiċi li dawn kienu qed jesperjenzaw³.

2 Minħabba li, fost fatturi oħra, il-virus ixxerred f'pajjiżi differenti b'rati differenti, dan kellu impatt asimmetriku fi ħdan l-UE. Dan, flimkien man-nuqqas ta' approċċ ikkoordinat tal-UE fil-bidu tal-pandemija, kien ifisser li l-gvernijiet nazzjonali adottaw firxa wiesgħa ta' miżuri u approċċi differenti biex iżommu l-virus taħt kontroll, jissalvagwardjaw is-sistemi tas-saħħa pubblika u jiproteġu lir-residenti. Ir-reazzjoni kienet tinkludi l-għeluq tal-fruntieri, lockdowns sħaħ u parzjali, u miżuri stretti ta' iġjene u ta' sikurezza. Mil-lat soċjoekonomiku, sar disponibbli appoġġ fiskali enormi biex jiġu protetti n-negozji, l-unitajiet domestiċi u l-individwi f'riskju.

3 Fl-istess ħin, l-Istati Membri introduċew miżuri biex isaħħu l-finanzi lokali u reġjonali u taffew ir-regoli fiskali. Sa fejn setgħu, il-gvernijiet nazzjonali ħabbru wkoll pakketti ta' rkupru tal-investment li, meħuda flimkien, diġà jiswew ferm aktar minn dawk adottati fil-kriżi finanzjarja tal-2008⁴. Dawn l-investimenti pubbliċi huma maħsuba biex jimmitigaw l-effetti negattivi tal-lockdowns u biex jipprovdu stimolu ekonomiku rapidu biex tinżamm u, f'xi oqsma ta' politika, saħansitra tittejjeb is-sitwazzjoni ta' qabel il-kriżi. Il-biċċa l-kbira mill-infiq għall-irkupru jagħti prijorità lis-saħħa pubblika, lid-diġitalizzazzjoni, lill-protezzjoni soċjali u – xi drabi b'mod mhux diskriminatorju, xi drabi biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni ekoloġika – lill-ekonomija usa'.

³ Il-Kunsill Ewropew, il-*Konklużjonijiet mill-President tal-Kunsill Ewropew wara l-vidjokonferenza dwar COVID-19*, 10.3.2020.

⁴ Il-Kummissjoni Ewropea, *Questions and answers: Communication on fiscal policy response to coronavirus pandemic*, 3.3.2021.

4 Il-fini ta' din il-ħarsa ġenerali mhuwiex li tiddekrivi l-aspetti kollha tal-ġenesi u t-tixrid tal-coronavirus, jew li tindirizza b'mod komprensiv l-impatt tiegħu fuq l-UE u l-Istati Membri, inkluż ir-rispons tagħhom⁵, iżda pjuttost li tipprovdi fehim tal-kuntest ġenerali u tal-kundizzjonijiet li fihom is-SAIs wettqu l-ħidma tagħhom. Għalhekk, il-**PARTI I – Impatt tal-COVID-19 fuq l-UE u l-Istati Membri** tiffoka fuq l-impatt f'oqsma magħżula madwar l-UE u fuq l-azzjoni meħuda, l-aktar fil-livell tal-UE, biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-saħħa, dawk soċjoekonomiċi u dawk fiskali. Barra minn hekk, bl-għarfien li kważi kwalunkwe valutazzjoni tal-impatt tista' tkun, fl-aħjar każ, pjuttost tentattiva għalissa, ħloqna serje ta' ħarsiet ġenerali biex nuru n-natura multidimensjonali tal-kriżi, iżda wkoll l-impatt sostanzjali tagħha, jekk mhux asimmetriku, fuq l-UE u l-Istati Membri tagħha. Peress li l-miżuri nazzjonali huma fil-biċċa l-kbira differenti minn Stat Membru għal ieħor, u peress li l-kwalità u l-kwantità tad-*data* disponibbli ma jippermettux tqabbil sinifikanti, aħna niġbdu l-attenzjoni biss għal ftit miżuri nazzjonali f'oqsma li kienu s-suġġett ta' awditi minn SAIs individwali.

5 Fl-2020, 11-il SAI tal-UE⁶ ppubblikaw 48 rapport dwar firxa wiesgħa ta' miżuri meħuda fil-livell nazzjonali u supranazzjonali b'rispons għall-COVID-19. Il-**PARTI II – Ħarsa ġenerali lejn il-ħidma tas-SAIs** fiha sommarji ta' 17 minn dawk ir-rapporti, miġbura flimkien skont 5 oqsma prijoritarji. Kull sommarju jagħti l-kuntest u r-raġunijiet għall-attività tal-awditjar, kif ukoll xi sejbiet u konklużjonijiet prinċipali. Sabiex il-Kompendju jinżamm f'tul maniġibbli, kull SAI kkontribwiet dettalji ta' rapport wieħed biss għal kull qasam prijoritarju u mhux aktar minn tlieta b'kollox. L-**Annex – Lista sħiħa ta' pubblikazzjonijiet relatati mal-COVID mis-SAIs tal-UE fl-2020** jipprovdi lista sħiħa tal-pubblikazzjonijiet rilevanti kollha tas-SAIs fl-2020.

6 Dan il-Kompendju juri li l-SAIs tal-Istati Membri u tal-QEA rreaġew malajr għall-kriżi attwali. Dawn wettqu ħafna attivitajiet tal-awditjar u tal-monitoraġġ li kienu rilevanti ħafna minn meta l-pandemija laqtet il-kontinent. Minbarra dawk li ġew ikkompletati fl-2020, aktar minn 200 attività tal-awditjar oħra għadhom għaddejjin jew huma pplanati, u se jiġu ffinalizzati matul l-2021 jew l-2022.

⁵ Peress li l-Kompendju tal-Awditjar huwa pubblikazzjoni diġitali u s-suġġett qed jevolvi l-ħin kollu, għal aktar qari qed noffru links għall-aktar sorsi online rilevanti li aħna kkonsultajna waqt l-abbozzar ta' din l-edizzjoni. Huwa probabbli li l-informazzjoni wara dawk il-links tiġi aġġornata regolarment.

⁶ Is-SAIs tal-Belġju, ta' Ċipru, tal-Ġermanja, tal-Latvja, tal-Litwanja, tan-Netherlands, tal-Portugall, tar-Rumanija, tas-Slovakkja, tal-Iżvezja, u tal-QEA.

PARTI I – Impatt tal-COVID-19 fuq l-UE u l-Istati Membri

Tliet mewġiet jiddestabilizzaw prattikament l-aspetti kollha tal-ħajja ta' kuljum

7 Fi tmiem l-2019, l-awtoritajiet lokali tas-saħħa f'Wuhan (iċ-Ċina) irrappurtaw cluster ta' każijiet tal-pulmonite. Ix-xjenzati identifikaw il-kawża bħala coronavirus ġdid, u dawn uffiċjalment semmewh "coronavirus tas-sindromu respiratorju akut gravi 2" (SARS-CoV-2). Biex tiġi evitata l-konfużjoni mal-virus oriġinali tas-SARS, li l-ewwel ixxerred maċ-Ċina u ma' erba' pajjiżi oħra fl-2003, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) ħabbret l-isem tal-marda l-ġdida bħala "COVID-19". Billi l-virus jixxerred faċilment minn persuna għal oħra, dan mexxa malajr madwar id-dinja. Fit-30 ta' Jannar 2020, il-WHO ddikjarat it-tifqigħa bħala "Emerġenza tas-Saħħa Pubblika ta' Tħassib Internazzjonali", filwaqt li sussegwentement irrikonoxxietha bħala pandemija fil-11 ta' Marzu. Ix-xjenzati ġeneralment jaqblu li l-COVID-19 huwa kemm aktar faċilment trażmissibbli kif ukoll aktar qattiel minn, pereżempju, viruses oħra tas-SARS jew influwenza stagjonali⁷.

8 Bejn Marzu 2020 u April 2021, il-pandemija faqqgħet fi 3 mewġiet, u kkawżat aktar minn 30 miljun każ u 712 000 mewta fl-UE biss⁸ (ara [Ħarsa ġenerali 1: Impatt fuq is-saħħa pubblika](#)). F'April 2020, fil-quċċata tal-ewwel mewġa, l-Istati Membri fl-Ewropa tal-Punent kienu l-aktar affettwati. Madankollu, it-tieni u t-tielet mewġiet (Novembru 2020 u Jannar 2021) kellhom impatt akbar fuq il-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u dawk tal-Ewropa tal-Lvant, li fil-biċċa l-kbira kienu skansaw l-ewwel mewġa u issa kienu qed jiffaċċjaw rata tal-infezzjoni dejjem teskala⁹.


Iklikkja fuq il-link għal aktar informazzjoni dwar l-iżviluppi globali fir-rigward tal-COVID-19.

⁷ Il-WHO, *Coronavirus disease (COVID-19): Similarities and differences with influenza*, 17.3.2020.


⁸ L-ECDC, *COVID-19 situation update for the EU/EEA*, 26.5.2021.

⁹ L-LSE, *Incorporating complexity into policy learning: The case of Covid-19 in Europe*, 22.2.2021.

Figura 1 – Każijiet tal-COVID-19 għal kull reġjun



Total tal-każijiet skont ir-reġjun fit-2 ta' Mejju 2021 (f'miljuni)



Sors: il-QEA, ibbażat fuq data pprovduta minn *Our World in Data*.

Għal ġewwa l-ewwel mewġa ta' kriżi multidimensjonali


9 Dik li kienet bdiet bħala kriżi tas-saħħa żviluppat malajr fi kriżi soċjoekonomika, skattata minn sforzi biex jiġi kkontrollat it-tixrid u jiġu salvati l-ħajjiet. B'rispons għall-ewwel mewġa, u fin-nuqqas ta' approċċ ikkoordinat tal-UE, il-gvernijiet u l-awtoritajiet tal-Istati Membri ħadu azzjoni unilaterali immedjata, eż. billi għalqu b'mod indipendenti l-fruntieri nazzjonali jew akkwistaw tagħmir protettiv u mediku għall-użu esklużiv tal-popolazzjonijiet tagħhom. Biex ikompli jitnaqqas it-tixrid, ġew stabbiliti diversi miżuri ta' prevenzjoni u ta' konteniment, bħat-tbegħid soċjali, l-użu obligatorju ta' maskri protettivi tal-wiċċ, u sanitizzaturi tal-idejn kullimkien. Il-lockdowns – li jvarjaw minn miżuri selettivi sa shutdowns sħaħ – kellhom impatt enormi fuq l-attività personali u ekonomika. Madankollu, kien hemm differenzi konsiderevoli bejn l-Istati Membri, u anke bejn ir-reġjuni, f'termini tal-istrettezza u l-firxa ta' dawn il-miżuri kollha.

10 Fl-ewwel nofs tal-2020, prattikament is-setturi ekonomiċi kollha ġew affettwati (ara l-**Figura 2**), billi n-negozji u l-fabbriki, ir-ristoranti u l-ħwienet tax-xorb, it-teatri u l-faċilitajiet sportivi ġew ordnati jagħlqu. Is-settur tas-servizzi, partikolarment it-trasport, il-bejgħ bl-imnut, il-kummerċ, id-divertiment u l-ospitalità (ara l-**Kaxxa 1**), ġarrab telf finanzjarju kbir. Il-PDG tal-EU-27 naqas bi 11.2 %¹⁰, sinjal li din hija l-aktar kriżi ekonomika serja mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn (ara **Ħarsa ġenerali 2: Impatt fuq l-ekonomija**).

Ikklikkja fuq il-link għal aktar informazzjoni dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq l-industriji tal-UE.

¹⁰ Il-Eurostat, *Euroindicators 53/2021*, 30.4.2021.

Figura 2 – Bidliet fil-volum tal-valur miżjud gross, 2019-2020



Sors: il-QEA, abbażi ta' data pprovduta mill-Eurostat.

11 Il-lockdowns, il-kwarantini u l-iżolament volontarju wasslu għal bidla sostanzjali fis-suq tax-xogħol. Kull fejn u kull meta kien possibbli, it-telexogħol sar ir-regola. Meta dan ma setax isir, sar meħtieġ li jiġu imposti assenzi temporanji, sensji jew sigħat tax-xogħol imnaqqsa. L-ewwel nofs tal-2020 ra l-akbar tnaqqis minn trimestru għal ieħor ta' dan is-seklu fir-rata tal-impjegi tal-UE, minn 73 % (Q1) għal 72 % (Q2)¹¹, li jammonta għal aktar minn 1 000 000 Ewropew addizzjonali mingħajr impjieg. Aktar minn 19-il miljun ġew temporanjament issensjati, u t-total tas-sigħat attwali maħduma naqas b' medja ta' 15 %¹². Madankollu, il-livelli tal-qgħad żdiedu aktar bil-mod u b' mod inqas qawwi, u dan irrifletta r-rata ta' adozzjoni għolja ta' skemi ta' żamma tal-impjegi

¹¹ Il-Eurostat, *Stqarrija għall-istampa Nru 150/2020*, 8.10.2020.

¹² Il-Eurostat, *Hours of work in detail – quarterly statistics*, data estratta f'April 2021.

u għadd akbar ta' ħaddiema li telqu mis-suq tax-xogħol¹³ (ara wkoll **Ħarsa ġenerali 3: Impatt fuq is-suq tax-xogħol**).

Ikklikkja fuq il-link għal aktar informazzjoni dwar l-impjiegi u l-iżviluppi soċjali.

12 Dan it-taqlib kollu kellu impatt sostanzjali fuq il-pagi, billi dan kien ifisser telf fl-introjtu fl-Istati Membri kollha ta' bejn 1 % u 12 %¹⁴ tal-qligħ totali għal kull ħaddiem. Madankollu, kien hemm ukoll varjazzjoni soċjoekonomika sinifikanti, billi l-gruppi b'introjtu baxx bħall-ħaddiema żgħażaġh u temporanji ġew affettwati l-aktar. Bosta skemi ta' remunerazzjoni u ta' żamma tal-impjiegi (eż. SURE, ara l-paragrafu **36** u l-**Figura 8**) immitigaw l-aġħar effetti fuq l-unitajiet domestiċi billi għenu biex jitnaqqas it-telf kumplessiv fl-introjtu.

Ikklikkja fuq il-link għal aktar informazzjoni dwar it-telf fl-introjtu.

¹³ II-BĊE, *The impact of the COVID-19 pandemic on the euro area labour market*, 7.1.2021.


¹⁴ Abbażi tal-bidla minn sena għal oħra, 2019-2020. II-Eurostat, *Impact of COVID-19 on employment income – advanced estimates*, data estratta f'Ottubru 2020.

Kaxxa 1

Il-COVID-19 u s-settur tat-turiżmu, 2020

L-Organizzazzjoni Dinjija tat-Turiżmu tan-Nazzjonijiet Uniti (UNWTO) tippubblika regolarment il-World Tourism Barometer. Skont l-aġġornament ta' Marzu 2021, il-wasliet internazzjonali tat-turisti naqsu bi 73 % (aktar minn 900 miljun turist inqas) fl-2020 biss¹⁵, u dan ħalla impatt sinifikanti fuq id-dħul tal-lukandi u tar-ristoranti, tal-operaturi turistiċi, tal-aġenziji tal-ivvjaġġar, tal-kruċieri u tal-linji tal-ajru, u pperikola direttament aktar minn 174 miljun impjieg¹⁶ – inklużi aktar minn 10 miljun fl-UE¹⁷. Skont l-OECD, il-Greċja, il-Portugall, l-Awstrija, Spanja u l-Italja, li huma partikolarment dipendenti fuq it-turiżmu f'diversi livelli, kienu l-aktar probabbli li jgħidfu porzjon sostanzjali mill-PDG tagħhom, b'konsegwenzi ekonomiċi u soċjali dannużi¹⁸.

Figura 3 – Bidla fil-valur mistenni tat-turiżmu, 2019-2020



Sors: il-QEA, ibbażat fuq it-Tbassir tax-Xitwa tal-Kummissjoni (2021).

Fix-xenarji estiżi tagħha għall-perjodu 2021-2024, il-UNWTO tipproġetta rikorrenza fit-turiżmu internazzjonali sat-tieni nofs tal-2021. Minkejja dan, skontha, ritorn għal-livelli tal-2019 f'termini ta' wasliet internazzjonali jista' jieħu minn sentejn u nofs sa erba' snin¹⁹.

Mis-sajf ta' tama sat-tieni mewġa

13 F'dan il-kuntest, ir-riżultati pożittivi tal-miżuri ta' lockdown, flimkien mat-tamiet għal vaċċin u t-temp tas-sajf, ħeġġew l-istennija li l-pandemija jaf ma ddumx ma tgħaddi. F'Ġunju 2020, l-UE u l-Istati Membri bdew itaffu progressivament ir-restrizzjonijiet soċjali u ekonomiċi tagħhom. L-għadd dejjem jonqos ta' każijiet u mwiet tal-COVID-19, rikorrenza qawwija fil-PDG tal-EU-27 (żieda bi 11.5 %²⁰ bejn it-tieni u t-tielet trimestri tal-2020) u l-livelli tal-impjegi dejjem jiżdiedu donnhom ikkonfermaw it-twemmin li punt ta' bidla kien intlaħaq. L-affarijiet reġġu lura bil-mod għal dak li jista' jissejjaħ "normalità b'restrizzjonijiet". Bil-kundizzjoni li dawn jistabbilixxu ċerti restrizzjonijiet tas-saħħa u s-sikurezza, il-ħwienet tax-xorb u r-ristoranti reġġu fetħu, l-avvenimenti soċjali u kulturali kienu permessi, u saħansitra l-ivvjaġġar reġa' sar possibbli.

14 L-ottimiżmu tax-xhur tas-sajf intemm f'salt fil-ħarifa meta t-tieni mewġa, fil-biċċa l-kbira xprunata minn varjant aktar infettiv u aktar qattiel li kien ġie identifikat għall-ewwel darba fir-Renju Unit, ħassret it-tamiet kbar kemm tan-nies kif ukoll tal-politiċi. Kif kienu wisew ix-xjenzati, ir-rati tal-infezzjonijiet u tal-imwiet żdiedu f'daqqa għal livelli mingħajr preċedent. Il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri reġġu daħħlu l-miżuri ta' lockdown u l-projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, għalkemm fil-biċċa l-kbira mill-każijiet dawn kienu inqas gravi u spiss imposti b'mod kemxejn inċert, billi n-nies kienu għejjew u kienu qed isibuha aktar bi tqila li jappoġġaw u jikkonformaw mar-regoli u r-restrizzjonijiet li kienu tqiegħdu fis-seħħ.

¹⁵ Il-UNWTO, *Impact assessment of the COVID-19 outbreak on international tourism*.

¹⁶ Id-WTTC, "174m Travel & Tourism jobs could be lost due to COVID-19 and travel restrictions", *says WTTC*, 29.10.2020.

¹⁷ Il-Kummissjoni Ewropea, *Tourism and employment: how the severity of future coronavirus waves could impact jobs*, 26.8.2020.

¹⁸ Il-Parlament Ewropew, *Mistoqsijiet parlamentari*, 15.4.2020.


¹⁹ *Ibidem* (16).

²⁰ Il-Eurostat, *Stqarrija għall-istampa Nru 178/2020*, 8.12.2020.

15 Kumplessivament, wara tkabbir relattivament stabbli ta' 1.6 % fl-2019²¹, il-PDG tal-EU-27 naqas b'6.2 % fl-2020, bl-Istati Membri jesperjenzaw telf varjabbli – iżda sostanzjali fil-każijiet kollha – fil-PDG. Il-projezzjonijiet għas-sentejn li ġejjin għadhom juru varjazzjoni sinifikanti bejn il-pajjiżi. Filwaqt li l-PDG tal-EU-27 huwa mistenni li jerġa' jikber b'4.2 % fl-2021 u b'4.4 % fl-2022, l-irkupru ekonomiku huwa mistenni li jkun irregolari: xi Stati Membri jista' jirnexxielhom jirritornaw għal-livelli ta' qabel il-kriżi sa tmiem l-2021, iżda oħrajn se jkollhom diffikultà jagħmlu dan qabel tmiem l-2022²² (ara l-**Figura 4**). Dan jista' jiġi spjegat mid-differenzi strutturali fl-ekonomiji nazzjonali (eż. il-grad ta' dipendenza mit-turiżmu), mid-diversità tal-istrateġiji għall-għieda kontra l-pandemija, u mis-sitwazzjoni finanzjarja ta' qabel il-kriżi, li llimitaw l-iskala ta' appoġġ f'ċerti pajjiżi.

Ikklikkja fuq il-link għal aktar informazzjoni dwar it-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2021 tal-Kummissjoni.

Figura 4 – Tbassiriet tat-tkabbir tal-PDG fl-UE, 2021-2022



Sors: il-QEA, ibbażat fuq it-Tbassir tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa (2021).

16 B'mod parallel, fl-2020, il-proporzjonijiet aggregati tad-dejn għall-PDG tal-UE u taż-żona tal-euro żdiedu b'aktar minn 13-il pp, u laħqu madwar 92 % u 100 % rispettivament....Fl-2021, il-proporzjonijiet tad-dejn għall-PDG huma projettati li jżdiedu aktar, u li jilħqu quċċata ġdida ta' madwar 95 % u 102 % fl-UE u fiż-żona tal-

²¹ Il-Eurostat, *Stqarrija għall-istampa Nru 30/2021*, 9.3.2021.

²² Il-Kummissjoni Ewropea, *it-Tbassir Ekonomiku tax-Xitwa 2021*.

euro rispettivament, qabel jonqsu kemxejn fl-2022²³ skont it-tbassiriet tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2021. Dan jista' jiġi attribwit l-aktar għal dħul mit-taxxa dejjem jonqos minħabba t-tnaqqis fl-attività ekonomika u l-implimentazzjoni ta' miżuri diskrezzjonali, eż. ħelsien mit-taxxa, tnaqqis fir-rati u nfiq eċċezzjonali biex jiġu appoġġati l-impjeggi jew is-settur tas-saħħa. Matul is-sentejn li ġejjin, mill-inqas terz tal-Istati Membri jistgħu jistennew tnaqqis fil-proporzjon tad-dejn għall-PDG tagħhom, iżda oħrajn se jibqgħu ferm ogħla minn proporzjon ta' 100 % matul l-2022²⁴ (ara wkoll il-[Farsa ġenerali 5: Impatt fuq il-finanzi pubbliċi](#)).

Minn tamiet għal vaċċin sat-tielet mewġa

17 Fil-21 ta' Diċembru 2020, l-ewwel vaċċin kontra l-COVID-19 ingħata l-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni fl-UE, segwit minn tliet vaċċini kandidati oħrajn (ara l-paragrafu [28](#)). Dak li deher li kien bidu promettenti għall-2021 ma għaddiex mit-test tar-realtà. It-tnedija tal-istrateġija ta' tilqim naqset milli tilħaq l-aspirazzjonijiet²⁵ minħabba nuqqasijiet ta' provvista, fallimenti fil-konsenja u fil-koordinazzjoni, u burokracija eċċessiva, li lkoll naqqsu r-ritmu tal-proċess tal-inokulazzjoni u ppermettew li l-infezzjonijiet isiru inkontrollabbli. Biex tgħaxxaq, varjanti ġodda u aktar infettivi, bħall-mutazzjonijiet Beta ("Sud Afrikana") u Gamma ("Brazziljana")²⁶, bdew jiċċirkolaw fl-Ewropa u laħqu l-quċċata tagħhom fit-tielet mewġa. Il-lockdowns kellhom jiġu estiżi jew jerġgħu jiddaħħlu u r-restrizzjonijiet reġgħu ġew issikkati. Fl-istess ħin, il-protesti ċivili u politiċi kontra l-miżuri stretti ta' prevenzjoni u ta' konteniment kienu qed jiżdiedu, xi drabi flimkien ma' dimostrazzjonijiet tal-massa.

18 Għalissa, kull ma li jista' jingħad biċ-ċert huwa li l-pandemija tal-COVID-19 hija kriżi multidimensjonali u asimmetrika li affettwat kważi l-oqsma kollha tal-ħajja pubblika u privata, kemm jekk is-saħħa pubblika, l-attività ekonomika, is-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni jew il-finanzi pubbliċi. It-twaqqit, il-firxa u n-natura eżatta tal-impatt tagħha, u tar-rispons għaliha, varjaw ħafna madwar l-UE, iżda wkoll fil-livelli

²³ Il-Kummissjoni Ewropea, it-[Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2021](#).

²⁴ Il-Kummissjoni Ewropea, it-[Tbassir Ekonomiku tal-Ħarifa 2020](#).

²⁵ L-għan inizjali tal-UE kien li jitlaqqmu mill-inqas 70 % tal-popolazzjoni adulta sal-bidu tas-sajf 2021.

²⁶ L-ECDC, [Infographic: Mutation of SARS-CoV-2 – current variants of concern](#), 19.4.2021.

nazzjonali, reġjonali u xi drabi saħansitra fil-livell lokali. Xi Stati Membri u reġjuni attwalment huma aktar affettwati minn oħrajn, iżda l-esperjenza wriet li dan kollu jista' jinbidel f'temp ta' ftit ġimgħat. Xi wħud għadhom limitati minn defiċits strutturali ta' qabel il-kriżi li jillimitaw il-kapaċità tagħhom li jlaħħqu mad-domandi tas-sitwazzjoni u mbagħad jibdew proġetti li jsawru l-futuri tagħhom. Diġà huwa ċar li l-COVID-19 se jkollu konsegwenzi fit-tul fuq il-mod kif ngħixu u naħdmu fil-futur, inkluża l-ħtieġa ta' aktar kooperazzjoni u kooperazzjoni aħjar, billi l-viruses ma jimpurtahomx mill-fruntieri nazzjonali.

Impatt fuq l-oqsma ta' politika magħżula f'ħarsiet ġenerali


19 Billi kważi kwalunkwe valutazzjoni tal-impatt tal-COVID-19 fuq l-UE u l-Istati Membri tista' tkun, fl-aħjar każ, pjuttost tentattiva f'dan l-istadju, u peress li huwa dejjem diffiċli li jiġi ddeterminat il-punt ta' limitu xieraq, aħna nippreferu nħallu ċ-ċifri fi żmien partikolari u fl-oqsma ta' politika magħżula kollha jitmellmu għalihom infushom. Minbarra l-informazzjoni ta' hawn fuq, ippreżentata f'ordni kronoloġika, aħna ħloqna serje ta' ħarsiet ġenerali biex jipprovdu perspettiva aggregata dwar l-UE u l-Istati Membri tagħha fl-2020. Mhuwiex mistenni li l-ħarsiet ġenerali jagħtu stampa sħiħa ta' kull qasam ta' politika, iżda dawn jippruvaw juru l-aspetti li ġejjin tal-kriżi:

- (a) in-natura multidimensjonali tagħha, li mhijiex limitata għall-qasam tas-saħħa pubblika;
- (b) l-impatt sostanzjali u fixkiel tagħha fuq l-UE fl-intier tagħha; u
- (c) l-impatt asimmetriku tagħha fuq l-Istati Membri, kemm jekk f'waqtu, kif ukoll jekk kwantitattivament jew kwalitattivament.


Ħarsa ġenerali 1: Impatt fuq is-saħħa pubblika

Impatt ġenerali fuq l-UE

Każijiet għal kull 1 000 000 resident




Mwiet għal kull 1 000 000 resident




Impatt asimmetriku fuq l-Istati Membri

Każijiet għal kull 1 000 000 resident



L-ewwel mewġa





Mwiet għal kull 1 000 000 resident



It-tieni mewġa



It-tielet mewġa




Sors: il-QEA, ibbażat fuq data pprovduta minn [Our World in Data](#).

PARTI I – Impatt tal-COVID-19 fuq l-UE u l-Istati Membri

Ħarsa ġenerali 2: Impatt fuq l-ekonomija

Impatt ġenerali fuq l-UE


Tkabbir reali tal-PDG fl-UE fil-perjodu 2018-2020, tbassir sal-2022 (bidliet minn trimestru għal ieħor)




Impatt asimmetriku fuq l-Istati Membri

Prestazzjoni tal-PDG fl-2020 (bidliet minn trimestru għal ieħor)

Tnaqqis fil-perjodu Q1-Q2



Rikorrenza fil-perjodu Q3-Q4




Sors: il-QEA, ibbażat fuq data pprovduta mill-Eurostat u fuq it-Tbassir tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa (2021).

Figura ġenerali 3: Impatt fuq is-suq tax-xogħol


Impatt ġenerali fuq l-UE

Evoluzzjoni tat-tkabbir fl-impjieggi fl-UE fil-perjodu 2016-2020 (bidliet minn trimestru għal ieħor)



Impatt asimmetriku fuq l-Istati Membri

Ir-rata tal-impjieggi fl-2020 (bidliet minn trimestru għal ieħor)




Sors: il-QEA, ibbażat fuq data pprovduta mill-Eurostat.

Ħarsa ġenerali 4: Impatt fuq l-unitajiet domestiċi u l-individwi

Impatt ġenerali fuq l-UE


Żieda f'daqqa fir-rata tat-tfaddil (f'pp) hekk kif jiżdied id-distakk bejn in-nefqa tal-konsum individwali u l-introjtu disponibbli gross fil-perjodu 2018-2020 (bidliet minn sena għal oħra)



Impatt asimmetriku fuq l-Istati Membri

Rata tat-tfaddil fl-2020 (f'pp)


(meta mqabbla mal-2019)



L-ebda data disponibbli għal dan il-perjodu


Introjtu disponibbli gross fl-2020

(meta mqabbel mal-2019)



Nefqa tal-konsum individwali fl-2020

(meta mqabbla mal-2019)




Sors: il-QEA, ibbażat fuq data pprovduta mill-Eurostat.


Figura ġenerali 5: Impatt fuq il-finanzi pubbliċi

Impatt ġenerali fuq l-UE

Bidla fid-dejn tal-gvern fil-perjodu 2020-2022




Bidla fil-bilanċ baġitarju fil-perjodu 2020-2022



Impatt asimmetriku fuq l-Istati Membri


Id-dejn tal-gvern fl-2020

% tal-PDG




Il-bilanċ baġitarju fl-2020

% tal-PDG




Tbassir tad-dejn tal-gvern għall-perjodu 2021-2022

Bidla fil-perjodu 2020-2021 (f'pp)




Tbassir tal-bilanċ baġitarju għall-perjodu 2021-2022


Bidla fil-perjodu 2020-2021 (f'pp)



Bidla fil-perjodu 2021-2022 (f'pp)



Bidla fil-perjodu 2021-2022 (f'pp)



Sors: il-QEA, ibbażat fuq data pprovduta mill-Eurostat u fuq it-Tbassir tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa (2021).

Insawru r-rispons għall-COVID-19

20 Fil-biċċa l-kbira mill-oqsma li ġew affettwati b'mod gravi mill-pandemija, jew fejn intervent speċifiku huwa jew jenħtieġ li jkun parti minn rispons effettiv, l-UE għandha setgħa limitata li taġixxi. Dan huwa parzjalment minħabba li daww l-oqsma ma jaqgħux fil-qasam ta' kompetenza esklużiv tal-UE, u parzjalment minħabba li – peress li l-kompetenza hija kondiviża mal-Istati Membri – ftit kien hemm tnejn qabel il-kriżi u, meta din faqqgħet, ftit kien hemm kunsens inizjali dwar azzjonijiet u strumenti komuni. Madankollu, wara bidu diffiċli, jidher li l-UE issa solviet il-problemi relatati ma' koordinazzjoni, appoġġ u azzjoni komplementari. Minbarra li mmitigat aħjar l-effetti tal-kriżi, din saħħet il-kapaċità tal-Istati Membri li jindirizzaw l-aktar problemi urġenti fil-oqsma tas-saħħa pubblika, soċjoekonomiċi u tal-politika fiskali.

Saħħa pubblika


21 Is-saħħa pubblika hija kompetenza esklużiva tal-Istati Membri. Madankollu, l-UE tista' tappoġġa u tikkomplementa l-politiki tas-saħħa pubblika tal-Istati Membri²⁷ billi, pereżempju, tikkoordina l-kooperazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' theddid transfruntier u ta' diżastri naturali. L-UE hija inkarigata wkoll mis-sorveljanza epidemjoloġika, mill-monitoraġġ, mill-mekkaniżmu ta' twissija bikrija (l-aktar permezz ta' Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC), ara wkoll il-[Figura 5](#)) u minn miżuri għall-ġlieda kontra theddid transfruntier serju għas-saħħa (inklużi t-tnejn u l-ippjanar ta' rispons)²⁸.

Ikklikkja fuq il-link għal aktar informazzjoni dwar is-saħħa pubblika.

²⁷ L-azzjoni pertinenti "għandha tkun diretta lejn it-titjib tas-saħħa pubblika, lejn il-prevenzjoni tal-mard u l-infirmità tal-bniedem, u li jevitaw il-fonti ta' periklu għas-saħħa fiżika umana" (l-Artikolu 168 TFUE), u dan jinkludi wkoll il-ġlieda kontra l-flaġelli kbar tas-saħħa.

²⁸ Il-Kummissjoni Ewropea, id-[Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa.

Figura 5 – Ħidma tal-ECDC dwar il-COVID-19



Sors: il-QEA, ibbażat fuq data pprovduta mill-ECDC.

Akkwist u provvista ta' tagħmir mediku

22 F'Marzu 2020, il-Kummissjoni ħolqot mekkaniżmu mediku strateġiku ta' riżerva u ta' tqassim (magħruf bħala r-rescEU²⁹), li fi ħdanu l-UE u l-Istati Membri jaħdmu flimkien mill-qrib (ara wkoll il-**Kaxxa 2**). L-Istati Membri jospitaw u jakkwistaw tagħmir mediku essenzjali f'isem l-UE. Bl-użu ta' baġit ta' EUR 380 miljun, il-Kummissjoni tiffinanzja sa 100 % tal-iżvilupp u l-użu tar-rescEU u timmaniġġja t-tqassim tat-tagħmir mediku bħal ventilaturi, tagħmir protettiv personali (PPE), vaċċini, trattamenti u provvisti tal-laboratorju.

Ikklikkja fuq il-link għal aktar informazzjoni dwar ir-rescEU.

²⁹ Il-programm rescEU huwa parti mill-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili, li għandu l-għan li jsaħħaħ il-protezzjoni kontra diżastri u l-ġestjoni tar-riskji emerġenti. Dan jistabbilixxi wkoll riżerva Ewropea ġdida ta' riżorsi (inklużi ajruplani tat-tifi tan-nar, ħelikopters, tagħmir mediku, eċċ.) li jistgħu jiġu mmobilizzati f'emerġenza.

Kaxxa 2

Naħdmu flimkien kontra l-COVID-19 (f'Jannar 2021)

Ħafna pajjiżi tal-UE marru lil hinn mill-impenji tagħhom taħt il-programmi tal-UE. Meta l-Italja ntlaqtet ħażin mit-tifqigħa inizjali tal-virus, pereżempju, ħafna pajjiżi taw l-appoġġ tagħhom. L-Awstrija għamlet donazzjonijiet ta' maskri u ventilaturi mediċi, id-Danimarka pprovdiet tagħmir tal-isptar fuq il-post, iċ-Ċekja bagħtet ilbies protettiv u l-Ġermanja bagħtet ħames tunnellati ta' provvisti mediċi. Franza esportat aktar minn żewġ miljun maskra lil Stati Membri oħra. L-Ungerija, l-Awstrija u n-Netherlands bagħtu 150 ventilatur liċ-Ċekja.

Total ta' 620 000 maskra protettiva FFP2 u FFP3 u 50 000 oġġett għall-protezzjoni tal-ġisem tqassmu mir-riżervi mediċi tar-rescEU sa Diċembru 2020. Barra minn hekk, 30 ventilatur jinsabu mislufa liċ-Ċekja għal 6 xhur. Ir-riżervi tar-rescEU jgħinu biex tittejjeb it-tħejjija fl-UE. Dawn jiġu rifornuti l-ħin kollu u l-kunsinni jsiru regolament abbażi tat-talbiet tal-pajjiżi li jkunu l-aktar fil-bżonn.

Meta l-Belġju esperjenza żieda qawwija fil-każijiet gravi tal-COVID-19 f'Ottubru 2020, is-sistema tal-kura tas-saħħa tiegħu daħlet fi stat ta' kriżi. Il-pajjiż ġar Ġermaniż laqa' lill-pazjenti Belġjani fl-isptarijiet tiegħu fejn kienu disponibbli aktar sodod għall-kura intensiva. Fl-ewwel mewġa, il-Ġermanja ħadet aktar minn 230 pazjent kritiku mill-Italja, minn Franza u min-Netherlands. L-Awstrija u l-Lussemburgu laqgħu wkoll pazjenti minn Franza u mill-Italja.

Sors: il-Kunsill, [5 ways the EU and member states work together against COVID-19](#), 18.1.2021.

23 F'April 2020³⁰, il-Kunsill attiva l-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza (ESI)³¹. Din hija għodda li biha l-UE, permezz ta' appoġġ ta' emerġenza mill-baġit ġenerali, tista' tgħin lill-Istati Membri jindirizzaw il-konsegwenzi umani u ekonomiċi ta' kriżi. L-appoġġ jista' jinkludi l-akkwist ċentrali, il-koordinazzjoni u t-trasport ta' tagħmir mediku meħtieġ, l-assistenza fir-reklutaġġ ta' persunal addizzjonali tal-kura tas-saħħa u l-għoti ta' assistenza finanzjarja. Ir-riżervi komuni kemm tal-ESI kif ukoll tar-rescEU huma ffinanzjati b'ammont ta' EUR 3 biljun mill-baġit tal-UE, u EUR 3 biljun oħra mill-Istati Membri.

Ikklikkja fuq il-link għal aktar informazzjoni dwar l-ESI.

24 F'April 2020, il-Kummissjoni bdiet tniedi bosta proċeduri konġunti tal-akkwist pubbliku li jinvolvu sa 25 Stat Membru. Dan l-arranġament jippermetti lill-Istati Membri jordnaw PPE (ilbies protettiv, ingwanti, goggles, tarki tal-wiċċ u maskri), ventilaturi, tagħmir tal-laboratorju (kits, reaġenti, swabs u oġġetti konsumabbli tal-laboratorju), trattamenti (remdesivir) u mediċini għall-kura intensiva (analġeżiċi, antibijotiċi, rilassanti tal-muskoli, anestetiki, eċċ.).

Ikklikkja fuq il-link għal aktar informazzjoni dwar l-akkwisti konġunti.

Appoġġ tar-riċerka dwar it-trattament, id-dijanjożtika u l-vaċċini

25 Minn Marzu 2020, l-UE investiet aktar minn EUR 660 miljun fi proġetti ta' riċerka dwar il-coronavirus permezz tal-programm għar-riċerka u l-innovazzjoni Orizzont 2020. L-għotjiet saru disponibbli għal proġetti li jittrattaw – fost affarijiet oħra – id-dijanjożtika, it-trattamenti, il-vaċċini, l-epidemjoloġija, il-manifattura, u t-teknoloġiji mediċi u diġitali.

26 F'Lulju 2020, il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) ipprovdew lill-CureVac, kumpanija Ġermaniża tal-bijoteknoloġija, EUR 75 miljun f'finanzjament minn Orizzont 2020 għall-iżvilupp tal-vaċċini u l-espansjoni tal-manifattura. Il-BEI kkonkluda wkoll ftehim ta' finanzjament mal-BioNTech SE, kumpanija Ġermaniża oħra,

³⁰ Il-Kummissjoni Ewropea, [COM/2020/175 final](#), 2.4.2020.

³¹ Il-Kunsill, ir-[Regolament \(UE\) 2016/369](#) tal-15 ta' Marzu 2016 dwar l-għoti ta' appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni, 16.3.2016.


biex jiġi żviluppat il-programm tal-vaċċini tagħha ta' EUR 100 miljun (appoġġat minn garanziji ta' self mill-programm Orizzont 2020).

Ikklikkja fuq il-link għal aktar informazzjoni dwar il-proġetti taħt Orizzont 2020.

27 F'Ġunju 2020, il-Kummissjoni ppreżentat *l-Istrateġija tal-UE għall-Vaċċini Kontra l-COVID-19* biex jiġu aċċellerati l-iżvilupp, il-manifattura u l-użu tal-vaċċini. Minn dak iż-żmien 'il hawn, din iffirmit ftehimiet ma' sitt kumpaniji farmaċewtiċi (ara *l-Figura 6*), u dan ippermetta lill-Istati Membri jixtru l-vaċċini malli dawn jingħataw awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni fl-UE, wara rakkomandazzjoni mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA, ara *l-Kaxxa 3*).

Ikklikkja fuq il-link għal aktar informazzjoni dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Vaċċini.

Figura 6 – Dożi tal-vaċċini żgurati mill-Kummissjoni (Mejju 2021)



Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

28 Sa issa, il-Kummissjoni tat l-awtorizzazzjonijiet kondizzjonali għall-kummerċjalizzazzjoni tal-vaċċini li ġejjin:

- BioNtech u Pfizer (il-21 ta' Diċembru 2020);
- Moderna (is-6 ta' Jannar 2021);
- Oxford-AstraZeneca (id-29 ta' Jannar 2021);
- Johnson & Johnson (il-11 ta' Marzu 2021).

Kaxxa 3

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

L-EMA hija bbażata f'Amsterdam u għet stabbilita bir-Regolament (KEE) Nru 2309/93, li aktar tard għet sostitwit bir-Regolament (KE) Nru 726/2004. Din topera permezz ta' network pan-UE u tikkoordina r-riżorsi xjentifiċi magħmula disponibbli mill-awtoritajiet nazzjonali sabiex tiżgura l-evalwazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew użu veterinarju.

L-EMA għandha rwol ewlieni fil-kampanja ta' tilqim kontra l-COVID-19, billi l-evalwazzjonijiet komprensivi u indipendenti tal-kumitati xjentifiċi tagħha ta' mediċini għodda huma l-bażi li fuqha l-Kummissjoni tagħti awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni fl-UE³².

Ekonomija u finanzi pubbliċi

29 Il-kompetenza ekonomika tal-UE tvarja fil-biċċa l-kbira skont il-qasam ta' politika. Is-Semestru Ewropew huwa l-qafas għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-UE fl-Istati Membri kollha (inklużi r-regoli speċifiċi dwar is-sorveljanza fiskali). Dan għet stabbilit b'rispons għad-dgħufijiet fil-governanza ekonomika tal-UE, prinċipalment kif żvelat matul il-kriżi finanzjarja u ekonomika tal-2008, u huwa maħsub biex jipprevieni l-akkumulazzjoni tal-iżbilanċi u jiżgura l-konverġenza u l-istabbiltà fl-UE. Il-proċedura hija mmexxija mill-Kummissjoni u mill-Kunsill. Madankollu, huma l-Istati Membri li fl-aħħar mill-aħħar jieħdu deċiżjonijiet dwar il-politika ekonomika u fiskali fil-limiti tar-regoli maqbula komunement (eż. konformità mal-kriterji ta' Maastricht).

30 Fl-istess ħin, il-Kummissjoni għandha rwol deċiżiv fir-rigward tal-iskemi nazzjonali ta' għajjnuna mill-Istat, billi din tivverifika l-konformità tal-Istati Membri mar-regoli tal-UE, u b'hekk tipprevieni l-kompetizzjoni inġusta, u tista' tibblokka l-appoġġ finanzjarju eċċessiv għas-settur korporattiv. Madankollu, taħt ċerti kundizzjonijiet, il-Kummissjoni tista' tissospendi r-regoli ġenerali u tagħti l-kunsens għall-għoti eċċezjonali ta' għajjnuna mill-Istat (ara l-paragrafu 32).

³² L-EMA, *Authorisation of medicines*.

31 Il-Kunsill u l-Kummissjoni jimmaniġġjaw ukoll l-assistenza finanzjarja għall-Istati Membri li jkunu qed jesperjenzaw disturb ekonomiku jew finanzjarju serju (permezz tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja u tal-faċilità tal-bilanċ tal-pagamenti). Sa issa, il-baġit tal-UE ma kienx maħsub biex jimmitiga l-iskossi ekonomiċi fuq skala kbira fit-terminu qasir, billi huwa limitat mil-limiti massimi għall-infiq ta' oqfsa finanzjarji pluriennali suċċessivi u minn diversi regoli tal-infiq tal-programmi. F'dan ir-rigward, l-istabbiliment tal-istrument għall-irkupru *NextGenerationEU* (NGEU) jirrappreżenta bidla fil-mudell, peress li dan jippermetti lill-UE, għall-ewwel darba, tiffinanzja l-infiq tagħha billi tiegħu f'idejha djun (ara wkoll il-paragrafu **39**).

Deroqa temporanja mir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat


32 Fid-19 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat *qafas temporanju* ġdid għall-miżuri ta' għajnuna mill-Istat li ppermetta lill-Istati Membri jagħtu appoġġ pubbliku lil kumpaniji u ditti milquta mill-kriżi. F'Marzu 2021, din kienet ħadet aktar minn 470 deċiżjoni fejn approvat madwar 580³³ miżura nazzjonali nnotifikati mill-Istati Membri kollha fil-kuntest tal-pandemija. Sal-lum, il-Kummissjoni emendat il-*qafas temporanju* erba' darbiet bil-ħsieb li – fost affarijiet oħra – iżżid l-ambitu tal-appoġġ pubbliku (eż. għar-riċerka), tipproteġi l-impjiegi u l-ekonomija, u tiffavorixxi r-rikapitalizzazzjoni. Sa tmiem Marzu 2021, il-Kummissjoni kienet approvat għajnuna mill-Istat li tiswa EUR 3 triljun (ara l-**Figura 7**), bejn wieħed u ieħor l-ekwivalenti ta' 22 % tal-PDG tal-EU-27 fl-2019³⁴.

Ikklikkja fuq il-link għal aktar informazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

³³ Il-Kummissjoni Ewropea, *Competition State aid Brief 1/2021*, Marzu 2021.

³⁴ Kalkoli proprji tagħna bbażati fuq [data](#) pprovduta mill-Eurostat.

Figura 7 – Għajjuna mill-Istat awtorizzata mill-Kummissjoni, 2020



Sors: il-QEA, ibbażat fuq data pprovduta mill-(*Competition State aid brief 1/2021*) tal-Kummissjoni.

Flessibbiltà skont ir-regoli fiskali tal-UE

33 Fit-23 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni u l-Kunsill attivaw il-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir³⁵, li tippermetti lill-Istati Membri jiddevjaw temporanjament mir-regoli fiskali Ewropej li jirregolaw il-baġits tagħhom, u jieħdu l-miżuri kollha li dawn iqisu meħtieġa biex jindirizzaw il-kriżi mingħajr ma jikkompromettu s-sostenibbiltà fiskali. Dan ippermetta lill-gvernijiet nazzjonali, fost affarijiet oħra, jagħtu spinta lill-finanzjament tal-kura tas-saħħa u lill-infiq ekonomiku, u jżommu l-impjegi matul il-kriżi.

Ikklikkja fuq il-link għal aktar informazzjoni dwar il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Appoġġ ekonomiku għall-Istati Membri

34 Fis-26 ta' Marzu 2020, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw l-*Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus* (CRII), u b'hekk irrilaxxaw EUR 37 biljun mill-*Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej* (FSIE) biex jappoġġaw is-suq tax-xogħol, l-SMEs, il-kura tas-saħħa u setturi ewlenin oħra. Barra minn hekk, il-*Fond ta' Solidarjetà tal-UE* pprova EUR 800 miljun addizzjonali f'assistenza finanzjarja lill-pajjiżi l-aktar milquta.

35 Il-CRII daħlet fis-seħħ fl-1 ta' April 2020, u ġiet segwita aktar tard fix-xahar mill-CRII+, pakkett komplementari ta' miżuri temporanji simplifikati li jippermettu flessibbiltà akbar fl-użu ta' finanzjament mill-FSIE mhux impenjat, bħal:

- (a) aktar għażliet għat-trasferiment ta' impenji bejn fondi ta' politika ta' koeżjoni³⁶, kategoriji ta' reġjun u objettivi ta' finanzjament differenti;
- (b) il-possibbiltà li jiġi ffinanzjat kompletament l-infiq fil-qasam tal-koeżjoni fuq programmi relatati mal-COVID-19 mill-baġit tal-UE matul is-sena kontabilistika mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021.

Ikklikkja fuq il-link għal aktar informazzjoni dwar il-CRII u l-CRII+.


³⁵ Il-PST huwa sett ta' regoli li jiżguraw li l-Istati Membri jibqa' jkollhom finanzi pubbliċi tajbin u jikkoordinaw il-politiki fiskali tagħhom (il-Kummissjoni Ewropea, il-*Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir*).

³⁶ Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni.

36 Fid-9 ta' April 2020, il-Grupp tal-Euro³⁷ ppropona tliet xbieki ta' sikurezza ta' emerġenza biex jappoġġa l-impjeggi, in-negozji u l-finanzi pubbliċi. Il-pakkett, b'valur ta' EUR 540 biljun, ġie approvat fit-23 ta' April mill-Kunsill, li talab li dan ikun operazzjonali sal-1 ta' Ġunju 2020:

- (a) *l-appoġġ kontra l-kriżi tal-pandemija* mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà – EUR 240 biljun għall-Istati Membri li ntlawtqat l-aktar mill-kriżi tal-COVID-19;
- (b) *il-Fond ta' Garanzija Pan-Ewropew* tal-BEI – EUR 200 biljun biex jgħin lin-negozji, speċjalment lill-SMEs, jiffaċċjaw in-nuqqasijiet ta' likwidità;
- (c) *l-istrument SURE* (appoġġ biex jiġu mmitigati r-riskji tal-qgħad f'emerġenza) – EUR 100 biljun biex jgħin fil-finanzjament ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili (ara l-**Figura 8**).

Figura 8 – SURE, allokkazzjonijiet totali għal kull Stat Membru



Sors: il-QEA, ibbażat fuq data pprovduta mill-Kummissjoni.

³⁷ Il-ministri għall-affarijiet ekonomiċi u għall-finanzi tal-Istati Membri taż-żona tal-euro.

37 Abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni, il-Kunsill approva total ta' EUR 94.3 biljun f'appoġġ finanzjarju għal 19-il Stat Membru permezz ta' SURE. F'Mejju 2021, kienu ġew żborżati EUR 89.6 biljun minn dan l-ammont.

Ikklikkja fuq il-link għal aktar informazzjoni dwar [SURE](#).

Azzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew

38 Fit-18 ta' Marzu 2020, il-BĊE nieda l-*Programm ta' Xiri ta' Emerġenza fil-każ ta' Pandemija* (PEPP) tiegħu. Dan huwa għodda li żżid il-likwidità tas-settur pubbliku u privat permezz ta' operazzjonijiet immirati ta' rfinanzjament għal żmien itwal. Jippermetti lill-Istati Membri jgħinu lill-kumpaniji u lill-unitajiet domestiċi jlaħħqu mal-effetti immedjati tal-kriżi billi jiffaċilitaw il-fondi missellfa min-naħa tal-gvern fuq termini aktar favorevoli. Il-PEPP beda b'baġit inizjali ta' EUR 750 biljun, b'allokazzjoni ulterjuri ta' EUR 600 biljun fl-4 ta' Ġunju u ta' EUR 500 biljun fl-10 ta' Diċembru, b'total ta' EUR 1 850 biljun.

Ikklikkja fuq il-link għal aktar informazzjoni dwar il-[PEPP](#).

Pjan ta' Rkupru għall-Ewropa

39 Fis-27 ta' Mejjun 2020, il-Kummissjoni pproponiet l-NGEU, l-istrument għall-irkupru l-ġdid ta' EUR 750 biljun, flimkien ma' baġit fit-tul imsaħħaħ tal-UE għall-perjodu 2021-2027. Fil-21 ta' Lulju, il-Kunsill approva l-proposta tal-Kummissjoni b'bosta emendi importanti. Dan l-istrument temporanju l-ġdid għandu fil-mira l-ħsara soċjoekonomika immedjata kkawżata mill-pandemija u jipprova jibni Ewropa aktar ekoloġika, aktar diġitali u aktar reżiljenti. Il-finanzjament huwa allokat għal seba' programmi individwali (ara l-[Figura 9](#)), li fosthom il-*Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza* (RRF) u l-*Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa* (REACT-EU) huma l-aktar prominenti³⁸:


- (a) L-RRF, il-qofol tal-NGEU, tappoġġa l-investimenti tal-Istati Membri għal irkupru rapidu. Il-baġit tagħha ta' EUR 672.5 biljun jitqassam permezz ta' għotjiet (EUR 312.5 biljun) u self (EUR 360 biljun).

³⁸ Għajr għall-RRF u r-REACT-EU, il-finanzjament l-ieħor kollu tal-NGEU jieħu l-forma ta' "żidiet" fil-programmi tal-QFP 2021-2027 u jrid jintefaq f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur.

- (b) Ir-REACT-EU (EUR 47.5 biljun) tibni fuq l-inizjattivi CRII u CRII+ biex tappoġġa lill-impjegi, lill-SMEs, lis-sistemi tas-saħħa pubblika, u lit-tranżizzjoni għal ekonomija aktar ekoloġika u diġitali. Il-finanzjament huwa disponibbli³⁹ prattikament fis-setturi kollha.

Ikklikkja fuq il-link għal aktar informazzjoni dwar il-Pjan ta' Rkupru għall-Ewropa.

Figura 9 – NGEU, allokazjonijiet totali għal kull programm



Sors: il-Kunsill tal-UE.

Oqsma oħra

Is-sigurtà pubblika u l-protezzjoni ċivili

40 Fl-oqsma tas-sigurtà pubblika u tal-protezzjoni ċivili, hija l-prerogattiva tal-Istati Membri li jimponu miżuri ta' konfinament u ta' lockdown, bħall-għeluq tal-fruntieri, tal-ħwienet u tan-negozji jew regoli oħra li jirrestrinġu l-moviment liberu. L-UE, irrappreżentata mill-Kummissjoni, kienet kapaċi tagħmel ftit aktar milli toffri koordinazzjoni u toħroġ linji gwida dwar il-limitazzjoni tal-ħsara għall-integrità tas-suq intern, partikolarment il-moviment liberu tal-merkanzija u tal-persuni. Fir-rigward ta'

³⁹ Permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għal Għajjuna għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn.

dan, il-Kummissjoni tista' tikkontrolla jekk il-miżuri humiex iġġustifikati, jiġifieri adatti, meħtieġa u proporzjonati għall-oġġettivi tagħhom.

41 Kien diġà fi tmiem Jannar 2020⁴⁰ li l-Kummissjoni ħadet azzjoni permezz tal-*Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili* għar-ripatrijazzjoni ta' ċittadini tal-UE maqbuda madwar id-dinja. Dan għen ukoll lill-Istati Membri jikkoordinaw l-operazzjonijiet ta' assistenza u ta' ripatrijazzjoni tagħhom. Sal-lum, l-Istati Membri ġabu aktar minn nofs miljun persuna lura d-dar minn madwar id-dinja kollha, inklużi 90 000 b'assistenza mill-Mekkaniżmu għall-Protezzjoni Ċivili.

Ikklikkja fuq il-link għal aktar informazzjoni dwar il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili.

42 Fit-13 ta' Ottubru 2020, l-Istati Membri qablu mar-*Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu*⁴¹ b'rispons għall-pandemija. Ir-rakkomandazzjoni stabbiliet erba' oqsma ewlenin li fihom l-Istati Membri kellhom jikkoordinaw l-isforzi tagħhom:

- (a) sistema komuni ta' mmappjar b'kodiċi tal-kuluri;
- (b) kriterji komuni għall-Istati Membri meta jiddeċiedu jekk jintroduċux restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar;
- (c) qafas komuni għall-miżuri tal-ivvjaġġar kontra l-COVID-19 (ittestjar u awtokwarantina);
- (d) l-għoti ta' informazzjoni ċara u f'waqtha lill-pubbliku.

Il-Kummissjoni ħarġet varjetà ta' linji gwida u pariri, pereżempju dwar il-ġestjoni tal-fruntieri jew l-iżgurar tal-moviment liberu tal-ħaddiema (partikolarment fis-setturi tal-kura tas-saħħa u tal-ikel). Din nediet ukoll il-*pjattaforma Re-Open EU*, li tipprovdi lill-vjaġġaturi b'*data* epidemjoloġika u b'informazzjoni dwar ir-restrizzjonijiet attwali tas-sikurezza u l-ivvjaġġar.

Ikklikkja fuq il-link għal aktar informazzjoni dwar ir-rispons komuni għall-coronavirus.

⁴⁰ Il-Kummissjoni Ewropea, *Coronavirus: EU Civil Protection Mechanism activated for the repatriation of EU citizens*, 28.1.2020.

⁴¹ Il-Kummissjoni Ewropea, *COM (2020) 499 final*, 4.9.2020.

PARTI II – Ħarsa ġenerali lejn il-ħidma tas-SAIs

43 Il-QEA u SAIs oħra tal-UE rreaġew malajr għall-kriżi mingħajr preċedent billi stabbilew ħafna attivitajiet ta' awditjar u ta' monitoraġġ. Fl-2020, is-SAIs tal-Belġju, ta' Ċipru, tal-Ġermanja, tal-Latvja, tal-Litwanja, tan-Netherlands, tal-Portugall, tar-Rumanija, tas-Slovakkja, tal-Iżvezja u tal-QEA ppubblikaw 48 rapport dwar bosta oqsma ta' politika (ara l-*Anness – Lista sħiħa ta' pubblikazzjonijiet relatati mal-COVID mis-SAIs tal-UE fl-2020*). Din it-taqsimha tagħti ħarsa ġenerali lejn 17 minn dawk ir-rapporti li jkopru 5 oqsma prijoritarji għall-infiq għall-irkupru. Biex il-Kompendju jinżamm f'tul raġonevoli, kull SAI kkontribwiet id-dettalji ta' rapport wieħed biss għal kull qasam prijoritarju⁴² u mhux aktar minn tlieta b'kollox. Kull kontribuzzjoni tagħti l-kuntest u r-raġunijiet għall-attività tal-awditjar, u tiġbor fil-qosor is-sejbiet u l-konklużjonijiet prinċipali.

⁴² Għajr is-SAI tal-Latvja, li l-awditu tagħha rriżulta, għal raġunijiet interni, f'żewġ rapporti.

Tabella – 17-il kontribuzzjoni mis-SAIs f'fames oqsma prijoritarji

	Il-Belġju	Cipru	Il-Ġermanja	Il-Latvja	Il-Litwanja	In-Netherlands	Il-Portugall	Ir-Rumanija	Is-Slovakkja	L-Iżvezja	L-UE (il-QEA)
Saħħa pubblika											
Sistema nazzjonali tal-kura tas-saħħa						✓					
Assigurazzjoni statutorja tas-saħħa			✓								
Akkwist pubbliku	✓	✓									
Inventarju tat-tagħmir mediku								✓			
Informazzjoni pubblika			✓								
Diġitalizzazzjoni											
Sistema edukattiva			✓								
Amministrazzjoni tal-gvern					✓						
Rispons soċjoekonomiku											
Negozji					✓						
Skemi ta' assenja bil-permess			✓								
Immaniġġjar ta' kriżijiet u ta' emerġenzi				✓							
Rispons ekonomiku tal-UE											✓
Finanzi pubbliċi u riskji assoċjati											
Finanzi pubbliċi u riskji relatati					✓					✓	
Implimentazzjoni tal-baġit						✓					
Rispons ġenerali f'livelli differenti tal-gvern											
Il-livelli kollha tal-gvern						✓					
Gvern lokali						✓					

Qasam prijoritarju: Saħħa pubblika

44 L-Istati Membri huma primarjament responsabbli għall-politika tas-saħħa pubblika u għal deċiżjonijiet dwar l-implimentazzjoni u l-finanzjament tar-rispons għall-pandemija. Sabiex jevitaw it-tixrid tal-virus, jipproteġu l-popolazzjonijiet tagħhom u jnaqqsu l-pressjoni fuq is-sistemi tas-saħħa pubblika tagħhom, partikolarment fir-rigward tal-isptarijiet u tal-kapaċità tagħhom li jilqgħu l-pazjenti, l-Istati Membri stabbilew firxa wiesgħa ta' miżuri li, għalkemm huma ġeneralment simili, ivarjaw sinifikattivament fil-firxa u fit-tul madwar l-UE.

45 L-aktar miżuri tipiċi jinkludu t-tbeġhid soċjali, l-użu ta' tagħmir protettiv (bħall-maskri), sistemi ta' traċċar tal-kuntatti, kampanji ta' ttestjar u ta' tilqim, u sptarijiet temporanji biex jiġu affrontati ż-żidiet f'daqqa fl-għadd ta' pazjenti bil-COVID-19. Fl-istess ħin, biex jikkontrollaw ir-rati tal-infezzjoni, l-Istati Membri perjodikament imponew restrizzjonijiet u lockdowns, filwaqt li għalqu l-iskejjel, il-kindergartens u n-negozji mhux essenzjali, u xi drabi anke l-produzzjoni industrijali. Kważi l-Istati Membri kollha introduċew politiki biex wieħed jibqa' d-dar, b'eċċezzjonijiet għall-aktar ħtiġijiet essenzjali biss, u nedew kampanji fil-media tradizzjonali u soċjali biex jinfurmaw lill-pubbliku dwar kif inaqqsu r-riskju ta' infezzjoni, iżda wkoll biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni u l-aħbarijiet foloz. Il-biċċa l-kbira mill-finanzjament ġie allokat għas-settur tal-kura tas-saħħa, għar-riċerka u għall-iżvilupp tal-vaċċini, u għall-akkwist ta' tagħmir mediku.

46 Għalhekk, is-SAIs tal-Belġju, ta' Ċipru, tal-Ġermanja, tal-Latvja, tal-Portugall u tas-Slovakkja ffukaw xi wħud mill-attivitajiet tal-awditjar tagħhom fuq is-saħħa pubblika u fuq miżuri relatati bħala waħda mill-prijoritajiet tar-rispons għall-pandemija. Is-SAI tal-Ġermanja eżaminat l-impatt tal-COVID-19 fuq l-assigurazzjoni statutorja tas-saħħa u l-baġit federali, il-Belġju, Ċipru u s-Slovakkja eżaminaw il-proċessi u l-proċessi ta' akkwist pubbliku, u s-SAI tal-Latvja vvalutat l-użu relatat mal-COVID tal-fondi pubbliċi għall-appoġġ lill-media.

Sistema nazzjonali tal-kura tas-saħħa



Il-Portugall
Tribunal de Contas

Il-COVID-19 – Impatt fuq l-attività tas-sistema nazzjonali tal-kura tas-saħħa u l-aċċess għall-kura tas-saħħa

Ippubblikat	Tip ta' awditu	Perjodu kopert	Link
15.10.2020	Ħarsa ġenerali	Marzu-Lulju	PT

Xi vvalutajna u għaliex

Il-ħtieġa ta' rispons għall-pandemija tal-COVID-19 wasslet lill-biċċa l-kbira mill-pajjiżi u lill-fornituri tal-kura tas-saħħa biex jadottaw miżuri li llimitaw il-kura elettiva. Fil-Portugall, l-Ordni tal-Ministru għas-Saħħa tal-15 ta' Marzu 2020 issospendiet l-attività elettiva mhux urġenti.

X'sibna

Għaldaqstant, l-attività tal-fornituri nazzjonali tal-kura tas-saħħa minn Marzu sa Mejju 2020 kienet aktar baxxa minn dik tal-istess xhur fl-2019. L-aktar attivitajiet affettwati kienu l-kirurġiji elettivi (tnaqqis bi 58 %, 93 300 kirurġija), il-kura ta' emerġenza fl-isptarijiet (tnaqqis b'44 %, 683 389 żjara) u l-appuntamenti mediċi outpatient inizjali (tnaqqis b'40 %, 364 535 appuntament).

L-użu tal-konsultazzjonijiet mill-bogħod kellu rwol importanti fit-tnaqqis tal-appuntamenti wiċċ imb wiċċ fil-kura tas-saħħa primarja (il-konsultazzjonijiet mill-bogħod jew mhux speċifikati żdiedu bi 83 % għal 65 % tal-appuntamenti totali). Mill-banda l-oħra, l-użu tal-konsultazzjonijiet mill-bogħod fil-kura fl-isptar baqa' minimu.

L-għadd ta' pazjenti ġodda riferuti mill-unitajiet tal-kura primarja għal appuntament outpatient u għall-kirurġija naqas b'mod sostanzjali. L-għadd ta' talbiet għall-appuntamenti sa Mejju 2020 kien biss 67 % taċ-ċifra għall-istess perjodu fl-2019, filwaqt li l-perċentwal ekwivalenti għar-riferimenti kirurġiċi kien ta' 42 %.

Minkejja dan, iż-żmien medjan ta' stennija għall-pazjenti fuq il-lista ta' stennija mar għall-aġġar bejn il-31 ta' Diċembru 2019 u l-31 ta' Mejju 2020. Il-ħin medjan ta' stennija għal appuntamenti outpatient żdied minn 100 għal 171 jum, u madwar 69 % ta' dawk fuq il-lista ta' stennija fil-31 ta' Mejju 2020 stennew aktar mill-ħin massimu garantit ta' stennija. Il-ħin medjan ta' stennija għall-kirurġija żdied minn 106 għal 147 jum, u madwar 43 % tal-pazjenti fuq il-lista ta' stennija fil-31 ta' Mejju 2020, dak iż-żmien, kienu diġà qabżu l-ħin massimu garantit ta' stennija.

Il-konformità mal-ħinijiet massimi garantiti ta' stennija naqset għall-kirurġiji imwettqa f'Mejju 2020, għalkemm kienet relattivament qrib iċ-ċifri rreġistrati fis-snin preċedenti. Il-konformità mal-ħinijiet massimi garantiti ta' stennija tjebet għall-aktar kirurġiji urġenti (il-prijoritajiet 3 u 4, il-kanċer u mard ieħor), u dan irrifletta l-enfasi fuq dawn il-pazjenti meta mqabbel ma' każijiet inqas urġenti. L-Ordni 5314/2020 tal-Ministru għas-Saħħa tat-2 ta' Mejju 2020 irregolat it-tkomplija tal-attivitajiet mhux urġenti mis-sistema nazzjonali tal-kura tas-saħħa. Din l-Ordni tistabbilixxi miżuri li jistgħu potenzjalment itejbu l-effettività u l-effiċjenza tal-allokazzjoni tar-riżorsi, għalkemm hemm riskji fir-rigward tal-implimentazzjoni.

F'Ġunju 2020, ir-riżultati tal-attivitajiet li reġgħu nbdew kienu mħallta. Filwaqt li l-livelli tal-kirurġiji elettivi u tal-appuntamenti outpatient f'xi unitajiet tal-isptar irkupraw parzjalment, ir-riżultati kienu taħt il-livelli tal-2019 għall-biċċa l-kbira mill-unitajiet.

Xi kkonkludejna

Se tkun meħtieġa kura klinika addizzjonali biex jiġi pprovdut it-ttrattament li ma kienx possibbli minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Konsegwentement, hemm riskju li s-sistema nazzjonali tal-kura tas-saħħa jista' jkollha nuqqas ta' kapaċità li tlaħħaq ma' din id-domanda addizzjonali mingħajr ma żżid sinifikattivament il-ħinijiet ta' stennija.

Dan jista' jiġġustifika l-ħolqien straordinarju ta' inċentivi speċifiċi fil-finanzjament nazzjonali tal-kura tas-saħħa, flimkien mal-mekkaniżmi eżistenti użati mill-Ministeru u mingħajr ma jiġu esklużi aktar miżuri, kif diġà seħħ biż-żieda fl-inċentivi għall-forniment ta' servizzi addizzjonali fis-sistema nazzjonali tal-kura tas-saħħa.

Wara l-lockdown ġenerali minħabba l-istat ta' emerġenza, jista' jkun utli li jiġu identifikati l-aħjar Prattiki fir-rigward tar-riorganizzazzjoni tas-servizzi fis-sistema nazzjonali tal-kura tas-saħħa, u li jiġu rieżaminati u aġġustati l-pjanijiet ta' kontinġenza. L-għan ikun li jiġi identifikat u evalwat il-kompromess bejn l-allokazzjoni tar-riżorsi għat-ttrattament tal-pazjenti bil-COVID-19 u d-dijanjożi u t-ttrattament ta' mard ieħor, inkluża l-kura mhux urġenti.

L-isfidi tar-regolamentazzjoni fil-livell tas-servizzi u tal-allokazzjoni xierqa tar-riżorsi għadhom jeżistu, u se jkomplu fil-futur qarib. Il-kura elettiva li ma setgħetx tingħata se jkollha tiġi pprovduta u s-sistema nazzjonali tal-kura tas-saħħa trid tkun imħejjija biex tiġġieled it-tieni mewġa possibbli tal-pandemija.

Assigurazzjoni statutorja tas-saħħa



Il-Ġermanja
Bundesrechnungshof

Rapport ta' konsulenza dwar l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-iskema tal-assigurazzjoni statutorja tas-saħħa, indirizzat lill-Kumitat tal-Baġit tal-Parlament Ġermaniż

Ippubblikat	Tip ta' awditu	Perjodu kopert	Link
13.11.2020	Awditu tal-konformità/awditu tal-prestazzjoni	Marzu-Ottubru	DE

Xi vvalutajna u għaliex

F'Marzu 2020, wara li l-Parlament kien iddikjara epidemija nazzjonali, il-Gvern Federali ħa passi biex jimmitiga l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 u jevita l-pressjoni fuq is-sistema tal-kura tas-saħħa. Dawn il-passi imponew piż fuq il-baġit federali u fuq il-fondi tal-iskemi tal-assigurazzjoni statutorja tas-saħħa li jiffurmaw il-pilastru ewlieni li jappoġġa l-istabbiltà kumplessiva tas-sistema tal-kura tas-saħħa Ġermaniża. L-assiguraturi tas-saħħa jirċievu riżorsi finanzjarji minn Fond tas-Saħħa mmaniġġjat minn awtorità federali. Dan il-Fond huwa alimentat mill-kontribuzzjonijiet u minn għotja federali annwali ta' EUR 14.5 biljun. Fl-2020, wara żieda fl-infiq matul il-pandemija, l-għotja federali żdiedet b'ammont ta' EUR 3.5 biljun, li kellha tiġi s-supplimentata b'EUR 5 biljun fl-2021. Il-Fond tas-Saħħa huwa legalment meħtieġ li jżomm riżerva tal-likwidità, attwalment 20 % tan-nefqa medja fix-xahar. Il-Ġermanja għandha wkoll kumpaniji privati tal-assigurazzjoni tas-saħħa; parti żgħira mill-popolazzjoni hija rreġistrata biss f'dawn l-iskemi. L-assiguraturi privati tas-saħħa ma jirċievu l-ebda għotja pubblika. Aħna awditajna l-impatt li kellha l-pandemija fuq il-Fond tas-Saħħa, ir-riżerva tal-likwidità tiegħu u l-assiguraturi statutorji tas-saħħa. Aħna rrapportajna s-sejbiet tagħna, fir-rigward tal-għotja federali annwali u l-impatt tagħha fuq il-baġit federali, lill-Kumitat tal-Baġit parlamentari. Ir-rapport ikopri s-sitwazzjoni sa Ottubru 2020.

X'sibna

Il-passi meħuda biex tiġi kkontrollata l-pandemija fil-Ġermanja wasslu għal restrizzjonijiet konsiderevoli fuq il-ħajja pubblika u għal tnaqqis ekonomiku, u dan kellu wkoll impatt fuq il-livell tal-kontribuzzjonijiet tal-assiguraturi statutorji tas-saħħa. Il-bord ta' esperti responsabbli għall-istimi annwali tad-dħul tal-assiguraturi tas-saħħa bassru biss żieda żgħira fil-kontribuzzjonijiet għal EUR 221.4 biljun għas-sena 2020 kollha kemm hi. Din kienet EUR 4.2 biljun inqas milli kien proġettat qabel il-pandemija. Fit-tieni kwart tal-2020, l-infiq tal-assiguraturi tas-saħħa fuq is-servizzi naqas b'mod konsiderevoli f'xi oqsma, prinċipalment is-servizzi dentali, il-fiżjoterapija, it-terapija tat-tlissin, l-identifikazzjoni bikrija, il-miżuri preventivi u ta' riabilitazzjoni, u t-trattament fl-isptar. L-isptarijiet żammew il-kapaċitajiet disponibbli għall-każijiet tal-COVID-19 minn nofs Marzu u pposponew il-kirurġija u t-trattamenti elettivi. Madankollu, it-tfaddil ġie eżawrit minn infiq addizzjonali, speċjalment fuq il-PPE u fuq iż-żieda fil-kura mill-infermiera. Mal-istabbilizzazzjoni tal-forniment tas-servizzi minn Lulju 2020 'il quddiem, il-Ministeru Federali għas-Saħħa stma li l-infiq kien se jilħaq EUR 257.8 biljun fl-2020, 4.3 % aktar milli fl-2019.

Biex jagħmel tajjeb għad-dħul dejjem jonqos, il-Fond tas-Saħħa kellu jagħmel pagamenti kumpensatorji mir-riżerva tal-likwidità tiegħu. Il-pagamenti ta' kumpens għall-isptarijiet ġew rimborżati mill-baġit federali u sa issa ammontaw għal total ta' EUR 8.9 biljun. Pagamenti ta' kumpens u nefqiet oħra fuq aktar minn 12 000 sodda addizzjonali għall-kura intensiva b'faċilitajiet ta' ventilazzjoni sa issa ammontaw għal madwar EUR 1.8 biljun. Barra minn hekk, l-isptarijiet irċevew EUR 93 miljun għal bonuses lil infermiera partikolarment affettwati mill-pandemija. L-ispejjeż għad-dijanostika fil-laboratorji żdiedu b'riżultat tal-ittestjar għall-coronavirus wara kuntatt ma' persuni infettati jew wara r-ritorn minn żoni ta' riskju barra mill-pajjiż. Sa issa, EUR 104 miljun saru disponibbli mill-Fond tas-Saħħa għal dan il-fini.

Fil-bidu tal-2020, ir-riżerva tal-likwidità tal-Fond tas-Saħħa kienet ta' EUR 10.2 biljun; fi tmiem is-sena finanzjarja fil-15 ta' Jannar 2021 ir-riżerva ammontat għal total ta' EUR 6.4 biljun. Għall-15 ta' Jannar 2022, ġie proġettat tnaqqis ulterjuri fir-riżerva tal-likwidità għal EUR 5.2 biljun.

Xi kkonkludejna

L-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 se jkompli jimmaterjalizza fl-2021. Għotja baġitarja federali, relatata mal-pandemija, ta' EUR 5 biljun se tiġi pprovduta biex fl-2021 jitnaqqas il-piż fuq il-membri tal-assiguraturi tas-saħħa. Barra minn hekk, l-assiguraturi tas-saħħa għandhom jittrasferixxu riżervi ta' EUR 8 biljun lill-Fond tas-Saħħa. Aħna rrikonoxxejna li dan l-intervent ta' darba fl-assi kien ibbażat fuq id-dritt statutorju, u fi kwalunkwe każ dawn ir-riżervi kienu prinċipalment alimentati mill-allokazzjonijiet mill-Fond tas-Saħħa. B'dan il-mod, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-assiguraturi statutorji tas-saħħa kienet ġiet stabbilizzata għal dak iż-żmien.

Madankollu, ir-riżervi tal-likwidità miżmuma mill-assiguraturi statutorji tas-saħħa kważi ġew eżawriti. Ir-riżerva tal-likwidità ma tkunx tibqa' aktar taqbeż sinifikattivament il-livell minimu statutorju. Fl-2021, żidiet oħra relatati mal-pandemija fl-infiq jistgħu jqiegħdu f'riskju l-konformità mal-livelli minimi tar-riżervi għall-2022. Peress li, f'dan il-mument, il-perkors ulterjuri tal-pandemija ma jistax jitbassar, l-impatt finanzjarju fuq l-assiguraturi tas-saħħa għadu inċert. Aħna ħeġġiġna lill-Ministeru Federali għas-Saħħa biex jimmonitorja bir-reqqa l-azzjoni u biex jieħu l-passi xierqa biex jistabbilizza s-sistema tal-kura tas-saħħa.

Akkwist pubbliku



Il-Belġju
Rekenhof

Kuntratt tal-Gvern għat-traċċar tal-kuntatti tal-COVID-19

Ippubblikat	Tip ta' awditu	Perjodu kopert	Link
25.11.2020	Awditu tal-konformità	April-Awwissu	NL

Xi vvalutajna u għaliex

Aħna eżaminajna kuntratt ewlieni tal-Gvern li jifforma parti mill-miżuri għall-immaniġġjar tal-kriżi tal-COVID-19: il-kuntratt għat-traċċar tal-kuntatti. L-investigazzjoni eżaminat biss l-għoti tal-kuntratt mill-Aġenzija għall-Kura u s-Saħħa tal-Gvern Fjamming. Din ma koprietx il-proċess deċiżjonali kumplessiv tad-deċiżjonijiet għat-traċċar tal-kuntatti, l-effiċjenza u l-effettività tal-mod kif ġie indirizzat u implimentat, jew il-mod kif ġie organizzat it-traċċar tal-kuntatti.

X'sibna

Il-kuntratt għat-traċċar tal-kuntatti ngħata permezz ta' proċedura nnegożjata mingħajr publikazzjoni minn qabel, użata f'ċirkustanzi estremament urġenti. Anke għal dawn il-proċeduri, l-awtorità kontraenti trid tikkonsulta lil bosta kuntratturi meta jkun possibbli. Għalkemm ġew ikkuntattjati sitt kumpaniji, l-Aġenzija għall-Kura u s-Saħħa rċeviet offerta waħda biss.

Aħna ma stajniex nistabilixxu b'ċertezza jekk il-kumpaniji kkuntattjati kinux irċevew trattament indaqs u jekk il-prinċipju tat-trasparenza kienx ġie irrispettat. Tabilħaqq, xi elementi tal-proċedura ta' għoti ma setgħux jiġu spjegati kompletament. Aħna ma aħniex ċerti wkoll dwar id-durata, in-natura u l-kontenut tal-kuntatt tal-Aġenzija mal-kumpaniji fil-kuntest ta' dan il-kuntratt.

Kien hemm ukoll xi nuqqasijiet u żvisti amministrattivi u legali fil-proċedura ta' għoti. Xi wħud minn dawn probabbilment kienu minħabba li l-proċedura ta' għoti kellha tinbeda u tiġi kkompletata tant malajr. B'riżultat ta' dan, l-Aġenzija għall-Kura u s-Saħħa ma setgħetx tħejji l-kuntratt bir-reqqa jew f'dettall suffiċjenti, u l-perjodu għar-rieżaminar tal-offerta u għan-negozjar kien limitat. Dawn iċ-ċirkustanzi bla dubju kellhom impatt mhux favorevoli jew negattiv fuq l-ipprezzar, il-kwalità u ċ-ċertezza fir-rigward tal-offerta.

In-nuqqas ta' sħab ta' negozjar alternattivi, flimkien mal-urġenza li l-kuntratt jidħol fis-seħħ, dgħajjef il-pożizzjoni ta' negozjar tal-Aġenzija għall-Kura u s-Saħħa. L-Aġenzija lanqas ma setgħet twettaq tqabbil tal-prezzijiet biex tikkontrolla li l-prezz kien f'konformità mar-rati tas-suq.

Il-Gvern Fjamming ħa d-deċiżjoni li jagħti l-kuntratt għat-traċċar tal-kuntatti fil-5 ta' Mejju 2020. Diġà fis-16 ta' Lulju 2020, ġiet iffirmata emenda b'żidiet u b'bidliet fil-kuntratt għal ammont ta' aktar minn EUR 1.57 miljun (inkluża l-VAT). Madankollu, xi elementi ta' din l-emenda jidhru – għall-inqas parzjalment – li ġew inklużi fil-kuntratt jew offerta inizjali.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-monitoraġġ bir-reqqa tal-fażi tal-implimentazzjoni mill-Aġenzija għall-Kura u s-Saħħa huwa assolutament essenzjali. Madankollu, l-Aġenzija ma aġixxietx fuq bosta suġġerimenti utli u konkreti li kienu saru mill-Ispettorat tal-Finanzi biex tingħata għajnuna fl-immaniġġjar aħjar tal-inċertezzi, tar-riskji u tal-effetti sekondarji matul il-fażi tal-implimentazzjoni u jiġi mmonitorjat il-kuntratt aktar mill-qrib.

L-Aġenzija għall-Kura u s-Saħħa indikat li l-fornitur tas-servizzi ikun joħroġ fattura abbażi tas-servizzi li fil-fatt ikunu ngħataw, u dan jagħmilha possibbli li l-fatturazzjoni tiġi mmonitorjata aktar mill-qrib. L-obbligu għall-fornitur tas-servizz li jippreżenta rapport tal-attività u finanzjarju kull tliet xhur jippermetti monitoraġġ u kontroll addizzjonali.

Xi kkonkludejna

Minħabba li l-kuntratt kellu jingħata tant malajr, it-tħejjija tiegħu ma kinitx nieqsa mid-difetti. In-nuqqas ta' offerti multipli, flimkien mal-urġenza estrema tal-kuntratt, dgħajfu wkoll il-pożizzjoni ta' negozjar tal-Aġenzija għall-Kura u s-Saħħa. Għalhekk, aħna nirrakkomandaw li l-Aġenzija timmonitorja mill-qrib il-fażi tal-implimentazzjoni tal-kuntratt fuq bażi kontinwa.



Ċipru

Ελεγκτική Υπηρεσία της Δημοκρατίας

Awditu ta' offerti relatati mal-pandemija tal-COVID-19

Ippubblikat	Tip ta' awditu	Perjodu kopert	Link
13.10.2020	Awditu tal-konformità	April-Ġunju	EL

Xi vvalutajna u għaliex

L-awditu kopra tliet suġġetti:

- I-akkwist ta' servizzi tal-ittejtjar molekulari għall-COVID-19 matul il-pandemija, li għalihom id-Direttorat għax-Xiri u l-Akkwist (PPD) tal-Ministeru għas-Saħħa, l-awtorità kontraenti, kien wettaq 16-il offerta/programm taħt il-proċedura nnegozjata saż-żmien tal-awditu, minħabba l-ħtieġa urġenti;
- I-akkwist mill-PPD ta' disa' miljun maskra protettiva li jintużaw darba biss bi spiża ta' EUR 4.68 miljun, inkluża l-VAT, f'żewġ offerti;
- I-implimentazzjoni tal-proġett biex tiġi stabbilita Unità tal-Kura Intensiva (ICU) ġdida.

X'sibna

- Il-kwistjoni prinċipali li tirriżulta mill-awditu tikkonċerna l-ispiża tat-testijiet molekulari u l-varjazzjonijiet sinifikanti osservati matul iż-żmien: fuq perjodu ta' xahrejn, l-ispiża naqset b'55 %, minn massimu ta' EUR 110 għal minimu ta' EUR 50 għal kull test, segwit minn tnaqqis għal bejn EUR 40 u EUR 43 għal kull test. Ta' min jinnota wkoll li t-tnaqqis ġie osservat fl-ispejjeż ippreżentati minn laboratorju privat li kien responsabbli għal 69 % tat-testijiet kollha, li l-biċċa l-kbira minnhom ġew fdati lilu bl-ispiża l-għolja.

Aħna sibna li l-awtorità kontraenti kienet segwiet u applikat fil-biċċa l-kbira l-proċeduri previsti fil-leġislazzjoni dwar l-akkwist pubbliku applikabbli f'ċirkustanzi eċċezzjonali. Madankollu, kien hemm żewġ każijiet ta' għoti dirett ta' kuntratti lil kumpanija li fiha kellu interess eks Ministru. Osservazzjoni ġenerali waħda kienet li, għall-kuntrarju tal-leġislazzjoni rilevanti, il-Ministru attwali ma llimitax lilu nnifsu li japprova t-testijiet molekulari, iżda fil-fatt ħareġ struzzjonijiet minn qabel

u ddetermina kważi l-aspetti kollha tal-proċedura li aktar tard intalab japplika u japprova.

- (b) Il-proċeduri ta' akkwist ma ġewx irrispettati kompletament fix-xiri tal-maskri, u lanqas ma ġew irrispettati kompletament il-prinċipji tat-trasparenza, it-trattament indaqs tal-operaturi ekonomiċi kollha, jew l-iżvilupp ta' kompetizzjoni tajba, li huma fil-qalba tal-leġiżlazzjoni Ewropea u Ċiprijotta dwar l-akkwist pubbliku. Dan huwa ssostanzjat, fost affarijiet oħra, mid-definizzjoni fqira tal-ħtiġijiet u mir-restrizzjonijiet imposti, u mill-aċċettazzjoni *ex post* ta' offerta ppreżentata minn operatur ekonomiku barra mill-proċedura. Aħna nqisu wkoll in-nuqqas ta' valutazzjoni oġġettiva tal-ispejjeż fiż-żewġ proċeduri bħala dgħufija serja.
- (c) L-Organizzazzjoni tas-Servizzi tas-Saħħa tal-Istat ħatret perit speċifiku biex iħejji l-istudju għal u jissorvelja l-konstruzzjoni tal-ICU l-ġdida fin-nuqqas ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti. Din innominat ukoll kuntrattur speċifiku biex iwettaq il-konstruzzjoni b'mod li naqas milli jiżgura saħansitra element żgħir ta' kompetizzjoni, minkejja li huwa fittex proposti minn tliet kumpaniji kontraenti. L-offerta ngħatat lill-kuntrattur oriġinarjament nominat minħabba li ż-żewġ kumpaniji l-oħra kienu ġew mistiedna biex jieħdu sehem l-aħħar minuta, u għalhekk ma ppreżentawx offerta. Il-proċedura kollha kemm hi ta' sejħa għal offerti essenzjalment tat impressjoni falza tal-kompetizzjoni mistennija. Barra minn hekk, il-kumpanija kontraenti inkwistjoni għandha relazzjoni speċjali ma' membru ta' grad għoli tal-Organizzazzjoni li għażlitha. Fl-aħħar nett, tneħħiet klawżola essenzjali fil-kundizzjonijiet tas-sejħa għal offerti li kienet tipprevedi l-impożizzjoni ta' penali sostanzjali ħafna fil-każ ta' dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġett wara l-preżentazzjoni tal-offerti u qabel l-iffirmar tal-kuntratt.

Xi kkonkludejna

Aħna nifhmu kompletament iċ-ċirkustanzi partikolari kkawżati mill-pandemija li fihom saru l-proċeduri ta' sejħa għal offerti taħt rieżami. Madankollu, il-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku tistabbilixxi proċeduri għall-għoti ta' kuntratti, anke f'emerġenzi, li jippermettu lill-awtoritajiet kontraenti jwettqu proċedura nnegożjata, li hija aktar flessibbli mill-proċeduri segwiti f'ċirkustanzi normali, tiegħu inqas żmien, u tirrispetta l-prinċipji bażiċi tal-akkwist pubbliku.

Aħna nqisu li l-prinċipji ta' hawn fuq ma ġewx irrispettati, filwaqt li l-mod kif il-kwistjoni ġiet ittrattata kien jipprekludi kontroll adegwat fuq il-proċedura, minħabba l-informazzjoni limitata disponibbli. Aħna nenfasizzaw li ċ-ċirkustanzi partikolari tal-proċedura ta' sejħa għal offerti inkwistjoni ma jneħħux l-obbligu li jiġu segwiti proċeduri regolari sabiex ikun hemm konformità mal-prinċipji tat-trasparenza u tat-trattament indaqs tal-operaturi ekonomiċi kollha, prinċipji li jinkludu l-essenza tal-leġislazzjoni Ewropea u Ċiprijotta dwar l-akkwist pubbliku. Il-leġislazzjoni rilevanti dwar l-akkwist pubbliku dejjem trid tiġi applikata b'mod strett, billi din tipprovdi lill-awtoritajiet kontraenti għażliet u għodod xierqa, irrispettivament mill-kundizzjonijiet prevalenti. Anke f'kundizzjonijiet ta' pandemija, b'hal matul il-perjodu inkwistjoni, huwa essenzjali li jiġu ssalvagwardjati s-saħħa pubblika, minn naħa waħda, u t-trasparenza u t-trattament indaqs, min-naħa l-oħra, u b'hekk jiġi ssalvagwardjat l-interess pubbliku.

Inventarju tat-tagħmir mediku



Is-Slovakkja

Najvyšší kontrolný úrad Slovenskej republiky

Ġestjoni tar-riżervi materjali tal-Istat f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza

Ippubblikat	Tip ta' awditu	Perjodu kopert	Link
21.9.2020	Awditu tal-prestazzjoni	Ġunju–Settembru	SK

Xi vwalutajna u għaliex

L-oġġettiv tal-awditjar kien li jiġi vwalutat jekk il-kompetenzi u l-proċessi tal-Amministrazzjoni tar-Riżervi Materjali tal-Istat (ASMR) tar-Repubblika Slovakkja kinux xierqa u effettivi, li tiġi vwalutata l-prontezza tal-ASMR u li jiġu vverifikati l-azzjonijiet tagħha fil-każ ta' emerġenza (pandemija).

Minħabba n-nuqqas ta' prodotti mediċi fis-Slovakkja matul l-ewwel mewġa tal-COVID-19, aħna stennejna li l-kompetenzi u l-proċessi tal-ASMR ma kinux se jkunu xierqa u effettivi u li din ma kinitx imħejjija għall-pandemija tal-COVID-19.

X'sibna

Aħna enfasizzajna kemm ma kinux imħejjija l-istituzzjonijiet tal-Istat. L-awtoritajiet tal-immaniġġjar tal-kriżijiet naqsu milli jissodisfaw l-obbligi tagħhom u ma ppreżentaw l-ebda talba għall-istokkijiet mediċi ta' emerġenza lill-ASMR. L-oġġetti li għandhom jiġu pprovvduti mill-ASMR huma ddeterminati mill-Gvern. Madankollu, il-provvisti mediċi ma kinux parti mill-portafoll tal-ASMR qabel deċiżjoni tal-Gvern tas-27 ta' Frar 2020. Għalhekk, l-Istat ma kienx f'pożizzjoni li jipprovdi l-provvisti meħtieġa lill-isptarijiet, lid-djar tal-kura għall-anzjani jew lill-ħaddiema l-aktar esposti. Żewġ kummissjonijiet konsultattivi esperti – il-Kummissjoni tal-Gvern dwar il-Pandemiji u l-Kummissjoni Nazzjonali għal Kontra l-Epidemiji – kellhom rwoli ewlenin fis-sitwazzjoni eċċezzjonali tal-epidemija. Aħna sibna li r-rwol tagħhom kien formali u l-Kummissjoni għal Kontra l-Epidemiji, ippreseduta mill-Kap tal-Ispettorat tas-Saħħa tal-pajjiż, kienet ilha mill-2019 ma tiltaqa'. Min-naħa l-oħra, il-Persunal Permanenti tal-Kriżijiet, korp li huwa nieqes mill-kompetenza u mill-awtorità legali, kien daħal b'mod attiv fil-proċess ta'

mmaniġġjar. Ma hemm l-ebda evidenza bil-miktub mil-laqgħat tal-Persunal Permanenti tal-Kriżijiet fir-rigward tal-konklużjonijiet tagħhom, pereżempju dwar il-prijoritizzazzjoni tat-tqassim tal-istokkijiet ta' emerġenza. Il-korp prinċipali ta' koordinazzjoni tal-Istat fi żminijiet ta' emerġenza huwa l-Persunal Ċentrali tal-Kriżijiet, u l-Gvern Slovakk huwa l-awtorità suprema bid-dritt u fid-dmir li jieħu d-deċiżjonijiet.

Aħna ġbidna l-attenzjoni wkoll għan-nuqqas ta' tnejn mill-ASMR għall-mewġa li jmiss tal-pandemija. It-tnejn saru mingħajr valutazzjoni komprensiva tal-effettività u l-effiċjenza tal-miżuri meħuda fl-ewwel mewġa. B'risultat ta' dan, kien jidher, f'nofs Settembru 2020, li l-istokkijiet tal-ASMR kienu biss 16 % stokkjati b'tagħmir mediku. Dan ħoloq riskju għall-kapaċità ta' reazzjoni rapida għal żieda rapida fil-pazjenti pożittivi għall-COVID. L-ASMR ma kellhiex riżervi għal 60 jum, kif kien meħtieġ mir-riżoluzzjoni tal-Gvern, iżda għal 10 biss. Minn 14-il tip ta' tagħmir mediku, 2 biss kienu lesti fi kwantitajiet suffiċjenti, iżda l-istokkijiet tal-maskri kirurġiċi u t-testijiet għall-COVID-19 kienu akbar milli kien meħtieġ. L-ebda borża għall-bijoskart perikoluż ma kienet disponibbli, u t-talbiet għal kowtijiet, ingwanti u tarki protettivi li jintużaw darba biss ftit li xejn setgħu jiġu ssodisfati (10 %). L-approċċ ta' mmaniġġjar tal-ASMR għat-talbiet għat-tagħmir mediku kien skont il-każ u ma kellu l-ebda mekkaniżmu għal valutazzjoni jew prijoritizzazzjoni oġġettiva. Matul l-2020, l-ASMR allokat materjal mediku b'valur ta' kważi EUR 40 miljun, li minnhom kważi tliet kwarti kienu għas-settur tas-saħħa. Din wiegħbet malajr ħafna għal talba mill-Uffiċċju tal-Gvern Slovakk – l-oġġetti kienu lesti fi żmien jumejn, iżda ħadet aktar minn xahar biex tirrispondi għal talba mill-Ministeru għall-Ġustizzja.

L-ASMR hija komponent eżekuttiv tas-sistema ta' mmaniġġjar ta' kriżijiet tal-Istat. Il-ministeri u l-awtoritajiet pubbliċi jridu jippreżentaw talbiet dwar il-ħolqien ta' stokkijiet ta' emerġenza u l-kompożizzjoni tal-materjali lill-ASMR. Id-dipartiment tas-saħħa ma kkonformax ma' dan l-obbligu sa tmiem Frar 2021, u talab lill-ASMR tipprovdi tagħmir mediku għal 30 jum għall-awtoritajiet tas-saħħa pubblika u għall-kliniċi tal-mard infettiv tal-isptarijiet. Ir-rapport tagħna jindika r-riskju ta' nuqqas ta' responsabbiltà personali għal nuqqas ta' azzjoni, jiġifieri ta' nuqqas ta' konformità mill-istituzzjonijiet tal-Istat. Matul l-istat ta' emerġenza, l-ASMR ipprovdiet il-provvisti li kien imisshom ġew ipprovduti minn diversi awtoritajiet ċentrali tal-Istat.

Aħna indikajna wkoll l-użu insuffiċjenti tas-sistemi tal-IT mill-ASMR, partikolarment bejn il-kwartieri ġenerali u l-fergħat tagħha, li kkontribwew għan-nuqqas ta' ħarsa ġenerali f'ħin reali lejn l-inventarju fl-imħażen ta' bosta partijiet fis-Slovakkja.

Xi kkonkludejna

Aħna sibna li, fiż-żmien tal-emerġenza, il-kompetenzi u l-proċessi tal-ASMR ma kinux xierqa u lanqas effettivi, u għidna l-attenzjoni għan-nuqqas ta' tnejn tagħha għall-pandemija tal-COVID-19. F'rigħna rakkomandazzjonijiet biex jiġu rrimedjati n-nuqqasijiet identifikati – kemm ta' natura sistemika kif ukoll proċedurali.

Aħna rakkomandajna li l-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakkja jirrikjedi lill-Ministeru għall-Intern iwettaq analiżi fil-fond tal-proċessi ta' mmaniġġjar tal-Istat fi żminijiet ta' sitwazzjonijiet jew ta' emerġenzi straordinarji u, abbażi tal-esperjenza bil-pandemija tal-COVID-19, iqis il-possibbiltà li jbidel il-leġiżlazzjoni biex jistabbilixxi regoli ġodda għall-proċess ta' mmaniġġjar ta' kriżijiet tal-Istat.

Informazzjoni pubblika



Latvijas Republikas
Valsts kontrole

Il-Latvja

Valsts kontrole

- (1) L-allokazzjoni u l-użu tal-fondi mill-programm baġitarju tal-Istat “Fondi ta’ Kontinġenza” għall-appoġġ lill-media biex jiġu mmitigati l-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19
- (2) L-użu tal-fondi allokat lill-media elettronika tal-massa b’rabta mal-kriżi tal-COVID-19

Ippubblikat	Tip ta’ awditu	Perjodu kopert	Links
(1) 22.12.2020	Awditu finanzjarju	April-Lulju	LV Sommarju EN
(2) 22.12.2020	Awditu finanzjarju	Marzu-Lulju	LV Sommarju EN

Xi vwalutajna u għaliex

L-appoġġ għas-settur tal-media rigward il-mitigazzjoni tal-effetti tal-kriżi tal-COVID-19 huwa essenzjali, kemm biex jissaħħu l-attivitajiet ewlenin tal-media u tiġi ppreservata d-diversità tal-ambjent tal-media, kif ukoll biex tingħeleb b’suċċess il-kriżi fis-soċjetà.

Fir-rebbiegħa 2020, il-Kabinett tal-Ministri (il-Kabinett) ta finanzjament addizzjonali mill-programm “Fondi ta’ Kontinġenza” biex jgħin lill-media tegħleb il-pandemija u l-konsegwenzi tagħha, permezz tal-għanijiet li ġejjin:

- o għall-Fondazzjoni għall-Integrizzjoni fis-Soċjetà (SIF) – EUR 1 040 928 biex tiġi ssalvagwardjata l-operazzjoni tal-Fond ta’ Appoġġ lill-media u jiġu żgurati informazzjoni u opinjonijiet pubbliċi komprensivi dwar il-mitigazzjoni tal-kriżi, biex tissaħħaħ il-media u tiġi ggarantita informazzjoni oġġettiva fl-istampa u fuq il-portali kummerċjali tal-aħbarijiet fuq l-internet, u biex jiġi pprovdut appoġġ għall-ispejjeż tal-kunsinna tal-abbonamenti għall-istampa (il-kumpanija bi stokkijiet konġunti “Latvijas Pasts”) u għall-ispejjeż tax-xandir tal-media elettronika tal-massa;

- għall-Kunsill Nazzjonali tal-Media Elettronika tal-Massa (NEMMC) – EUR 1 259 261, li jinkludu:
 - EUR 259 261 biex jiġu żgurati sensibilizzazzjoni massima fost il-popolazzjoni Latvjana u l-għoti effettivi ta' informazzjoni pubblika, kif ukoll edukazzjoni dwar il-COVID-19;
 - EUR 1 000 000 biex jingħataw informazzjoni u opinjonijiet pubbliċi komprensivi dwar l-indirizzar tal-kriżi u jsaħħaħ il-media elettronika tal-massa (EMM) kummerċjali.

Aħna vvalutajna s-sitwazzjoni u fassalna żewġ rapporti tal-awditjar *interim* li jiġbru fil-qosor:

- (1) L-informazzjoni dwar is-SIF b'rabta mal-validità tat-talbiet għall-fondi addizzjonali allokatu biex jiġu mmitigati l-effetti tal-COVID-19 u mal-użu reali ta' dawn il-fondi;
- (2) il-proċeduri ta' verifikazzjoni li nwettqu fir-rigward tal-finanzjament meħtieġ għall-NEMMC biex jiġi żgurat li ż-żewġ attivitajiet iffinanzjati jitwettqu.

X'sibna

- (1) Aħna eżaminajna l-validità u l-użu reali tal-fondi allokatu lis-SIF għall-appoġġ lill-media biex jiġu mmitigati l-konsegwenzi tal-COVID-19.

Aħna sibna li, permezz tal-offerti, il-finanzjament kien tħallas biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-operat u tissaħħaħ il-kapaċità tal-media kummerċjali stampata u diġitali, kif ukoll biex jiġu ġġenerati informazzjoni u opinjonijiet pubbliċi komprensivi dwar l-immaniġġjar tal-kriżi. Madankollu, sibna wkoll li r-regolamenti pertinenti ma stabbilewx kriterji ta' eliġibbiltà għall-media biex tirċievi din l-għajjnuna partikolari mill-Istat.

Għalkemm ir-regolamenti dwar l-offerti taħt is-SIF stipulaw li l-finanzjament ikun isir disponibbli għall-media bħala kwistjoni ta' prijetà, li seta' rriżulta fi tnaqqis ta' 30 % fid-dħul meta mqabbel mal-istess xahar fl-2019, il-kriterji tal-evalwazzjoni fil-fatt ippermettew finanzjament għall-media bi kwalunkwe tnaqqis fid-dħul, irrispettivament mill-ammont.

- (2) Il-biċċa l-kbira mill-finanzjament (EUR 1 075 000) mill-allokazzjoni għall-NEMMC marret, taħt proċedura ta' akkwist pubbliku għal servizzi pubbliċi, għall-EMM kummerċjali. Il-finanzjament ingħata wkoll lill-kumpaniji tal-Istat b'responsabbiltà limitata "Latvijas Radio" (EUR 25 674) u "Latvijas Televīzija" (EUR 158 587).

Aħna sibna li l-ammont ta' EUR 1 075 000, biex tiġi żgurata informazzjoni komprensiva mogħtija mill-EMM kummerċjali, ma kienx ġie ssostanzjat permezz ta' kalkoli ċari, iżda kien tnejja abbażi tal-fehmiet u tal-istimi espressi mir-rappreżentanti tal-Ministeru għall-Kultura u l-industrija, u abbażi tal-esperjenza tal-passat. Jista' jiġi konkluż li l-Ministeru għall-Kultura, f'kooperazzjoni mal-NEMMC, kien ħejja talba għal EUR 1 000 000 f'finanzjament mill-Istat biex jistabilixxi s-sistema ta' appoġġ tiegħu għall-media matul il-kriżi, u li mbagħad ġiet organizzata sejħa għall-offerti biex jiġu ffinanzjati l-EMM kummerċjali (EUR 1 075 000). Meta ġew ivvalutati l-offerti, l-NEMMC ma vverifikax jekk id-dikjarazzjonijiet tal-offerenti kinux jinkludu informazzjoni vera dwar it-tnaqqis fid-dħul tagħhom mir-reklamar b'mill-inqas 30 %.

Madankollu, it-talba għall-fondi għal "Latvijas Radio" u "Latvijas Televīzija" kienet ġiet issostanzjata b'mod xieraq; il-fondi kienu ntalbu biex jiġu mmitigati l-konsegwenzi tal-kriżi, u kien tnejja kalkolu dettaljat tal-fondi mitluba.

Xi kkonkludejna

L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħna se tiżgura kontroll fuq l-użu tal-fondi u tal-għotjiet baġitarji tal-Istat kif ukoll fuq it-twettiq tal-offerti tal-NEMMC. Aħna pproponejna li l-Kabinett jiddefinixxi approċċ u kriterji komuni għall-allokazzjoni ta' fondi għal appoġġ ulterjuri lill-media mill-programm "Fondi ta' Kontinġenza" biex jiġu mmitigati l-konsegwenzi tal-kriżi, u li l-amministrazzjoni tal-finanzjament tal-EMM tiġi fdata lil korp wieħed.

Qasam prijoritarju: Diġitalizzazzjoni

47 Il-pandemija ġiegħlet kemm lill-individwi kif ukoll lis-soċjetà jsibu u jadattaw malajr għal modi ġodda ta' interazzjoni, studju, taġlim u xogħol. Minħabba l-ġeneralizzazzjoni tal-politiki biex wieħed jibqa' d-dar, l-impatt kien ikun saħansitra akbar fin-nuqqas ta' soluzzjonijiet tal-IT. Kemm is-settur pubbliku kif ukoll dak privat qalbu għal modalità diġitali f'temp ta' f'tit ġimgħat. L-għodod u t-teknoloġiji tal-IT li jirrikjedu infrastruttura diġitali b'saħħitha u sigura kif ukoll ħiliet personali pprovdew soluzzjonijiet ġodda, iżda kienu wkoll ta' sfida għan-nies ta' kull età.

48 Il-kriżi wriet l-importanza tat-teknoloġija diġitali, filwaqt li enfasizzat l-opportunitajiet, ir-riskji u r-restrizzjonijiet. Hija aċċellerat mhux biss l-użu tal-għodod diġitali, iżda wkoll il-proċess kumplessiv tad-diġitalizzazzjoni. Il-gvern diġitali, il-kummerċ elettroniku u l-bejgħ bl-imnut online, it-telexogħol, l-edukazzjoni mill-bogħod u l-kura tas-saħħa elektronika saru n-norma l-ġdida. Il-pjattaformi, is-servizzi ta' messaġġerija u l-vidjokonferenzi jintużaw biex jinżammu l-kuntatti soċjali. Fil-kuntest tal-pandemija, il-big data u l-intelliġenza artifiċjali qed jikkontribwixxu għat-tfittxija għall-vaċċini, għat-traċċar tal-infezzjonijiet u għall-interpretazzjoni tax-xejriet tal-infezzjoni.

49 Is-SAls tal-Latvja u tan-Netherlands eżaminaw l-iżvilupp u l-impatt ta' soluzzjonijiet diġitali: l-ewwel fil-qasam tal-edukazzjoni, u t-tieni fil-kuntest tax-xogħol mill-bogħod fl-istituzzjonijiet tal-Gvern ċentrali.

Sistema edukattiva



Latvijas Republikas
Valsts kontrole

Il-Latvja

Valsts kontrole

Tagħlim mill-bogħod f'sitwazzjoni ta' emerġenza

Ippubblikat	Tip ta' awditu	Perjodu kopert	Links
30.9.2020	Awditu finanzjarju	Marzu-Ġunju	LV Sommarju EN

Xi vvalutajna u għaliex

Wara t-tħabbira tal-WHO li ddikjarat il-COVID-19 bħala pandemija, il-Kabinett tal-Ministri (il-Kabinett) iddikjara stat ta' emerġenza fit-12 ta' Marzu 2020 u ssospenda t-tagħlim fil-klassijiet fl-istabbilimenti edukattivi kollha sakemm is-sitwazzjoni tkun għiet riziolta. It-tagħlim kellu jsir mill-bogħod, għajr l-eżamijiet ċentrali tal-Istat. Inizjalment iddikjarat sal-14 ta' April 2020, l-istat ta' emerġenza ġie estiż darbtejn – sat-12 ta' Mejju u mbagħad sad-9 ta' Ġunju 2020.

Bejn it-12 ta' Marzu u l-20 ta' Ġunju 2020, il-Kabinett alloka riżorsi finanzjarji addizzjonali ta' EUR 568 368 lill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza (il-Ministeru), mill-programm "Fondi ta' Kontinġenza", biex jiffinanzja faċilitajiet ta' tagħlim mill-bogħod matul l-emerġenza:

- o EUR 203 160 għax-xiri ta' apparati intelliġenti (telefowns u tablets) għall-ħtiġijiet tat-tagħlim mill-bogħod tal-istudenti fl-iskejjel primarji u sekondarji;
- o EUR 365 208 għall-produzzjoni u t-tqassim ta' kontenut awdjoviżiv għat-tagħlim mill-bogħod fuq kanali televiżivi bla ħlas, u għall-iżvilupp ta' pjattaforma tal-internet u ta' soluzzjonijiet diġitali.

B'mod parallel, matul l-emerġenza, il-Kabinett awtorizza lill-Ministeru jissospendi l-applikazzjoni tal-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku fil-każ ta' oġġetti u servizzi meħtieġa għat-tagħlim mill-bogħod, bl-akkwist ikun ibbażat fuq azzjoni rapida u l-konklużjoni immedjata tal-kuntratti.

Ir-rapport *interim* tagħna jiġbor fil-qosor is-sejbiet tal-kontrolli li wettaqna fi ħdan il-Ministeru b'rabta mal-validità tat-talbiet għall-fondi addizzjonali u mal-użu reali ta' dawn il-fondi:

- (1) għax-xiri ta' apparati intelliġenti;
- (2) għall-ħolqien ta' kontenut awdjoviżiv għall-proġett ta' taġġim mill-bogħod "*Tava klase*" ("Il-klassi tiegħek").

X'sibna

- (1) Xiri ta' apparati intelliġenti

F'Marzu 2020, il-Ministeru organizza s'ħarriġ biex jivvaluta l-fattibbiltà tal-implimentazzjoni tat-taġġim mill-bogħod u jikseb informazzjoni dwar is-sitwazzjoni reali fir-rigward tal-aċċess għall-kompjuters, l-apparati intelliġenti u l-internet għall-istudenti fl-iskejjel primarji u sekondarji. L-istħarriġ sab li aktar minn 5 000 student ma kellhomx aċċess għal kompjuter jew għal smartphone b'konnessjoni tal-internet. Għalhekk, il-Ministeru avviċina lill-kumpaniji tat-telekomunikazzjoni għal provvisti tat-tagħmir meħtieġ.

Il-Ministeru nefaq EUR 436 732 biex jixtri apparati intelliġenti b'konnessjoni tal-internet għat-taġġim mill-bogħod (inkluż EUR 203 160 mill-fondi ta' kontinġenza).

Biex niżguraw li l-Ministeru kien uża dawn il-fondi b'mod ekonomiku u effiċjenti, aħna s'ħarriġna lill-muniċipalitajiet biex naraw jekk dawn kinux qassmu l-apparati intelliġenti tal-Ministeru lill-istudenti, u x'kienu għamli bl-apparati wara l-emerġenza.

Riżultati tal-istħarriġ:

- Il-biċċa l-kbira mill-5 266 apparat intelliġenti (valur totali ta' EUR 557 731) kienu ngħataw lill-istudenti. Madankollu, mill-inqas 295 (valur ta' EUR 28 665) ma kinux tqassmu, iżda baqgħu għad-dispożizzjoni ta' muniċipalitajiet individwali, minħabba li l-Ministeru ma kienx ivverifika jekk il-ħtiġijiet tagħhom kinux għadhom kif kienu ġew indikati inizjalment.
- Bosta muniċipalitajiet ma kinux irċevew biżżejjed apparati intelliġenti u għalhekk kienu xtrawhom mill-fondi tagħhom stess (mill-inqas 139 apparat).
- Barra minn hekk, il-muniċipalitajiet kienu taw mill-inqas 2 015-il kompjuter u tablet mill-istituzzjonijiet edukattivi, u mill-inqas 144 ingħataw lilhom permezz ta' donazzjoni.

- o Il-Ministeru ma kien ta l-ebda struzzjoni għall-użu tal-apparati intelliġenti wara l-emerġenza, u għalhekk il-muniċipalitajiet aġixxew b'modi differenti: l-apparati jew ġew irritornati lill-istituzzjonijiet edukattivi għal użu ulterjuri jew inkella tħallew għand l-istudenti.

(2) Implimentazzjoni tal-proġett “Il-klassi tiegħek”:

Skont il-Ministeru, l-emerġenza ħolqot ħtieġa urġenti għal riżorsi edukattivi oriġinali kemm għall-istudenti kif ukoll għall-għalliema f'diversi suġġetti, li għamli użu mit-tagħlim mill-bogħod u minn konnessjonijiet interdixiplinarji ta' kwalità għolja, filwaqt li ġie żgurat li l-materjali kienu aċċessibbli b'mod wiesa' kemm jista' jkun.

Il-kontenut awdjoviżiv ġie prodott u tqassam fuq kanali televiżivi bla ħlas, u ġew żviluppati pjattaforma tal-internet u soluzzjonijiet diġitali. Ammont addizzjonali ta' EUR 365 208 kien ġie allokat mill-baġit tal-Istat. Għaldaqstant, il-lezzjonijiet “Il-klassi tiegħek” ixxandru fuq il-kanal RE:TV u fuq Sportacentrs.com mis-6 ta' April sad-29 ta' Mejju 2020, u nħoloq is-sit web www.tavaklase.lv.

Xi kkonkludejna

B'riżultat tal-awditu, aħna kkonkludejna li b'mod ġenerali l-proċess tat-tagħlim mill-bogħod kien organizzat skont iċ-ċirkustanzi prevalenti fis-sitwazzjoni ta' emerġenza u li l-Ministeru kien ipprovda l-oġġetti u s-servizzi meħtieġa biex tingħeleb il-kriżi tal-COVID-19 u biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tagħha. Fl-istess ħin, aħna għbidna l-attenzjoni lejn modi possibbli ta' kif l-immaniġġjar ta' dan il-proċess jista' jkompli jitjieb.

Amministrazzjoni tal-gvern



**Algemene
Rekenkamer**

In-Netherlands
Algemene Rekenkamer

Fokus fuq ix-xogħol diġitali mid-dar

Ippubblikat	Tip ta' awditu	Perjodu kopert	Links
2.11.2020	Investigazzjoni tal-fokus	Lulju-Ottubru	NL EN

Xi vvalutajna u għaliex

Minħabba l-COVID-19 l-iskejjel, l-universitajiet, ir-ristoranti u l-uffiċċji kienu mġiegħla jagħlqu l-bibien tagħhom f'Marzu 2020. Fejn kien possibbli, ix-xogħol mid-dar f'daqqa waħda sar in-norma. Kważi l-175 000 impjegat taċ-ċivil kollha li jaħdmu għall-ministeri u għall-Kunsilli Għolja tal-Istat kellhom jaħdmu kemm jista' jkun mid-dar, spiss b'suċċess kbir. Bil-ferroviji u t-toroq vojta, ix-xogħol kompli jsir mid-dar. L-impjegati taċ-ċivil ikkollaboraw u kkomunikaw bit-telefown, bi drives konvenzjonali tan-network u bil-posta elettronika, kif ukoll dejjem aktar permezz ta' laqgħat bil-vidjo, apps tal-messaġġi u pjattaformi kollaborattivi online. Naturalment, l-għodod tal-ICT kollaborattivi ma kinux xi ħaġa ġdida, iżda issa f'daqqa waħda kienu qed jintużaw b'mod massiv għat-tipi kollha ta' skopijiet ġodda. Dan qajjem ħafna mistoqsijiet għall-utenti: It-telefonati bil-vidjo permezz ta' Zoom huma siguri? X'informazzjoni nista' nikkondividi f'app? Kif nista' nuża l-laptop personali tiegħi b'mod sigur għax-xogħol? Aħna identifikajna riskji fl-użu tal-ICT kollaborattivi fil-Gvern ċentrali. Bħala l-ewwel pass fl-investigazzjoni ta' dawn ir-riskji, aħna bdejna billi rajna liema għodod tal-ICT intużaw, kif intużaw u kif l-użu tagħhom ġie rregolat.

X'sibna

Aħna osservajna li l-kriżi tal-COVID-19 kienet wasslet għal żieda rapida fit-telexogħol fil-Gvern ċentrali. Dan kien jitlob flessibilità enormi mill-persunal tal-ICT u mis-servizzi ta' appoġġ. Aħna faħħarna l-mod kif il-ministeri, l-uffiċjal kap tal-informazzjoni tal-Gvern ċentrali, l-impjegati individwali taċ-ċivil u l-fornituri tas-servizzi, bħaċ-Ċentru ta' Servizi Kondiviżi tal-ICT, kienu rrispondew għall-kriżi tal-COVID-19.

Aħna wettaqna sħarriġ biex niksbu informazzjoni dwar l-applikazzjonijiet tal-ICT li jintużaw mill-impjegati taċ-ċivil meta jkunu qed jaħdmu mid-dar. Sibna li l-komunikazzjoni dwar liema għodod tal-ICT kollaborattivi jistgħu jintużaw kien jeħtieġ li tkun aktar ċara u aktar faċli biex tinftiehem. Wieħed minn kull ħamsa tar-rispondenti qalu li dawn ma kinux konxji mill-ftehimiet dwar l-użu tal-għodod tal-ICT kollaborattivi; 22 % ma kinux sodisfatti bil-komunikazzjoni dwar dawn il-ftehimiet. L-akbar inċertezza kienet tikkonċerna l-użu ta' apps tal-messaġġi, bħal WhatsApp, u ta' pjattaformi kollaborattivi online bħal Microsoft Teams, SharePoint u Dropbox.

Is-7 % tar-rispondenti li jużaw il-WhatsApp u s-16 % tar-rispondenti li jużaw il-posta elettronika privata kienu kkondividew wkoll informazzjoni kunfidenzjali mingħajr permess. Raġuni waħda għal dan kienet li xi drabi l-impjegati taċ-ċivil ma kinux jafu liema applikazzjonijiet setgħu jużaw. Pereżempju, l-intranet tal-Gvern ċentrali jgħid li l-WhatsApp tista' tintuża għax-xogħol taħt ċerti kundizzjonijiet. Madankollu, bosta ministeri jipprojbixxu b'mod espliċitu l-użu ta' din l-app tal-messaġġi.

In-nuqqas ta' sodisfazzjon bil-kapaċitajiet offruti mill-għodod tal-ICT disponibbli huwa waħda mir-raġunijiet prinċipali għalfejn wieħed imur kontra dawn il-ftehimiet billi juża apps li ma jkunux irrakkomandati. Il-ministri, is-segretarji tal-Istat u l-impjegati għolja taċ-ċivil ukoll mhux dejjem jużaw l-għodod tal-ICT siguri preskritti u disponibbli, minkejja li l-użu li huma jagħmlu mill-għodod tal-ICT iservi ta' eżempju għall-bqija tal-organizzazzjoni. Il-ministri, is-segretarji tal-Istat u l-impjegati għolja taċ-ċivil xi drabi jippreferu apps tal-messaġġi popolari, bħal WhatsApp, kif ukoll tablets u smartphones inqas siguri minħabba li huma aktar konvenjenti, aktar veloċi u aktar faċli għall-utent minn għodod li huma siguri ħafna.

L-investigazzjoni tagħna żvelat eżempju ta' dan. Fir-rebbiegħa 2020, wieħed mill-ministeri stabbilixxa ambjent ultrasigur għal-laqgħat bil-vidjo fuq it-talba tal-uffiċjal kap tal-informazzjoni tal-Gvern ċentrali. Dan l-ambjent ġie pprovdut għal komunikazzjoni kunfidenzjali bejn il-ministri u s-segretarji tal-Istat, iżda ma ntużax.

Xi kkonkludejna

L-investigazzjoni tagħna turi li l-Gvern ċentrali jrid jieħu passi biex l-użu li huwa jagħmel mill-apps tal-messaġġi u l-mobiles isir aktar sigur. Aħna naraw l-użu tagħhom bħala l-akbar riskju għas-sigurtà u l-privatezza tal-informazzjoni. Jekk l-għodod tal-ICT irrakkomandati ma jintużawx, jew jintużaw b'mod skorrett, l-informazzjoni tista' tispiċċa f'idejn żbaljati.

Xi impjegati taċ-ċivil fil-Gvern ċentrali jaraw il-ħtieġa ta' komunikazzjoni aktar ċara dwar l-użu sigur tal-għodod tal-ICT kollaborattivi, bħall-apps tal-messaġġi u s-servizzi ta' laqgħat online. Xi impjegati taċ-ċivil jużaw il-WhatsApp u l-posta elettronika privata biex jikkondividu informazzjoni kunfidenzjali relatata max-xogħol, b'hekk jonqsu milli jikkonformaw mal-linji gwida tas-sigurtà tal-organizzazzjonijiet tagħhom.

Dawn l-osservazzjonijiet wasslu għal investigazzjoni ta' segwitu fl-awditu finanzjarju annwali tagħna għall-2020 dwar is-sigurtà tal-informazzjoni fil-Gvern ċentrali. Aħna analizzajna speċifikament l-immaniġġjar tar-riskju u tal-inċidenti min-naħa tal-Gvern ċentrali b'rabta ma' WhatsApp u d-diversi għodod tal-vidjokonferenzi li qed jintużaw. Aħna ppubblikajna r-riżultati f'Mejju 2021.

Qasam prijoritarju: Rispons soċjoekonomiku

50 Ir-rispons soċjoekonomiku jinsab ukoll prinċipalment fi ħdan il-mandat tal-Istati Membri, li jispjega d-differenzi fis-severità tal-miżuri li ttieħdu. Ir-rispons ta' kull Stat Membru kien jiddependi, l-ewwel nett, mis-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tiegħu fil-bidu tal-pandemija, kif ukoll mit-tnejn tiegħu matul il-mewġa inizjali ta' infezzjonijiet. It-tieni, mhux l-Istati Membri kollha ntlaqtu b'mod simultanju u bl-istess intensità, u dan wassal għal ċerta inċertezza fit-teħid ta' deċiżjonijiet rigward in-natura tal-miżuri ta' lockdown u dawk protettivi kif ukoll rigward il-ħtieġa għal pakketti ta' stimolu u ta' reżiljenza ekonomiċi.

51 Illum, wara aktar minn sena, l-Istati Membri kollha ħadu passi, b'xi mod jew ieħor, biex jiġi miġġieled l-impatt negattiv tal-miżuri ta' lockdown, li wasslu biex ħafna negozji jagħlqu, xi wħud b'mod permanenti, u naqqsu b'mod sostanzjali d-domanda f'ħafna setturi. Ir-riskju akbar ta' sensji u tkeċċijiet qajjem biża' ta' żieda fil-qgħad u fid-distsorsjoni soċjali, kif ukoll il-ħtieġa ta' nfiq pubbliku ogħla. Il-gvernijiet nazzjonali stabbilew skemi ta' assenza bil-permess (żamma tal-impjeg) biex itaffu l-piż finanzjarju fuq l-impjegaturi, jissalvagwardjaw l-impjegati u jillimitaw il-konsegwenzi soċjali tal-kriżi. Dawn użaw firxa ta' għodod biex jipprovdu likwidità immedjata lin-negozji affettwati (partikolarment l-SMEs), filwaqt li jgħinuhom jibqgħu għaddejnin u jippreservaw l-impjegati, b'hekk jevitaw diffikultajiet addizzjonali għall-unitajiet domestiċi u għall-individwi li diġà qed jiffaċċjaw sitwazzjoni diffiċli ħafna.

52 Is-SAIs tal-Latvja, tal-Litwanja, tan-Netherlands u l-QEA kollha vwalutaw ir-rispons soċjoekonomiku fil-livell nazzjonali jew tal-UE. Il-Latvja u n-Netherlands awditjaw l-appoġġ għall-impjegati u n-negozji, il-Litwanja u l-QEA rrieżaminaw ir-rispons ekonomiku kumplessiv fi ħdan il-mandati rispettivi tagħhom.

Negozji



**Algemene
Rekenkamer**

In-Netherlands
Algemene Rekenkamer

Appoġġ individwali lill-kumpaniji matul il-kriżi tal-COVID

Ippubblikat	Tip ta' awditu	Perjodu kopert	Links
12.11.2020	Awditu tal-prestazzjoni	Marzu-Awwissu	NL Sommarju EN

Xi vvalutajna u għaliex

Aħna ppubblikajna s-sejbiet tal-awditu li wettaqna f'żewġ partijiet, l-ewwel parti fis-26 ta' Ġunju 2020 bħala ittra lill-parlament: "Support for big companies – learning from the past". Din l-ittra ġabret 16-il tagħlima li l-gvernijiet suċċessivi kienu tgħallmu, xi drabi bid-dnewwa, mill-miżuri ta' appoġġ mill-Istat matul dawn l-aħħar 40 sena. Dawn kienu jvarjaw minn appoġġ mill-Istat għall-grupp preċedenti ta' bini tal-vapuri RSV fis-snin 70 u għall-manifattur tal-inġenji tal-ajru Fokker fis-snin 90 għall-appoġġ reċenti għall-banek matul il-kriżi tal-kreditu.

Fit-tieni parti tal-proġett, li ġiet ippubblikata fit-12 ta' Novembru 2020 bħala rapport, aħna eżaminajna jekk kinux ġew applikati l-istess 16-il tagħlima fil-miżuri ta' appoġġ mill-Istat għal kumpaniji bħall-KLM, l-IHC u l-HEMA matul il-kriżi attwali tal-COVID. Aħna eżaminajna l-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Gvern għal erba' kumpaniji li kienu rċewew appoġġ imfassal apposta mill-Istat matul il-kriżi tal-COVID u tliet kumpaniji li l-applikazzjonijiet tagħhom kienu ġew miċħuda. Kienu ttieħdu tagħlimiet, jew kien diffiċli li jiġu evitati ċerti problemi?

X'sibna

Aħna sibna li l-gvern kien applica ħafna mit-tagħlimiet li ttieħdu mill-passat. Sibna li b'mod ġenerali l-ministri kienu qiesu l-applikazzjonijiet bir-reqqa biex jaraw jekk dawn kinux sostanzjati biżżejjed u esploraw alternattivi fejn kien meħtieġ. Qabel ma daħlu fi pjan ta' appoġġ mill-Istat, dawn l-ewwel kienu vvalutaw ukoll liema appoġġ kien disponibbli minn partijiet ikkonċernati oħra biex isalvaw il-kumpanija (jew issir "rikapitalizzazzjoni interna"). Għaldaqstant, pereżempju, il-Gvern iddeċieda li l-HEMA kienet kapaċi tibqa' topera mingħajr appoġġ. L-NS (l-operatur ferrovjarju nazzjonali) u

L-ground handlers fl-ajruport ta' Schiphol ġew riferuti għal skemi ta' appoġġ kontra l-COVID li kienu aktar ġenerali. B'mod ġenerali, il-ministri kkonsultaw ukoll lill-Kummissjoni Ewropea minnufih biex jiddeterminaw il-kompatibbiltà tal-appoġġ propost mas-suq intern. Madankollu, l-awditu żvela wkoll li l-affarijiet mhux dejjem kienu marru tajjeb fil-każijiet kollha. Pereżempju, il-Gvern kien kixef il-karti tiegħu kmieni wisq meta ħabbar pubblikament li kien biħsiebu jagħti appoġġ lill-KLM ta' bejn wieħed u ieħor EUR 2-4 biljun. Din it-tħabbira bikrija tellfet il-vantaġġ fin-negożjati ta' appoġġ lill-banek b'sehem fil-KLM, li kienu jġarrbu telf konsiderevoli kieku l-linja tal-ajru falliet. Kif ġara, l-Istat spiċċa jġarrab 93 % tar-riskju mill-miżura ta' appoġġ. Għalhekk, aħna kkonkludejna li l-prinċipju tar-“rikapitalizzazzjoni interna” kellu biss suċċess limitat mal-KLM. Dan huwa simili għar-rikapitalizzazzjonijiet għal Fokker u NedCar fis-snin 90, fejn l-interess pubbliku biex jiġu salvati l-kumpaniji xi drabi kien ipprova ingranaġġ lill-partijiet privati biex iġiegħlu lill-Gvern jipprovdi appoġġ.

Aħna sibna wkoll li kien hemm riskju ta' kunflitti ta' interess: fil-każ tal-appoġġ għall-KLM, il-Gvern kien talab parir mingħand l-ABN AMRO filwaqt li l-bank kien ukoll parti mill-konsorzju li miegħu dan kellu jinnegozja l-parteċipazzjoni fl-operazzjoni ta' appoġġ.

L-appoġġ mill-Istat għall-kumpanija tal-bini tal-vapuri IHC kien intenzjonat biex jipprevieni lill-Gvern milli jkollu jħallas EUR 395 miljun fuq l-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni diġà pprovduta fil-każ li l-kumpanija tfalli. L-IHC salvat mill-falliment, parzjalment bis-saħħa ta' assicurazzjoni ta' kreditu addizzjonali. Il-Gvern qies li EUR 700 miljun kienu livell aċċettabbli ta' riskju għall-Istat minn din il-miżura ta' appoġġ. Madankollu, aħna sibna li r-riskju massimu għall-Istat mill-appoġġ lill-IHC ikun jilħaq il-EUR 895 miljun. F'termini ta' logħob tal-azzard, din l-istrateġija tissejjaħ “irduppar”. Il-Gvern ma kienx informa kompletament lill-parlament dwar dan ir-riskju. Barra minn hekk, għal ċerti aspetti tal-iskema ta' appoġġ, il-parlament kellu, bil-liġi, jiġi infurmat aktar qabel, sabiex ma jiġix ippreżentat b'fait accompli.

Fl-1 ta' Mejju 2020, il-Gvern ippubblika qafas ta' valutazzjoni ġdid għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet ta' appoġġ individwali. Aħna nqisu li, suġġett għal għadd ta' aġġustamenti, il-qafas ta' valutazzjoni l-ġdid jipprovdi pjan direzzjonali għat-trattament ta' applikazzjonijiet ta' appoġġ individwali b'mod xieraq u strutturat.

Xi kkonkludejna

Aħna kkonkludejna li l-Gvern kien tgħallem minn ħafna tagħlimiet li ttieħdu mill-passat, iżda mhux minn kollha. Aħna rrakkomandajna li fil-qafas ta' valutazzjoni jiżdiedu għadd ta' punti. Jenħtieġ li dan il-qafas ta' valutazzjoni jiġi fformalizzat ukoll.

Skemi ta' assenza bil-permess



Latvijas Republikas
Valsts kontrole

Il-Latvja
Valsts kontrole

Użu tal-finanzjament allokat lill-Ministeru għall-Finanzi għall-pagament tal-benefiċċju għall-perjodu ta' inattività

Ippublikat	Tip ta' awditu	Perjodu kopert	Links
26.11.2020	Awditu finanzjarju	Marzu-Awwissu	LV Sommarju EN

Xi vvalutajna u għaliex

F'Marzu 2020, il-Kabinett tal-Ministri (il-Kabinett) alloka riżorsi finanzjarji addizzjonali ta' mhux aktar minn EUR 101.8 miljun mill-programm tal-Istat "Fondi ta' Kontinġenza" lill-Ministeru għall-Finanzi biex ikopri l-iżborż tal-benefiċċju għall-perjodu ta' inattività mogħti lill-impjegati ta' kumpaniji li l-kapaċità finanzjarja tagħhom iddeterjorat sinifikattivament minħabba t-tixrid tal-COVID-19, u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li jinsabu f'sitwazzjoni simili.

Il-benefiċċju għall-perjodu ta' inattività huwa wieħed mill-mekkaniżmi ta' appoġġ biex jiġu pprevenuti u jingħelbu l-konsegwenzi tal-COVID-19 stabbiliti bil-liġi dwar miżuri għall-prevenzjoni u s-soppressjoni ta' theddid għall-Istat u l-konsegwenzi tiegħu minħabba t-tixrid tal-COVID-19, li kienet diġà fis-seħħ f'Marzu 2020. L-essenza tiegħu hija l-kumpens għall-impjegati fis-setturi affettwati mill-kriżi meta l-impjegatur ma jkun jista' joffri l-ebda xogħol, u għall-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività ekonomika tagħhom tkun ġiet affettwata mill-kriżi. L-ammont ta' benefiċċji għall-perjodu ta' inattività huwa sa 75 % tar-remunerazzjoni medja fis-sitt xhur preċedenti, iżda mhux aktar minn EUR 700 għal kull xahar kalendarju.

Ir-rapport *interim* tagħna jiġbor fil-qosor l-informazzjoni dwar il-kontrolli mwettqa fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi u fl-istituzzjoni subordinata tiegħu – is-Servizz tad-Dħul tal-Istat (SRS) – dwar l-użu reali tal-fondi addizzjonali allokat għall-mitigazzjoni tal-konsegwenzi tal-COVID-19 permezz tal-pagament tal-benefiċċju għall-perjodu ta' inattività. Aħna vvalutajna wkoll il-kriterji għall-għoti tal-benefiċċju u l-arranġamenti għall-amministrazzjoni tiegħu.

X'sibna

Total ta' EUR 54 076 431 ġie allokati lill-SRS għall-pagamenti tal-benefiċċju għall-perjodu ta' inattività, u ntużaw EUR 53 784 481 (53 % tal-pakkett baġitarju totali). Benefiċċju ta' EUR 51 446 671 kien tħallas lil 52 867 impjegat, u EUR 2 337 810 lil 2 381 persuna li taħdem għal rasha (sa Awwissu 2020). Il-pagamenti reali kienu sinifikattivament aktar baxxi mill-ammont allokati (riżervat) oriġinarjament mill-Kabinett, għalkemm il-kalkoli inizjali koprew inqas setturi u, għalhekk, firxa aktar stretta ta' benefiċjarji. Il-benefiċċju kien intenzjonat ukoll għal perjodu iqsar. Il-kalkoli kienu bbażati fuq il-pagament tal-benefiċċju għal xahrejn, iżda fil-fatt dan kien tħallas għal kważi erba' xhur.

Meta vverifikajna jekk l-SRS kienx ta' u tħallas il-benefiċċju għall-perjodu ta' inattività skont l-iskop intenzjonat għall-għotjiet tal-benefiċċju għall-perjodu ta' inattività u skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni, aħna ma identifikajniex nuqqas ta' konformità sinifikanti. Madankollu, sibna dgħufijiet fil-qafas legali u fl-implimentazzjoni tiegħu:

- Fil-prinċipju, saru emendi fir-regolamenti tal-Kabinett li jipprevedu l-benefiċċju għall-perjodu ta' inattività bil-għan li titwessa' l-firxa ta' benefiċjarji. Madankollu, riżultat ta' emenda waħda, inkluż grupp ġdid ta' riċevituri tal-benefiċċju għall-perjodu ta' inattività, wassal biex oħrajn jiġu esklużi mill-firxa ta' riċevituri potenzjali.
- F'għadd ta' każijiet, inħolqu kundizzjonijiet mhux indaqs bejn gruppi fil-mira differenti għall-għoti tal-benefiċċju għall-perjodu ta' inattività:
 - Fost il-persuni li jaħdmu għal rashom, is-sitwazzjoni kienet aktar favorevoli għal dawk li jħallsu t-taxxa fuq il-mikrointrapriżi, billi ma ġie stabbilit l-ebda kriterju għall-valutazzjoni tal-ammont iddikjarat ta' taxxa fuq il-mikrointrapriżi, għalkemm dawk li jħallsu t-taxxa fuq il-mikrointrapriżi ma jħallsux taxxi oħra. Madankollu, għal persuni oħra li jaħdmu għal rashom, ġie stabbilit ammont minimu ta' kontribuzzjonijiet obligatorji tas-sigurtà soċjali tal-Istat imħallsa fl-aħħar sitt xhur tal-2019.
 - Meta kienu jħallsu ammonti ekwivalenti ta' taxxa, l-impjegati li jaħdmu għal impjegatur wieħed affettwat mill-kriżi kienu f'sitwazzjoni aktar favorevoli minn dawk li jaħdmu part-time għal bosta impjegaturi ta' dan it-tip, billi dawn tal-aħħar kienu jikkwalifikaw għall-benefiċċju għall-perjodu ta' inattività abbażi tal-paga grossa medja tagħhom minn impjegatur wieħed biss.

Xi kkonkludejna

B'riżultat tal-awditu, aħna pproponejna li l-Kabinett jiżgura li jiġu applikati kundizzjonijiet indaqs għall-benefiċjarji potenzjali kollha affettwati mill-kriżi. Meta jiġu introdotti forom ġodda ta' appoġġ u tiġi estiża l-firxa ta' benefiċjarji, ċerti gruppi ta' persuni li kienu jikkwalifikaw għall-għajjnuna qabel il-bidla ma jridux jiġu esklużi; u jrid ikun hemm opportunitajiet indaqs biex wieħed jikkwalifika għall-għajjnuna fi ħdan il-grupp fil-mira ta' appoġġ speċifiku.

Il-bidliet li ġejjin kienu saru wara l-awditu, fis-sitwazzjoni eċċezzjonali attwali: l-impjegati jistgħu jirċievu benefiċċju għall-perjodu ta' inattività abbażi tal-paga grossa medja li jirċievu minn bosta impjegaturi affettwati mill-kriżi; l-ebda ammont minimu ta' kontribuzzjonijiet obbligatorji tas-sigurtà soċjali tal-Istat ma huwa meħtieġ biex wieħed jirċievi benefiċċju għall-perjodu ta' inattività; l-ammont tal-benefiċċju għall-perjodu ta' inattività jiġi ddeterminat b'mod proporzjonali għall-perjodu ta' inattività.

Immaniġġjar ta' kriżijiet u ta' emerġenzi



AUKŠČIAUSIOJI
AUDITO INSTITUCIJA

Il-Litwanja

Valstybės kontrolė

Immaniġġjar tal-kriżi tal-COVID-19 u ta' emerġenzi

Ippublikat	Tip ta' awditu	Perjodu kopert	Links
30.11.2020	Valutazzjoni	Frar-Ottubru	LT Sommarju EN

Xi vvalutajna u ġħaliex

Sabiex jiġu mmitigati l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-COVID-19, huma meħtieġa miżuri u azzjonijiet trasversali fil-forma ta' deċiżjonijiet politiċi rapidi u aġġustamenti fil-leġiżlazzjoni, kif ukoll miżuri ekonomiċi u finanzjarji addizzjonali biex jitnaqqsu l-impatti negattivi fuq l-ekonomija, u soluzzjonijiet immirati sew għall-ħtiġijiet tas-soċjetà. Il-firxa tar-rispons tal-Gvern u l-implimentazzjoni f'waqtha tiegħu għandhom impatt deċiżiv fuq kif se jitnaqqsu l-konsegwenzi negattivi tal-COVID-19 fuq is-saħħa pubblika, l-introjtu tal-popolazzjoni, il-likwidità korporattiva, eċċ., u fuq kemm sinifikattivament se jinbidlu d-dħul u l-infiq pubbliku.

Ir-rapport tagħna jiġbor fil-qosor informazzjoni dwar l-azzjonijiet u l-miżuri li ttieħdu mill-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja għall-immaniġġjar tal-emerġenza, għall-mitigazzjoni tal-konsegwenzi tal-COVID-19 u għall-promozzjoni tal-ekonomija u l-irkupru. Dan jipprovdi wkoll ħarsa ġenerali lejn kif intużaw il-fondi allokat.

X'sibna

Filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-impatt negattiv tas-sitwazzjoni fuq l-ambjent soċjali u l-ekonomija, u sabiex jimmaniġġja t-tixrid tal-marda tal-COVID-19, minn Marzu sa Ġunju 2020, il-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja adotta settijiet ta' miżuri relatati:

- o Pjan għal miżuri biex tingħata spinta lill-ekonomija u jitnaqqsu l-konsegwenzi tat-tixrid tal-coronavirus (COVID-19) sabiex: jiżgura r-riżorsi għall-funzjonament effettiv tas-sistemi għall-protezzjoni tas-saħħa u dik pubblika; jikkontribwixxi għaż-żamma tal-impjiegi u tal-livelli tal-introjtu tal-popolazzjoni; jgħin lin-negozji jżommu l-likwidità; irawwem l-ekonomija u jggarantixxi l-likwidità tat-Teżor

Pubbliku. Ġew allokati EUR 6.2 biljun għall-pjan u l-miżuri li kienu jeħtieġu finanzjament dirett (investimenti, self, kumpensi, sussidji, żborżi), li ammonta għal EUR 4.9 biljun, li minnhom 40.1 % kienu ntużaw sa tmiem Settembru 2020.

- o Il-Pjan għad-DNA tal-Ekonomija Futura, li l-għan tiegħu kien li jinkiseb investiment rapidu u effettiv fl-irkupru u t-tkabbir ekonomiku tal-Litwanja sabiex l-ekonomija ssir sostenibbli u innovattiva u jiġi ġġenerat valur miżjud għoli. Għall-pjan ġew allokati EUR 5.8 biljun, b'fokus fuq ħames oqsma prijoritarji: il-kapital uman, l-ekonomija diġitali u n-negozju, l-innovazzjoni u r-riċerka, l-infrastruttura ekonomika, it-tibdil fil-klima u l-enerġija. Sa tmiem Ottubru 2020, kienu ġew investiti 13.5 % tal-fondi allokati għall-pjan.
- o Strateġija tal-immaniġġjar għall-COVID-19 li kienet intenzjonata biex timmaniġġja t-tixrid tal-marda tal-COVID-19 fit-terminu qasir u biex tnejji b'mod adegwat għal mewġiet ġodda possibbli tal-virus fil-futur. Għall-implimentazzjoni tal-istrateġija, kienu ppjanati 126 azzjoni li ma kinux marbuta mal-fondi. F'Ottubru 2020, 28 % tal-azzjonijiet tal-istrateġija ġew affettwati minn dewmien.

Xi kkonkludejna

Meta analizzajna l-implimentazzjoni tal-miżuri adottati mill-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja, aħna rajna li r-riskji għat-trasformazzjoni tal-ekonomija tal-Litwanja f'ekonomija innovattiva b'valur miżjud għoli, biex jintlaħaq l-oġettiv tal-Pjan għad-DNA tal-Ekonomija Futura, kienu dovuti għan-nuqqas ta' żmien iddedikat għall-kunsiderazzjoni u l-evalwazzjoni tal-proġetti, in-nuqqas ta' informazzjoni dwar il-fattibbiltà ekonomika tagħhom, u n-nuqqas ta' analiżi dettaljata tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji.

Il-pandemija tal-coronavirus kellha impatt negattiv fuq il-finanzi pubbliċi, l-ekonomija u s-suq tax-xogħol: id-dejn pubbliku kien żdied, il-prodott domestiku gross kien naqas; kien hemm dñul pubbliku aktar baxx milli kien mistenni, infiq oġhla, qgħad oġhla, eċċ. Madankollu, l-iżvilupp ekonomiku tal-Litwanja kien aħjar milli kien mistenni fl-ewwel nofs tal-2020. Dan kien ukoll ġie parzjalment influwenzat mill-miżuri ta' stimolu ekonomiku u mill-miżuri ta' appoġġ għall-popolazzjoni u n-negozji li ttieħdu mill-Gvern.

Aħna nemmnu li d-*data* miġbura fir-rapport ta' evalwazzjoni se ssir sors ta' informazzjoni aggregata dwar l-azzjonijiet tal-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja u se tipprova opportunità addizzjonali għall-istituzzjonijiet involuti fl-immaniġġjar tas-sitwazzjoni ta' emerġenza biex jindirizzaw l-effetti negattivi tagħha, u biex jippjanaw u jieħdu deċiżjonijiet li jindirizzaw bl-aħjar mod il-ħtiġijiet taż-żoni l-aktar affettwati mill-konsegwenzi tal-pandemija.

Ir-rispons ekonomiku tal-UE



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

L-Unjoni Ewropea

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Ir-Rapport Analitiku Nru 6/2020: Riskji, sfidi u opportunitajiet fir-rispons tal-politika ekonomika tal-UE għall-kriżi tal-COVID-19

Ippubblikat	Tip ta' awditu	Perjodu kopert	Links
9.12.2020	Rapport Analitiku	Marzu-Awwissu	Lingwi uffiċjali tal-UE

Xi vvalutajna u għaliex

Il-pandemija tal-COVID-19 ġiegħlet lill-Istati Membri tal-UE jagħlqu parti sostanzjali mill-ekonomiji tagħhom. F'Mejju 2020, ġie stmat li l-PDG reali tal-UE kien se jonqos b'7.4 % fl-2020. Sabiex jiċċattjaw il-kurva tal-pandemija kif ukoll jillimitaw u jiġġieldu kontra l-ħsara ekonomika, l-UE u l-Istati Membri tagħha implimentaw varjetà ta' miżuri. Għalkemm l-UE għandha rwol ewlieni ta' koordinazzjoni fl-iffaċilitar ta' miżuri mmirati lejn il-kontroll tal-ħsara ekonomika u l-irkupru, dawn il-miżuri jiġu deċiżi u prinċipalment implimentati fil-livell nazzjonali.

Bħala bażi għal deċiżjonijiet infurmati dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri ġodda u l-aġġustament ta' miżuri eżistenti, huwa essenzjali li wieħed jifhem kif l-UE fl-intier tagħha rreaġiet għall-pandemija li għadha għaddejja. Għal dan il-għan, ir-rapport analitiku jipprovdi ħarsa ġenerali indipendenti lejn l-azzjonijiet ekonomiċi rilevanti li ttieħdu fil-livell nazzjonali (sa Lulju 2020) u fil-livell tal-UE (sa Ottubru 2020). Aħna l-ewwel ġbarna u analizżajna b'mod sistematiku l-informazzjoni u d-*data* kollha disponibbli għall-pubbliku, u mbagħad ivvalutajna d-diversi miżuri mnedija fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri, filwaqt li identifikkaw r-riskji, l-isfidi u l-opportunitajiet possibbli għall-koordinazzjoni futura tal-politika ekonomika tal-UE.

X'sibna

Il-gvernijiet adottaw firxa wiesgħa ta' miżuri fiskali diskrezzjonali li jammontaw għal madwar EUR 3.5 triljun, ġeneralment f'konformità mal-linji gwida tal-politika tal-UE dwar il-kriżijiet, jiġifieri skemi ta' żamma tal-impjiegi u għajjnuna mill-Istat biex jipprovdu appoġġ ta' likwidità lin-negozji. Il-kompożizzjoni u d-daqs relattiv tal-pakketti nazzjonali varjaw sinifikattivament bejn l-Istati Membri. Filwaqt li mmitigaw b'mod effettiv ir-riskji ta' qgħad matul il-lockdowns, dawn se jgħollu b'mod konsiderevoli l-livelli tad-dejn pubbliku.

Ir-rispons tal-UE kien jikkonsisti f'miżuri b'appoġġ għall-isforzi nazzjonali għall-immaniġġjar tal-kriżi:

- intervent monetarju rapidu mill-Bank Ċentrali Ewropew, akkumpanjat minn:
 - użu tal-flessibilità disponibbli fir-regoli fiskali u fir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat tal-UE;
 - linji gwida *ad hoc* dwar il-politika ekonomika;
 - ridirezzjoni tal-baġit tal-UE lejn miżuri ta' rispons għall-kriżijiet;
- il-ħolqien ta' xbieki ta' sikurezza biex jiġi pprovdut appoġġ ta' self immirat:
 - lill-gvernijiet permezz tal-Kummissjoni (SURE u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà);
 - lin-negozji permezz tal-Bank Ewropew tal-Investment;
- l-iżvilupp ta' strumenti ta' appoġġ akbar, li minnhom l-NGEU⁴³ (b'valur ta' EUR 750 biljun) huwa l-akbar u l-aktar importanti. Il-qofol tiegħu huwa l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li għandha l-għan li tindirizza r-riskji ta' diverġenza ekonomika u li torbot l-irkupru mal-istrateġiji ekoloġiċi u dawk diġitali tal-UE.

⁴³ Kien għadu mhuwiex operazzjonali fiż-żmien meta r-rapport analitiku kien ġie kkompletat.

Xi kkonkludejna

Is-sett ta' miżuri fil-livelli tal-Istati Membri u tal-UE joħloq riskji u sfidi għall-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika ekonomika tal-UE, u għall-ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-UE:

- Il-pakketti fiskali tal-Istati Membri jiskattaw sfidi ġodda għall-awtoritajiet tal-UE li huma responsabbli mis-sorveljanza tal-pożizzjonijiet fiskali, is-suq intern, is-swieq tax-xogħol u s-settur finanzjarju.
- Hemm riskju ta' twessigħ ulterjuri tad-distakk ekonomiku bejn l-Istati Membri, billi l-kapaċità tagħhom ta' rispons għall-kriżijiet kienet tvarja ħafna, skont il-kundizzjonijiet ekonomiċi preeżistenti tagħhom.
- L-effettività tal-faċilità ta' rkupru proposta reċentement tirriskja li tiġi mxekkla jekk:
 - l-istruttura finanzjarja tagħha u l-qafas ta' monitoraġġ u ta' obbligu ta' rendikont ma jkunux adegwati;
 - il-pjanijiet ta' rkupru ma jkunux ikkoordinati b'mod xieraq u ma jiffukawx fuq ir-riformi u l-investimenti li jsaħħu t-tkabbir;
 - l-implimentazzjoni ma tkunx f'waqtha u/jew il-livelli ta' assorbiment ikunu baxxi.
- Il-Kummissjoni se tiffaċċja l-isfida tal-immaniġġjar tar-riskju finanzjarju ta' tranżazzjonijiet tal-UE fuq skala kbira fis-swieq kapitali.
- Ir-rispons ekonomiku tal-UE għall-kriżi tal-COVID-19 jippreżenta wkoll opportunitajiet:
 - L-implimentazzjoni tar-rispons finanzjarju għall-kriżi ekonomika għadha għaddejja iżda tista' tisser rwol imsaħħaħ għall-istituzzjonijiet tal-UE f'dak li jirrigwarda l-immaniġġjar tal-irkupru ekonomiku tal-UE.
 - Il-ħolqien ta' fondi temporanji ġodda bħal SURE u l-NGEU jippreżenta opportunità biex issir riflessjoni dwar titjib permanenti fil-kapaċità baġitarja tal-UE li tirreaġixxi għal skossi ekonomiċi kbar u timmitiga d-diverġenza ekonomika li tirriżulta fost l-Istati Membri.

- Finanzjament addizzjonali jipprovdi wkoll opportunità importanti biex jiġu promossi prijoritajiet tal-UE bħall-iżvilupp sostenibbli u d-diġitalizzazzjoni, dment li l-azzjonijiet jitfasslu b'attenzjoni u jiġu mmonitorjati bir-reqqa taħt is-Semestru Ewropew.

Qasam prijoritarju: Finanzi pubbliċi u r-riskji assoċjati

53 Sa minn nofs l-2020, l-Istati Membri kienu diġà adottaw kważi 1 250 miżura fiskali biex jiġu miġġielda l-impatti ekonomiċi u dawk fuq is-saħħa kkawżati mill-pandemija, b'valur ta' EUR 3.5 triljun (27 % tal-istimi tal-PDG tal-EU-27 għall-2020)⁴⁴. Il-biljuni ta' euro li ġew mobilizzati fl-ewwel mewġa diġà kienu jaqbz u l-valur totali tal-pakketti kollha ta' rkupru adottati fil-perjodu 2008-2009⁴⁵.

54 Il-politiki fiskali tal-Istati Membri ffukaw fuq il-mitigazzjoni tal-impatt fuq terminu qasir tal-lockdowns u tat-tnaqqis fid-domanda fuq l-introjti u l-impjiegi, kif ukoll fuq l-użu ta' miżuri ta' reżiljenza u ta' rkupru. B'mod ġenerali, dawn jikkonsistu minn:

- o stabilizzaturi awtomatiċi, bħal aġġustamenti standard tat-taxxa u skemi għall-qgħad;
- o miżuri ta' stimolu baġitarju diskrezzjonali, bħal ħelsien mit-taxxa jew tnaqqis fir-rati, kif ukoll inċiżi eċċezzjonali f'oqsma bħall-appoġġ għall-impjiegi u s-settur tas-saħħa;
- o miżuri mhux baġitarji biex tiġi ggarantita likwidità tan-negozju (self mill-Istat, garanziji għal self, differiment ta' taxxa, eċċ.), li ma għandhomx spiża fiskali diretta.

55 Is-SAls tan-Netherlands, tal-Portugall u tal-Iżvezja vvalutaw l-impatt, ir-riskji u l-implikazzjonijiet fiskali tal-miżuri finanzjarji li ttieħdu b'rispons għall-COVID-19 fuq u għall-finanzi pubbliċi u l-implimentazzjoni tal-baġits nazzjonali.

⁴⁴ Il-QEA, *Rapport Analitiku Nru 6/2020: Riskji, sfidi u opportunitajiet fir-rispons tal-politika ekonomika tal-UE għall-kriżi tal-COVID-19*, 9.12.2020.

⁴⁵ Il-Kummissjoni Ewropea, *Questions and answers: Communication on fiscal policy response to coronavirus pandemic*, 3.3.2021.

Finanzi pubbliċi u riskji relatati**Algemene
Rekenkamer****In-Netherlands
Algemene Rekenkamer****Il-kriżi tal-COVID: ir-riskji tal-avalli u tas-self lill-finanzi pubbliċi**

Ippubblikat	Tip ta' awditu	Perjodu kopert	Links
25.11.2020	Awditu finanzjarju/ tal-konformità	Marzu-Awwissu	NL Sommarju EN

Xi vvalutajna u għaliex

Il-Gvern Netherlandiż stabbilixxa diversi skemi bejn Marzu u Awwissu 2020 biex jevita l-konsegwenzi ekonomiċi mill-miżuri għall-prevenzjoni tat-tixrid tal-COVID-19.

Minbarra l-bosta biljuni ta' euro f'infuq addizzjonali u f'introjtu mitluf, il-Gvern ipprova wkoll garanziji, estenda l-iskemi ta' garanzija eżistenti u pprova s-self. Għalkemm l-iskemi ta' garanzija ma jirriżultawx immedjatament f'infuq, dawn tassew jinvolvu r-riskju ta' nfiq (konsiderevoli) jekk isir rikors għalihom.

Għalhekk, il-Gvern diġà stabbilixxa regoli stretti li jirregolaw l-istabbiliment ta' skemi ta' garanzija u l-għoti ta' self.

Aħna investigajna liema garanziji u self kien ipprova l-Gvern bejn Marzu u tmiem Awwissu 2020 u jekk huwa kienx segwa r-regoli.

Aħna investigajna wkoll jekk il-parlament kienx ġie infurmat rigward dawn il-garanziji u self u kif kien ġie infurmat, u jekk kienx hemm konformità mar-regoli baġitarji tal-parlament.

X'sibna

Bejn Marzu u tmiem Awwissu 2020, il-Gvern stabbilixxa jew estenda 14-il skema ta' garanzija. Dan żied l-ammont totali ta' garanziji pendenti tal-Gvern Netherlandiż b'EUR 60.9 biljun. Il-Gvern jistenna li dan iwassal għal EUR 2.6 biljun f'infuq addizzjonali. Barra minn hekk, il-Gvern ħareġ tmien selfiet li ammontaw għal EUR 1.8 biljun fl-istess perjodu.

Għalhekk, il-garanziji u s-self maħruġa mill-Gvern bejn Marzu u tmiem Awwissu żiedu l-ammont tal-fondi pubbliċi f'riskju b'EUR 62.7 biljun. Dan żied l-ammont totali ta' fondi pubbliċi f'riskju għal livell li huwa kważi ndaqs għar-rekord għoli li deher matul il-kriżi tal-kreditu (EUR 245.5 biljun).

L-investigazzjoni tagħna wriet ukoll li l-Gvern ma kienx applika b'mod konsistenti r-regoli tiegħu stess għall-istabbiliment jew l-estensjoni tal-iskemi ta' garanzija u tas-self. Pereżempju, il-qafas ta' valutazzjoni obligatorju ma kienx intuża għal kull skema li kienet ġdida jew li għiet estiża. F'dawk l-iskemi li għalihom kienu ntużaw oqfsa ta' valutazzjoni, il-grad ta' akkuratizza fl-ikkompletar ta' dawn l-oqfsa kien ivarja. Barra minn hekk, mhux l-oqfsa ta' valutazzjoni kollha li ġew ikkompletati kienu ntbagħtu lill-parlament fil-ħin, kif inhuwa obligatorju. B'riżultat ta' dan, il-parlament ma setax jiffamiljarizza lill-nnifsu mal-kontenut tal-liġijiet baġitarji emendati qabel ma approvahom.

Fl-aħħar nett, l-investigazzjoni tagħna turi li għal 6 mit-22 skema maħluqa jew estiża, il-Gvern ma kienx informa lill-parlament dwar id-dħul fis-seħħ tagħhom qabel ma dan kellu l-possibbiltà li jiddiskuti l-liġi baġitarja emendata. Skont l-Att dwar il-Kontijiet tal-Gvern Netherlandiż, ministru jrid jinnotifika lill-parlament bil-miktub rigward l-introduzzjoni ta' skema jekk, fl-interess nazzjonali, din tkun teħtieġ li tiġi introdotta qabel ma l-parlament ikollu l-possibbiltà li jiddiskuti u japprova l-abbozz ta' liġi li jemenda l-baġit.

Xi kkonkludejna

Aħna kkonkludejna li l-Gvern ma kienx applika b'mod konsistenti l-politika u r-regoli tiegħu stess għall-istabbiliment jew l-estensjoni tal-iskemi ta' garanzija u tas-self. Ikkonkludejna wkoll li l-parlament mhux dejjem kien ġie debitament innotifikat fi żmien opportun u għaldaqstant, f'xi każijiet, kien hemm ksur tal-Att dwar il-Kontijiet tal-Gvern Netherlandiż.

Aħna rrakkomandajna li l-Ministru għall-Finanzi jirrieżamina r-regoli li jirregolaw l-istabbiliment jew l-estensjoni tal-iskemi ta' garanzija u l-għoti tas-self f'termini tal-użu tagħhom f'sitwazzjonijiet ta' kriżi. Irrakkomandajna wkoll li l-Ministru għall-Finanzi jagħmel aktar biex jiżgura li l-parlament jiġi nnotifikat b'mod xieraq fi żmien opportun. Aħna rrakkomandajna wkoll li l-parlament jiġi infurmat aħjar rigward ir-riskji tal-iskemi, it-telf mistenni u l-livell tar-riżervi disponibbli għal dan l-iskop. Fl-aħħar nett, aħna rrakkomandajna li jiġu evalwati l-iskemi introdotti speċifikament biex jiġu miġġielda l-konsegwenzi ekonomiċi tal-kriżi tal-COVID-19 mill-aktar fis possibbli, b'fokus partikolari fuq l-effettività tagħhom.



L-Iżvezja
Riksrevisionen

RIKSREVISIONEN

Il-qafas tal-politika fiskali – l-applikazzjoni mill-Gvern fl-2020

Ippubblikat	Tip ta' awditu	Perjodu kopert	Links
17.12.2020	Awditu tal-prestazzjoni	April-Settembru	SV Sommarju EN

Xi vvalutajna u għaliex

Biex jiġġieled kontra r-reċessjoni ekonomika profonda minħabba l-pandemija tal-coronavirus, il-Gvern Żvediż ħa deċizzjoni dwar sensiela ta' miżuri ta' appoġġ fir-rebbiegħa u fis-sajf tal-2020. Ġie stmat li dawn il-miżuri jkunu jdgħajfu l-finanzi pubbliċi b'madwar 2 % tal-PDG. L-Abbozz tal-Baġit 2021 ippropona miżuri ulterjuri li jammontaw għal SEK 108 biljun (2.1 % tal-PDG) sabiex l-ekonomija terġa' tirpilja.

Filwaqt li politika fiskali espansjonarja hija meħtieġa b'mod ċar biex tistabbilizza l-ekonomija fi żminijiet ta' kriżi, huwa daqstant importanti li jinżammu finanzi pubbliċi sodi fit-terminu twil. Għalhekk, aħna awditajna l-politika fiskali tal-gvern b'rabta mal-qafas tal-politika fiskali tal-Iżvezja, li l-iskop tiegħu huwa li jiżgura politika fiskali sostenibbli u trasparenti fuq terminu twil.

Il-qafas fih bosta għanijiet tal-politika baġitarja kif ukoll prinċipji għal rappurtar trasparenti, u ġie adottat mir-Riksdag, il-Parlament Żvediż. Il-qafas ilu fis-seħħ mill-bidu tas-snin 2000 u ġie rfinat matul is-snin, parzjalment b'riżultat tal-awditi rikorrenti tagħna dwar is-suġġett.

X'sibna

L-awditu wera li l-miżuri tal-Gvern għall-kriżijiet wasslu għal defiċits kbar, u li l-mira tas-surplus għas-self nett tal-gvern estiż ma kinitx se tinkiseb. Devjazzjonijiet temporanji mil-livell fil-mira huma permessi għal raġunijiet relatati mal-politika ta' stabbilizzazzjoni, billi l-mira tas-surplus tapplika fuq ċiklu kummerċjali. Madankollu, il-Gvern ma kienx ippreżenta l-pjan obligatorju tiegħu dwar kif il-mira tas-surplus tista' tintlaħaq fit-terminu medju.

Għan ieħor mill-għanijiet tal-politika baġitarja huwa l-limitu massimu tan-nefqa tal-Gvern ċentrali, li l-Gvern kien żied b'mod sostanzjali l-livell tiegħu għall-2020 u s-snin ta' wara. L-awditu wera li l-Gvern kellu raġunijiet validi biex iżid il-limitu massimu tal-infiq għall-2020, billi l-pandemija biddlet radikalment il-kundizzjonijiet għall-politika fiskali. Iżda l-livelli li ġew miżjuda b'mod sostanzjali għall-2021 u l-2022 ma kinux ibbażati fuq il-previżjonijiet makroekonomiċi tal-Gvern jew korrelatati magħhom. Minflok, dawn kienu mmotivati minn ħtieġa għal marġnijiet ta' sikurezza estremament kbar.

Il-livell propost tal-limitu massimu tal-infiq għall-2023 ġie lura għal-livelli normali fir-rigward tad-daqs tal-ekonomija Żvediża. Dan jillimita l-ambitu għal żidiet permanenti fl-infiq matul il-kriżi, filwaqt li jimplika li l-marġnijiet estremi tas-snin preċedenti jistgħu jintużaw biss għal miżuri temporanji. F'dan il-kuntest, aħna sibna li l-ambitu tal-miżuri temporanji u permanenti f'dak li jirrigwarda n-naħa tal-infiq ma kienx ċar fl-Abbozz tal-Baġit.

Xi kkonkludejna

Aħna kkonkludejna li l-politika fiskali kienet prinċipalment imfassla u rrapportata f'konformità mal-qafas tal-politika fiskali. Il-qafas tal-politika fiskali pprova lill-Gvern appoġġ għal devjazzjonijiet temporanji mill-mira tas-surplus għal raġunijiet relatati mal-politika ta' stabbilizzazzjoni. Iżda kien hemm ukoll devjazzjonijiet mill-qafas: billi ma sar l-ebda rappurtar dwar kif kellu jseħħ ir-ritorn għall-mira tas-surplus, il-Gvern ma kienx qed jikkonforma mal-Att Baġitarju. Aħna qisna li s-sitwazzjoni inċerta ma kinitx tikkostitwixxi raġuni biex ma jkunx hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Att Baġitarju. Għall-kuntrarju, huwa preċiżament f'reċessjonijiet għal għarrieda li jista' jkun mistenni li jseħħu devjazzjonijiet mil-livell fil-mira.

Aħna kkonkludejna wkoll li l-Gvern kien żied il-limiti massimi tal-infiq għall-2021 u l-2022 b'mod li ma kienx appoġġat mill-qafas u li rriskja li jwassal għal prijoritajiet ta' nfiq inqas effettivi. Il-livelli tant kienu għoljin li l-funzjoni tal-limitu massimu bħala strument li jappoġġa l-mira tas-surplus tqiegħdet f'riskju. Żidiet biex tiġi koperta biss il-ħtieġa li rriżultat mill-politika ta' stabbilizzazzjoni li l-Gvern kien fil-fatt qed isegwi kienu jkun alternattiva aktar xierqa, flimkien ma' marġni għal inċertezza makroekonomika kbira mhux tas-soltu. Jekk il-kundizzjonijiet tal-politika fiskali jerġġu jinbidlu b'mod drammatiku, il-Gvern dejjem kellu l-opportunità li jmur lura għand ir-Riksdag bi proposti għal livelli ġodda tal-limitu massimu tal-infiq.

Aħna rrakkomandajna wkoll li l-ambitu tal-miżuri temporanji u permanenti f'dak li jirrigwarda n-naħa tal-infiq tal-baġit ikun tajjeb li jiġi ċċarat sa mhux aktar tard fl-Abbozz ta' Liġi li jmiss dwar il-Politika Fiskali għar-Rebbiegħa 2021.

Riskji fl-implimentazzjoni tal-baġit



TRIBUNAL DE
CONTAS

Il-Portugall

Tribunal de Contas

Riskji fl-użu ta' riżorsi pubbliċi fl-immaniġġjar ta' emerġenzi (COVID-19)

Ippubblikat	Tip ta' awditu	Perjodu kopert	Link
1.6.2020	Analiżi	Mill-bidu tal-pandemija	PT

Xi vvalutajna u għaliex

B'dan id-dokument, aħna ppruvajna niġbdu l-attenzjoni, fi stadju bikri ħafna tal-pandemija, għal għadd ta' riskji li huma rilevanti għall-ġestjoni finanzjarja matul l-emerġenzi u li ma jridux jintesew fil-kriżi tas-saħħa, ekonomika, soċjali u finanzjarja kkawżata mill-COVID-19.

X'sibna

Aħna identifikajna riskji relatati mhux biss mal-kriżi u mal-immaniġġjar tal-miżuri ta' emerġenza, mal-għajjnuna ta' emerġenza u dik pubblika, mad-dgħajfien tal-kontrolli u tal-integrità, u mas-sistemi tal-akkwist pubbliku u tal-informazzjoni, iżda wkoll relatati mat-trasparenza fiskali (fir-rigward tal-kejl tal-ispejjeż u tal-impatti tal-miżuri ta' emerġenza), u mar-rapporti kontabilistiċi.

L-aspetti indirizzati ħadu kont tal-karatteristiċi tas-soltu tas-sitwazzjonijiet ta' emerġenza, ir-rakkomandazzjonijiet internazzjonali, il-leġiżlazzjoni eċċezzjonali diġà maħruġa, u r-riżultati tal-awditi u ta' kontrolli oħra diġà mwettqa f'ċirkustanzi komparabbli.

Xi kkonkludejna

Aħna wissejna lill-korpi kollha li jimmaniġġjaw fondi pubbliċi dwar il-ħtieġa li jkunu konxji ta' dawn ir-riskji, u li jqisu jieħdu miżuri biex jimmitigawhom, partikolarment fir-rigward taċ-ċarezza u l-koerenza tal-leġiżlazzjoni u tar-regolamenti, filwaqt li joħorġu linji gwida għall-implimentazzjoni armonizzata tal-miżuri, jistabbilixxu mekkaniżmi ta' monitoraġġ, jiddefinixxu u jikkoordinaw ir-responsabbiltajiet, u jipprevienu d-duplikazzjoni tal-appoġġ.

Saret ukoll enfasi fuq l-importanza li jiġu kkonfigurati b'mod xieraq is-sistemi tal-informazzjoni għall-implimentazzjoni tal-appoġġ, li jiġu msaħħa s-sistemi tas-sigurtà tal-IT, li jiġu vvalutati u ssalvagwardjati l-integrità tal-persunal kollu involut fl-azzjonijiet ta' rispons ta' emerġenza, u li jiġu ggarantiti t-trasparenza u r-reklamar tal-proċeduri u tal-azzjonijiet, partikolarment meta l-appoġġ u l-kuntratti jew l-għotjiet pubbliċi jkunu involuti.

Aħna għbidna l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġu ddokumentati u ssostanzjati l-proċeduri u d-deċiżjonijiet kollha, u li jinżammu l-kontrolli bażiċi, b'hekk jiġu żgurati s-separazzjoni tad-dmirijiet, il-kontroverifiki, il-konferma tal-kunsinni, il-kontrolli tal-istokkijiet u dawk fiżiċi, u li l-kontrolli *ex ante* jiġu sostitwiti b'kontrolli matul jew wara l-proċeduri.

Aħna enfasizzajna li r-rappurtar, ir-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont għar-riżorsi użati jinvolve ż-żamma ta' rekord dettaljat tal-azzjonijiet kollha għall-implimentazzjoni tal-miżuri tal-COVID-19, tal-infiq kollu relatat kif ukoll tal-introjtu fiskali mnaqqas, għall-iskop tal-kejl tal-effetti tagħhom, fi ħdan qafas li jippermetti li jiġu vvalutati l-impatt fuq il-finanzi pubbliċi u s-sostenibbiltà tal-miżuri.

Aħna analizzajna kull wieħed minn dawn l-oqsma ta' riskju, ikkwotajna sejbiet minn awditi preċedenti, u għamilna rakkomandazzjonijiet aktar dettaljati għal kull wieħed mill-oqsma kkonċernati.

Qasam prijoritarju: Rispons ġenerali f'livelli differenti tal-Gvern

56 Il-firxa u n-natura multidimensjonali tal-kriżi ġiegħlu lill-gvernijiet fil-livelli kollha (nazzjonali u subnazzjonali) joperaw f'kundest ta' inċertezza filwaqt li jiffaċċjaw kompromessi diffiċli bejn l-imperattivi tas-saħħa, ekonomiċi u soċjali. L-urġenza tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-miżuri ta' prevenzjoni u ta' konteniment inevitabbilment żiedet ir-riskji għall-ekonomija, għall-effiċjenza u għall-effettività tal-azzjoni mill-Gvern, u ta' ksur għar-regoli u l-proċeduri preċedenti.

57 Is-SAI tar-Rumanija awditjat l-immaniġġjar tar-riżorsi pubbliċi fil-livelli kollha tal-Gvern, u s-SAI tal-Portugall eżaminat l-impatti lokali tal-miżuri tal-COVID-19.

II-livelli kollha tal-Gvern



Ir-Rumanija
Curtea de Conturi a României

Immaniġġjar tar-riżorsi pubbliċi matul l-istat ta' emerġenza

Ippubblikat	Tip ta' awditu	Perjodu kopert	Link
11.8.2020	Awditu tal-konformità	Marzu-Ġunju	RO

Xi vvalutajna u għaliex

Il-pandemija globali tal-COVID-19 tefgħet lid-dinja fi kriżi. Ir-Rumanija ma kinitx eċċezzjoni, u ppruvat timmaniġġja s-sitwazzjoni bl-użu tar-riżorsi u tal-esperjenza tagħha stess.

Fid-dawl tal-mod kif is-sitwazzjoni epidemjoloġika kienet qed tevolvi, f'Marzu 2020, il-President tar-Rumanija ħareġ żewġ *Digrieti li jimponu u jestendu l-istat ta' emerġenza* fil-pajjiż kollu kemm hu. Iż-żewġ digrieti stabbilew dmirijiet u kompiti ġodda għal ċerti awtoritajiet u istituzzjonijiet pubbliċi, filwaqt li wasslu għall-impenn ta' nfiq addizzjonali mill-fondi pubbliċi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-COVID-19 permezz ta' korrezzjonijiet baġitarji.

F'dan il-kuntest, il-Parlament Rumien iddeċieda li, sa mhux aktar tard minn 60 jum wara t-tmiem tal-istat ta' emerġenza, jenħtieġ li nawditjaw l-immaniġġjar tar-riżorsi pubbliċi matul dak il-perjodu u nippreżentaw rapport bis-sejbiet, bil-konklużjonijiet u bil-proposti.

X'sibna

Id-deċiżjoni tal-Parlament kienet tfisser li aħna kellna naġġustaw il-programm ta' ħidma annwali tagħna. F'konformità mal-kalendarju tal-inkarigi tal-awditjar li l-Laqqgħa Plenarja adottat għall-perjodu minn Mejju sa Lulju 2020, ġew inklużi fil-programm u twettqu 949 awditu tal-konformità. Minn dawn, 284 inkarigi twettqu fil-livell tal-Gvern ċentrali, u 665 twettqu fil-livell tal-Gvern lokali.

L-entitajiet awditjati ntgħażlu abbażi tal-ammonti li ġew allokatu mill-baġits ċentrali u lokali għall-immaniġġjar tal-istat ta' emerġenza. Dawn kienu jinkludu awtoritajiet li

rċevew flus u għamlu xiri importanti, iżda wkoll dawk li ġew assenjati responsabbiltajiet u dmirijiet addizzjonali.

Ir-rapport speċjali li jirriżulta minn dawn l-inkarigi jikkonsisti f'żewġ taqsimiet prinċipali: il-Gvern lokali u l-Gvern ċentrali.

F'kull taqsima, ir-rapport jippreżenta d-dmirijiet u l-kompiti tal-awtoritajiet b'rabta mal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-pandemija, kif ukoll is-sejbiet rigward l-immaniġġjar tar-riżorsi użati għal dak l-iskop, miġbura flimkien skont l-oqsma bħas-sistema tas-saħħa, l-appoġġ ekonomiku, l-impjiegi u l-protezzjoni soċjali, u miżuri ġenerali biex jiġi limitat u kkontrollat it-tixrid tal-pandemija tal-COVID-19.

Matul il-perjodu kopert mir-rapport, ir-Rumanija aċċettat tnaqqis fid-dħul baġitarju permezz ta' sensiela ta' miżuri fiskali u tnaqqis fl-attività ekonomika li tiġġenera d-dħul. L-intervent ekonomiku ħa l-forma ta' mobilizzazzjoni tar-riżorsi pubbliċi biex tiġi appoġġata l-attività produttiva u jiġi impenjat infiq eċċezzjonali biex tiġi miġġielda l-pandemija u jittaffa l-iskoss ekonomiku.

L-iskala tal-infiq awditjat kienet tvarja skont iż-żona, bil-kategoriji prinċipali tal-ispiża ikunu:

- l-impenji legali assenjati għall-akkwist pubbliku matul l-istat ta' emerġenza – madwar EUR 209.6 miljun;
- l-assistenza medika/l-istokkijiet mediċi ta' emerġenza – madwar EUR 54.43 miljun;
- l-impjiegi u l-protezzjoni soċjali/l-ispejjeż imġarrba mill-introduzzjoni tal-kwarantina – madwar EUR 754.12 miljun;
- l-ispejjeż tal-Gvern lokali – rimborż tal-infiq relatat mal-kwarantina – madwar EUR 26.67 miljun;

L-awditi żvelaw xi irregolaritajiet, il-biċċa l-kbira minnhom kienu fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni matul l-istat ta' emerġenza. Għaldaqstant:

- Kien hemm nuqqas ta' konformità okkażjonali mal-prinċipji li jirregolaw l-għoti tal-kuntratti ta' akkwist pubbliku (nondiskriminazzjoni u trattament indaqs tal-operaturi ekonomiċi, trasparenza fl-għoti ta' kuntratti, eċċ.).
- Ma ġiet żviluppata jew implimentata l-ebda proċedura operazzjonali jew sistematika biex jiġu ttrattati l-emerġenzi.

- Il-leġiżlazzjoni speċifika ma ġietx infurzata b'mod rigoruż, speċjalment fir-rigward tad-drittijiet tal-pagi.
- F'xi każijiet, ir-rekwiżiti legali ma ġewx osservati meta nxitraw il-mediċini, il-provvisti mediċi u t-tagħmir, jew minħabba nuqqasijiet fis-suq jew minħabba prezzijiet tas-suq għoljin wisq, li wasslu għal akkwist b'valuri li kienu ogħla minn dawk stmati.
- Ma ġiet stabbilita l-ebda riżerva għas-sitwazzjonijiet speċjali previsti fil-leġiżlazzjoni sussidjarja, u għalhekk dawn kienu iżgħar milli kien legalment meħtieġ, eċċ.
- Ma nġabrux biżżejjed stokkijiet mediċi urġenti fi ħdan id-dati ta' skadenza inizjali tal-akkwist.

Xi kkonkludejna

Aħna enfazzzajna li, b'mod ġenerali, il-fondi pubbliċi użati fil-prevenzjoni u l-kontroll tal-pandemija tal-COVID-19 ġew immaniġġjati f'konformità mal-iskop, mal-oġettivi u mar-responsabbiltajiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni ta' emerġenza.

B'mod ġenerali, l-awtoritajiet pubbliċi qdew id-dmirijiet li ġew fdati lilhom biex jilqgħu l-isfida li għadha għaddejjja tat-teħid ta' miżuri eċċezzjonali f'sitwazzjoni ta' emerġenza, filwaqt li kellhom l-obbligu li jirrispettaw il-qafas legali li jirregola l-attività tagħhom. Ma kien hemm l-ebda żball serju, għalkemm xi problemi ġew riżolti ta' malajr.

Għall-futur, qed jitqies l-iżvilupp ta' metodi ta' rispons għall-kriżijiet, bħal:

- it-tfassil/l-espansjoni ta' pjan ta' azzjoni nazzjonali li jirregola b'mod ċar l-attivitàjiet u l-passi proċedurali li għandhom jiġu segwiti f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza;
- it-tfassil/l-emendar/l-estensjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza;
- l-istabbiliment ta' azzjoni ta' emerġenza u ta' proċeduri ta' finanzjament biex tiġi ssimplifikata l-komunikazzjoni;
- it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' skemi għall-motivazzjoni tal-persunal involut direttament f'attivitàjiet essenzjali matul stat ta' emerġenza/twissija.

Gvern lokali



Il-Portugall
Tribunal de Contas

Impatt tal-miżuri tal-COVID-19 li ġew adottati mill-korpi tal-gvern lokali fil-Portugall kontinentali

Ippubblikat	Tip ta' awditu	Perjodu kopert	Link
18.12.2020	Ħarsa ġenerali	Marzu-Settembru	PT

Xi vvalutajna u għaliex

Il-COVID-19 kellha effett ekonomiku, soċjali u finanzjarju profund fuq is-soċjetà Portugiża u fuq il-korpi tal-Gvern lokali, partikolarment il-muniċipalitajiet, li kellhom rwol importanti fil-mitigazzjoni tal-effetti tal-kriżi billi huma jinsabu fuq quddiem nett f' termini ta' intervent u għandhom kompetenza soċjoekonomika estensiva.

Kien importanti li wieħed jifhem il-kuntest tal-intervent muniċipali, ir-riżorsi finanzjarji involuti u kif dawn intużaw. Aħna ppruvajna:

- o nanalizzaw il-miżuri leġiżlattivi temporanji eċċezzjonali li kellhom l-għan li jagħtu s-setgħa lill-muniċipalitajiet biex jindirizzaw l-effetti soċjoekonomiċi tal-pandemija, filwaqt li identifikkaw t-tipi ta' miżuri li ntużaw biex jirrispondu għall-ħtiġijiet kemm tal-popolazzjoni b' mod ġenerali kif ukoll tal-korpi lokali li jipprovdu appoġġ soċjali u ekonomiku;
- o nikkwantifikaw l-infiq involut fl-isforz muniċipali, filwaqt li analizzajna t-tqassim tiegħu fit-territorju kontinentali Portugiż u ddeterminajna r-relazzjoni bejn l-infiq u l-prevalenza tal-każijiet;
- o nikkontrollaw kif il-miżuri huma riflessi permezz tal-akkwist pubbliku, filwaqt li analizzajna l-kuntratti relatati mal-ġlieda kontra l-effetti tal-pandemija.

X'sibna

Sabiex titrawwem u tiġi ggarantita l-kapaċità ta' rispons tal-awtorità lokali fil-kuntest tal-pandemija, ġew approvati miżuri finanzjarji temporanji eċċezzjonali. Dawn kienu jinkludu l-avvanz tad-dħul muniċipali, il-flessibbiltà fis-sistema muniċipali ta' kreditu u ta' dejn, l-adozzjoni ta' miżuri biex jassistu lil persuni vulnerabbli, l-appoġġ soċjali u l-eżenzjonijiet.

Il-muniċipalitajiet b'livelli ogħla ta' dejn u dawk suġġetti għal pjanijiet ta' aġġustament finanzjarju tħallew jissospendu l-konformità mad-dispożizzjonijiet kuntrattwali li jillimitaw il-possibbiltà tagħhom li joffru benefiċċji tat-taxxa u eżenzjonijiet mit-taxxa, jiddefinixxu l-prezzijiet fis-setturi tas-sanità, tal-ilma u tal-iskart, u jstabbilixxu prezzijiet u imposti ġodda. Il-fatt li dawn il-benefiċċji jistgħu jerġgħu jiġu offruti liċ-ċittadini għandu impatt soċjali qawwi.

Il-muniċipalitajiet implimentaw miżuri u pjanijiet differenti, li kienu jfissru kemm żieda fl-infiq, pereżempju permezz ta' appoġġ lill-familji u lill-kumpaniji jew it-tqassim mingħajr ħlas ta' oġġetti jew il-forniment ta' servizzi, kif ukoll tnaqqis fid-dħul, permezz tal-ġhoti ta' eżenzjonijiet u t-tnaqqis fl-imposti u fil-prezzijiet.

Il-biċċa l-kbira mill-muniċipalitajiet iħabbru l-miżuri tagħhom fuq is-siti web tagħhom, iżda ftit huma dawk li juru *data* dwar l-implimentazzjoni. Ħafna għażlu li jżidu l-fondi ta' emerġenza muniċipali biex jindirizzaw l-impatt soċjali tal-pandemija jew saħansitra biex joħolqu fondi assenjati speċifikament għall-effetti tal-COVID-19.

Biex nuru l-varjetà tal-iskopijiet u tal-benefiċjarji, dawn huma wħud mill-aktar miżuri komuni:

- o tqassim ta' tagħmir protettiv personali;
- o ġhoti ta' eżenzjonijiet u tnaqqis fil-kera għal spazji residenzjali jew kummerċjali mmaniġġjati mill-muniċipalitajiet;
- o eżenzjonijiet mit-tariffi tal-ilma, tas-sanità u tal-iskart, kif ukoll tnaqqis f'dawn it-tariffi;
- o assenjazzjoni jew self ta' kompjuters u ta' tagħmir tal-kompjuters lill-istudenti;
- o tqassim ta' ikliet u ta' ikel lill-istudenti u lill-persuni fil-bżonn;
- o forniment jew finanzjament ta' testijiet għall-COVID-19;
- o appoġġ finanzjarju u loġistiku lill-organizzazzjonijiet tal-assistenza soċjali li jkun mmexxija mill-privat;

- o linji ta' appoġġ psikoloġiku;
- o appoġġ għax-xiri ta' mediċini;
- o kampanji ta' sensibilizzazzjoni;
- o appoġġ għan-negozji lokali u għar-ristoranti; u
- o appoġġ għall-użu tat-trasport pubbliku.

Xi kkonkludejna

Aħna kkonkludejna li l-awtoritajiet lokali kellhom rwol importanti ħafna fl-implimentazzjoni ta' miżuri biex jiġu mmitigati l-effetti tal-pandemija, billi pprovdew approċċ fuq diversi livelli li minnu bbenefikaw il-familji, il-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet.

Skont id-*data* parzjali disponibbli, l-infiq kien aktar minn EUR 166 miljun bejn Marzu u tmien Settembru 2020. L-ispejjeż kienu jinkludu x-xiri ta' oġġetti u servizzi (notevolment tagħmir protettiv personali), it-trasferimenti attwali (għall-appoġġ lill-familji u lill-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ), l-ispejjeż għall-persunal u x-xiri ta' oġġetti kapitali. Matul dan il-perjodu, il-korpi tal-Gvern lokali kkonkludew 5 529 kuntratt għax-xiri ta' oġġetti u servizzi relatati mal-pandemija (EUR 83.2 miljun).

Il-kuntratti għax-xiri ta' oġġetti jikkonċernaw prinċipalment it-tagħmir u l-apparat mediku (eż. ventilaturi, testijiet għall-COVID-19 u diżinfettanti), it-tagħmir ta' sikurezza u dak protettiv (eż. maskri, viżieri, ingwanti), il-kompjuters u t-tagħmir tal-kompjuters (għat-telexoġhol u t-tagħlim mill-bogħod), il-prodotti tal-ikel u l-materjali għat-tindif, id-diżinfezzjoni u l-iġjene. Is-servizzi jinkludu l-ittestjar, il-monitoraġġ, it-tindif u d-diżinfezzjoni, il-forniment tal-ikel, l-akkomodazzjoni u l-kiri ta' tagħmir tal-kompjuters.

Anness – Lista sħiħa ta' pubblikazzjonijiet relatati mal-COVID mis-SAIs tal-UE fl-2020

Il-Belġju

Volum III tal-Ktieb tas-Sigurtà Soċjali 2020: L-impatt tal-kriżi tas-saħħa kkawżata mill-COVID-19 fuq id-dħul u l-infiq tas-sigurtà soċjali, Analiżi Baġitarja, ippubblikata fis-16.9.2020

FR

NL

Il-177 Rapport Ġenerali – Parti III: Kont Ġenerali tal-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Istat Federali, Analiżi Baġitarja, ippubblikata fit-28.10.2020

FR

NL

Anness 2 tal-kummenti dwar it-tieni abbozz ta' baġit aġġustat tal-Gvern Fjamming għas-sena 2020 u dwar il-baġit tal-Gvern Fjamming għas-sena 2021, Analiżi Baġitarja, ippubblikata fl-20.11.2020

NL

Kuntratt tal-Gvern għat-traċċar tal-kuntatti b'rabta mal-COVID-19, ippubblika fil-25.11.2020

NL

Ċipru

Awditu tal-offerti relatati mal-pandemija tal-COVID-19, Awditu tal-konformità, ippubblikat fit-13.10.2020

EL

Il-Ġermanja

Skedi informattivi dwar il-baġit supplimentari għall-2020 indirizzati lill-Kumitat tal-Baġit tal-Parlament Ġermaniż, Awditu tal-prestazzjoni/tal-konformità, ippubblikat fis-27.3.2020

DE

Rapport bi skop speċjali dwar is-seduta pubblika tal-Kumitat tal-Baġit tal-Parlament Ġermaniż li jiddelibera t-tieni baġit supplimentari għall-2020, Awditu tal-prestazzjoni/tal-konformità, ippubblikat fid-29.6.2020

DE

[Sommarju EN](#)

Rapport ta' konsulenza dwar l-għotjiet kapitali mogħtija lil Deutsche Bahn ("Need for better governance of the proposed COVID-19 grants for Deutsche Bahn"): indirizzat lill-Kumitat tal-Baġit tal-Parlament Ġermaniż, Awditu tal-prestazzjoni/tal-konformità, ippubblikat fil-5.10.2020

DE

Rapport ta' konsulenza dwar l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-iskema tal-assigurazzjoni statutorja tas-saħħa, indirizzat lill-Kumitat tal-Baġit tal-Parlament Ġermaniż, Awditu tal-prestazzjoni/tal-konformità, ippubblikat fit-13.11.2020

DE

Rapport ta' konsulenza dwar il-flus għall-assenza bil-permess: il-Gvern irid jimmitiga r-riskju ta' frodi. Rapport indirizzat lill-Kumitat tal-Baġit tal-Parlament Ġermaniż, Awditu tal-prestazzjoni/tal-konformità, ippubblikat fil-11.11.2020

DE

[Sommarju EN](#)

Rapport ta' konsulenza dwar il-ħtiġijiet ta' finanzjament relatati mal-COVID-19 tal-grupp Deutsche Bahn u marġni ta' manuvra għall-governanza federali, indirizzat lill-Kumitat tal-Baġit tal-Parlament Ġermaniż, Awditu tal-prestazzjoni/tal-konformità, ippubblikat fl-24.11.2020

DE

Anness – Lista sħiħa ta' pubblikazzjonijiet relatati mal-COVID mis-SAIs tal-UE fl-2020

100

L-Iżvezja

Il-qafas tal-politika fiskali – l-applikazzjoni mill-Gvern fl-2020, Awditu tal-prestazzjoni, ippubblikat fis-17.12.2020

SV

[Sommarju EN](#)

Il-Latvja

Il-kriżi tal-COVID-19 u l-avviżi tal-awtoritajiet kompetenti dwar l-akkwist bil-għan li jillimitaw it-tifqigħa tal-COVID-19, kif ukoll dwar id-devjazzjonijiet fil-valutazzjoni tal-konformità tal-merkanzija, Rapport dwar l-Analiżi tas-Sitwazzjoni, ippubblikat fl-20.7.2020

LV

Proċess ta' kunsinna ta' tagħmir protettiv personali (maskri tal-wiċċ u respiraturi protettivi) fis-settur tas-saħħa, Awditu finanzjarju/tal-konformità, ippubblikat fl-20.7.2020

LV

[Sommarju EN](#)

Is-sistema tal-akkwist stabbilita mill-Ministeru għad-Difiża u l-akkwisti magħmula matul l-emerġenza biex jiġi limitat it-tixrid tal-COVID-19, Awditu finanzjarju/tal-konformità, ippubblikat fis-17.8.2020

LV

[Sommarju EN](#)

L-użu tal-fondi addizzjonali allokat lill-Ministeru għall-Intern għax-xiri ta' tagħmir protettiv personali u diżinfettanti, Awditu finanzjarju/tal-konformità, ippubblikat fit-2.9.2020

LV

[Sommarju EN](#)

L-użu tal-fondi allokat lill-Ministeru għall-Ġustizzja biex nutara li ħadu l-ġurament jiġu ttrasferiti għand il-Kunsill Latvjan, Awditu finanzjarju/tal-konformità, ippubblikat fil-11.9.2020

LV

Anness – Lista sfiha ta' pubblikazzjonijiet relatati mal-COVID mis-SAIs tal-UE fl-2020

101

L-użu tal-fondi allokat lill-Ministeru għall-Ġustizzja għall-pagament ta' benefiċċji li jingħataw f'każ ta' kriżi lill-kleru u lill-ministeri tal-unjonijiet reliġjużi (knejjes), Awditu finanzjarju/tal-konformità, ippubblikat fid-29.9.2020

[LV](#)

Tagħlim mill-bogħod f'sitwazzjoni ta' emerġenza, Awditu finanzjarju/tal-konformità, ippubblikat fit-30.9.2020

[LV](#)

[Sommarju EN](#)

L-użu tal-finanzjament addizzjonali għall-bonusijiet għall-uffiċjali tal-affarijiet interni involuti direttament fit-trażżin tat-tixrid tal-COVID-19, Awditu finanzjarju/tal-konformità, ippubblikat fl-14.10.2020

[LV](#)

[Sommarju EN](#)

L-użu tal-fondi allokat lill-Ministeru għall-Protezzjoni Soċjali għall-pagament tal-allowances għall-benefiċċju għaż-żmien ta' waqfien mix-xogħol għal kull wild dipendenti u l-benefiċċju ta' għajna għaż-żmien ta' waqfien mix-xogħol u s-suppliment għall-pagament tagħhom, Awditu finanzjarju/tal-konformità, ippubblikat fis-26.11.2020

[LV](#)

L-użu tal-finanzjament allokat lill-Ministeru għall-Protezzjoni Soċjali għall-kontinwazzjoni tal-pagament tal-benefiċċju għall-ġenituri, tal-bonus ta' darba għall-benefiċċju għall-familja li jingħata mill-Istat għall-pagament għal wild b'diżabbiltà u għaż-żieda fl-ammont tal-benefiċċju għall-indukrar tat-tfal, Awditu finanzjarju/tal-konformità, ippubblikat fis-26.11.2020

[LV](#)

[Sommarju EN](#)

L-użu tal-fondi allokat lill-Ministeru tal-Finanzi għall-pagament tal-benefiċċju għall-perjodu ta' inattività, Awditu finanzjarju/tal-konformità, ippubblikat fis-26.11.2020

[LV](#)

[Sommarju EN](#)

L-użu tal-fondi allokat lill-Ministeru għall-Ġustizzja għal bonusijiet lill-impjegati tal-Amministrazzjoni tal-Ħabs li kienu involuti direttament fit-trażżin tal-COVID-19, Awditu finanzjarju/tal-konformità, ippubblikat fl-14.12.2020

[LV](#)

[Sommarju EN](#)

L-allokkazzjoni u l-użu tal-fondi mill-programm baġitarju tal-istat “Fondi ta’ Kontinġenza” għall-appoġġ mill-media biex jittaffew il-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, Awditu finanzjarju/tal-konformità, ippubblikat fit-22.12.2020

LV

[Sommarju EN](#)

Il-finanzjament mill-programm tal-baġit tal-istat “Fondi ta’ Kontinġenza” għal xogħlijiet ta’ tiswija fl-isptarijiet intalab għal ħtiġijiet mhux previsti u mhux ippjanati fil-baġit annwali?, Awditu finanzjarju/tal-konformità, ippubblikat fit-22.12.2020

LV

L-użu tal-fondi allokat għall-media elettronika tal-massa b’rabta mal-kriżi tal-COVID-19, Awditu finanzjarju/tal-konformità, ippubblikat fit-22.12.2020

LV

[Sommarju EN](#)

II-Litwanja

L-integrazzjoni Soċjali tal-Persuni b’Diżabbiltà, Awditu tal-Prestazzjoni, ippubblikat fis-7.9.2020

LT

[Sommarju EN](#)

Il-Bidliet fl-Edukazzjoni Jiddeterminaw il-Kisba ta’ Tagħlim Aħjar?, Awditu tal-prestazzjoni, ippubblikat fl-14.9.2020

LT

[Sommarju EN](#)

Immaniġġjar tal-kriżi tal-COVID-19 u ta’ emerġenzi, Valutazzjoni, ippubblikata fit-30.11.2020

LT

[Sommarju EN](#)

Immaniġġjar tal-Infrastruttura tat-Toroq, Awditu tal-prestazzjoni, ippubblikat fl-1.12.2020

LT

[Sommarju EN](#)

In-Netherlands

L-ittestjar għall-coronavirus: x'ġara fir-rebbiegħa?, Investigazzjoni tal-fokus, ippubblikata fit-23.9.2020

[NL](#) [Sommarju EN](#)

Riskju ta' abbuż u użu ħażin tal-iskema NOW għaż-żamma tal-impjeggi, Investigazzjoni tal-fokus, ippubblikata fit-23.9.2020

[NL](#)

Fokus fuq it-telexogħol diġitali, Investigazzjoni tal-fokus, ippubblikata fit-2.11.2020

[NL](#) [EN](#)

Appoġġ individwali lill-kumpaniji matul il-kriżi tal-COVID, Awditu tal-prestazzjoni, ippubblikat fit-12.11.2020

[NL](#) [Sommarju EN](#)

Il-kriżi tal-COVID: ir-riskji tal-avalli u tas-self lill-finanzi pubbliċi, Awditu finanzjarju/tal-konformità, ippubblikat fil-25.11.2020

[NL](#) [Sommarju EN](#)

Il-Portugall

Riskji fl-użu ta' riżorsi pubbliċi fl-immaniġġjar ta' emerġenzi (COVID-19), Analiżi, ippubblikata fl-1.6.2020

[PT](#)

Miżuri ta' emerġenza u Eżekuzzjoni Fiskali matul l-ewwel tliet xhur, Rapport Analitiku, ippubblikat fis-16.7.2020

[PT](#)

L-akkwist pubbliku suġġett għal proċeduri eċċezzjonali matul il-kriżi tal-COVID-19, Ħarsa ġenerali, ippubblikata fil-21.7.2020

[PT](#)

Anness – Lista sħiħa ta' pubblikazzjonijiet relatati mal-COVID mis-SAIs tal-UE fl-2020

104

COVID-19 – Impatt fuq l-attività tas-sistema nazzjonali tal-kura tas-saħħa u fuq l-aċċess għall-kura tas-saħħa, Ħarsa ġenerali, ippubblikata fil-15.10.2020

PT

Eżekuzzjoni tal-pjan operazzjonali nazzjonali ffinanzjat mill-Fond għal Għajjnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (inkluża analiżi tal-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq l-għajjnuna alimentari pprovduta minn dan il-pjan), Awditu tal-prestazzjoni, ippubblikat fit-23.10.2020

PT

L-impatt tal-miżuri tal-COVID-19 li ġew adottati mill-korpi tal-Gvern lokali fil-Portugall kontinentali, Ħarsa ġenerali, ippubblikata fit-18.12.2020

PT

Ir-Rumanija

Immaniġġjar tar-riżorsi pubbliċi matul l-istat ta' emerġenza, Awditu tal-konformità, ippubblikat fil-11.8.2020

RO

Is-Slovakkja

Immaniġġjar ta' riżervi materjali tal-Istat f' sitwazzjonijiet ta' emerġenza, Awditu tal-prestazzjoni, ippubblikat fil-21.12.2020

SK

II-QEA

L-Opinjoni Nru 3/2020 dwar l-emenda tar-regolament tal-UE għall-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej b'reazzjoni għat-tifqigħa tal-COVID-19, Opinjonijiet, ippubblikata fil-15.4.2020

Lingwi uffiċjali tal-UE

L-Opinjoni Nru 4/2020 rigward ir-regolament propost dwar REACT-EU u r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni li jirregola l-fondi SIE, Opinjonijiet, ippubblikata fl-14.7.2020

Lingwi uffiċjali tal-UE

Anness – Lista sħiħa ta' pubblikazzjonijiet relatati mal-COVID mis-SAIs tal-UE fl-2020

105

L-Opinjoni Nru 6/2020 dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, Opinjoni, ippubblikata fid-9.9.2020

[Lingwi uffiċjali tal-UE](#)

Ir-Rapport Analitiku Nru 6/2020: Riskji, sfidi u opportunitajiet fir-rispons tal-politika ekonomika tal-UE għall-kriżi tal-COVID-19, Rapport Analitiku, ippubblikat fid-9.12.2020

[Lingwi uffiċjali tal-UE](#)

Abbrezzazzjonijiet

ASMR: L-Amministrazzjoni tar-Riżervi Materjali tal-Istat (is-Slovakkja)

BEI: Il-Bank Ewropew tal-Investment

CRII: Inizjattiva ta' Investment fir-Rispons għall-Coronavirus

ECDC: Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard

EMA: L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

EMM: Media elettronika tal-massa

ESI: Strument għall-Appoġġ ta' Emerġenza

EUROSAI: L-Organizzazzjoni Ewropea tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar

FSIE: Il-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej

ICT: Teknoloġija tal-informatika u tal-komunikazzjoni

ICU: Unità tal-kura intensiva

NEMMC: Il-Kunsill Nazzjonali tal-Media Elettronika tal-Massa (il-Latvja)

NGEU: Next Generation EU

OECD: L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi

PDG: Prodott domestiku gross

PEPP: Programm ta' Xiri ta' Emerġenza fil-każ ta' Pandemija

PPD: Id-Direttorat għax-Xiri u l-Akkwist (Ċipru)

PPE: Tagħmir protettiv personali

QFP: Qafas finanzjarju pluriennali

REACT-EU: Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa

RRF: Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

SAIs: Istituzzjonijiet supremi tal-awditjar

SARS: Sindromu Respiratorju Akut Gravi

SEK: Krona Żvediża

SIF: Fondazzjoni għall-Integrazzjoni fis-Soċjeta' (il-Latvja)

SME: Intrapriża żgħira jew medja

SRS: Servizz tad-Dħul tal-Istat (il-Latvja)

SURE: Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza

TFUE: It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

UNWTO: L-Organizzazzjoni Dinjija tat-Turiżmu tan-Nazzjonijiet Uniti

VAT: Taxxa fuq il-valur miżjud

WHO: L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa

Glossarju

Assistenza finanzjarja: Appoġġ finanzjarju tal-UE mogħti lill-Istati Membri f' diffikultà finanzjarja biex jiġu restawrati għas-saħħa makroekonomika jew finanzjarja u jiġi żgurati li dawn ikunu kapaċi jissodisfaw l-obbligi tagħhom tas-settur pubbliku jew tal-bilanċ tal-pagamenti.

Differiment ta' taxa: Dewmien awtorizzat fil-pagament ta' obligazzjoni ta' taxa f'xi mument fil-futur.

Diġitalizzazzjoni: Il-bidla lejn l-inkorporazzjoni u l-użu tat-teknoloġija diġitali u tal-informazzjoni diġitalizzata biex il-proċessi u l-kompiti jsiru aktar sempliċi, aktar rapidi, aktar effiċjenti u/jew aktar ekonomiċi.

Diżinformazzjoni: Il-komunikazzjoni ta' informazzjoni falza jew qarrieqa għall-iskop ta' ingann.

Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej: Il-ħames fondi prinċipali tal-UE li flimkien jipprovdu appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku fl-UE kollha: il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd.

Għajnuna mill-Istat: Appoġġ, dirett jew indirett, li l-gvern jagħti għal negozju jew għal organizzazzjoni, u li jagħtihom vantaġġ meta mqabbla mal-kompetituri tagħhom.

Kura tas-saħħa elettronika: L-applikazzjoni ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fil-firxa kollha ta' funzjonijiet li jaffettwaw is-settur tas-saħħa.

Lockdown: Restrizzjoni fuq il-moviment tal-persuni fi spazju partikolari (fid-dar, jew f'belt, reġjun jew pajjiż) biex jiġi pprevenut jew jitnaqqas it-tixrid ta' aġent infettiv matul pandemija.

Orizzont 2020: Il-programm tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni għall-perjodu 2014-2020.

Pandemija: Tifqigħa ta' marda infettiva madwar id-dinja jew f'żona wiesgħa ħafna.

Politika ta' koeżjoni: Il-politika tal-UE li għandha l-għan li tnaqqas id-disparitajiet ekonomiċi u soċjali bejn ir-reġjuni u l-Istati Membri billi tippromwovi l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività tan-negozji, it-ktabbir ekonomiku, l-iżvilupp sostenibbli, u l-kooperazzjoni transfruntiera u interreġjonali.

Qafas finanzjarju pluriennali: Il-pjan ta' nfiq tal-UE li jistabbilixxi prijoritajiet (ibbażat fuq l-oġġettivi ta' politika) u limiti massimi, ġeneralment għal perjodu ta' seba' snin. Huwa jipprovdi l-istruttura li fi ħdanha jiġu stabbiliti l-baġits annwali tal-UE, u jillimita l-ammont li jintefaq għal kull kategorija ta' nfiq. Il-QFP attwali jkopri l-perjodu 2021-2027.

Semestru Ewropew: Ċiklu annwali li jipprovdi qafas għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri tal-UE u għall-monitoraġġ tal-progress.

Skema ta' assenza bil-permess: Inizjattiva temporanja li tippermetti li l-impjegaturi jaċċessaw l-appoġġ finanzjarju għall-pagi mħallsa lill-impjegati matul perjodu fejn ċirkustanzi speċifiċi, bħal pandemija jew kriżi, jipprevenuhom milli jaħdmu.

Stabilizzatur awtomatiku: Komponent tal-politika fiskali li jikkompensa l-fluttwazzjonijiet fl-attività ekonomika mingħajr intervent dirett minn dawk li jfasslu l-politika.

Tagħmir protettiv personali (PPE): Oġġetti bħal maskri tal-wiċċ, ingwanti u protezzjoni għall-għajnejn, li huma maħsuba biex jipproteġu lil min jilbishom minn riskji għas-saħħa jew għas-sigurtà.

Tbegħid soċjali: Sett ta' miżuri biex jiġi minimizzat it-tixrid ta' marda infettiva billi jitnaqqas kemm jista' jkun il-kuntatt ma' persuni oħra.

Kif tikkuntattja lill-UE

Personalment

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik f'dan is-sit: https://europa.eu/european-union/contact_mt

Bit-telefown jew bil-posta elettronika

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja dan is-servizz:

- bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq dan in-numru standard: +32 22999696, jew
- bil-posta elettronika permezz: https://europa.eu/european-union/contact_mt

Kif issib tagħrif dwar l-UE

Onlajn

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: https://europa.eu/european-union/index_mt

Pubblikazzjonijiet tal-UE

Tista' tniżżel mill-internet jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE, li xi wħud minnhom huma bla ħlas u xi oħrajn bil-ħlas, minn: <https://publications.europa.eu/mt/publications>. Kopji multipli ta' publikazzjonijiet bla ħlas tista' tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tal-informazzjoni lokali tiegħek (ara https://europa.eu/european-union/contact_mt).

Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1952 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex hawnhekk: <https://eur-lex.europa.eu>

Dejta Miftuħa mill-UE

Il-portal tad-Dejta Miftuħa mill-UE (<http://data.europa.eu/euodp/mt>) jipprovdi aċċess għal settijiet tad-dejta mill-UE. Id-dejta tista' titniżżel mill-internet u tintuża mill-ġdid bla ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.

